# Lejn Edukazzjoni
# ta' Kwalità
# għal Kulħadd

## Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali
## 2011

## Dokument Konsultattiv 2
## Ir-Raġuni Fundamentali
## u l-Komponenti

**Il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kurrikulu:**
Grima Grace (Chairperson), Bezzina Christopher, Camilleri Raymond J. Caruana Horace, Fr Cilia David, Fr Mallia Charles, Micallef Joseph, Mizzi Bernie, Pace Paul, Sollars Valerie, Spiteri Sandro, Testa Mario and Ventura Frank

**Ir-Rappreżentanti tal-Ministeru:**
Birmingham Elaine (Phase I) and Bezzina Doriana (Phase II)

**Il-Grupp tal-Istrateġija tal-Konsultazzjoni:**
Grima Grace (Chairperson), Cachia Stephen, Fr Cilia David, Fr Mallia Charles, Pace Paul, Sciberras Micheline and Sollars Valerie

Mitbuħ: Salesian Press - www.salesianpress.com

www.meef.gov.mt

ISBN NO: 978-99957-0-036-2

# Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali

## Dokument Konsultattiv 2

## Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti

*Dan id-dokument jagħti introduzzjoni dettaljata għall-isfond teoretiku li serva biex ikunu żviluppati l-kunċetti li jispiraw il-proposti tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF). Bis-saħħa tal-preżentazzjoni ta' dehra ġenerali tar-rapporti u dokumenti fundamentali li jirriżaltaw il-kuntest tal-politika lokali flimkien mad-direzzjoni reċenti tal-politika tal-UE, dan id-dokument jintroduċi lill-qarrej għar-raguni fundamentali li mmotivat il-ħarsa mill-ġdid lejn il-kurrikulu eżistenti. L-ewwel taqsima tikkonkludi b'ġabra fil-qosor tal-prinċipji ewlenin tal-NCF li tagħti sommarju tal-bidliet u l-isfidi maġġuri previsti mill-qafas.*

*It-tieni taqsima ta' dan id-dokument tippreżenta l-għanijiet u l-prinċipji ġenerali li fuqhom hu żviluppat l-NCF u li jistgħu jintlaħqu u jkunu realizzati bis-saħħa tal-oqsma tat-tagħlim u suġġetti interkurrikulari proposti.*

*It-tielet u l-aħħar taqsima ta' dan id-dokument tistieden lill-qarrej biex jirrifletti fuq l-implikazzjonijiet li l-organizzazzjoni proposta tal-oqsma tat-tagħlim kurrikulari għandhom għall-pedagoġija, il-prattika u l-proċeduri ta' evalwazzjoni.*

# Werrej


**Taqsima 1: L-Isfond u r-Raġuni Fundamentali** **11**

Introduzzjoni 11

Fejn trid tasal il-ħarsa mill-ġdid 12

Il-Punti minn fejn Titlaq il-Bidla 13

Miti li għandhom bżonn Jinbidlu 18

It-Twemmin Ewlieni tal-NCF 19

Konklużjoni 20

**Taqsima 2: Il-Prinċipji, l-Għanijiet u l-Oqsma tat Tagħlim** **21**

Il-Prinċipji ġenerali 22

L-Għanijiet tal-Edukazzjoni 24

L-Oqsma tat Tagħlim 33

Is-Snin Bikrin 34

L-Oqsma tat Tagħlim għaċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja 37

It-Temi Interkurrikulari 45

Konklużjoni 49

**Taqsima 3: Il-Pedagoġija, il-Prattika u l-Evalwazzjoni** **51**

It-Tagħlim Effettiv 51

L-Assessjar u l-Evalwazzjoni 56

L-Involviment tal-ġenituri u tal-Komunità 62

L-Istrutturi ta' Appoġġ 65

Konklużjoni 69

Referenzi 71

Appendiċi I: Il-Bżonn ta' Politika Nazzjonali dwar il-Lingwa 75

Appendiċi II: Is-Servizzi ta' Appoġġ u Inklużjoni 77

# Messaġġ



**Hon. Dolores Cristina**

Ministru

Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

Il-kunċett li l-pajjiż ikollu Kurrikulu Minimu Nazzjonali li jiggarantixxi li t-tfal kollha jkollhom livell bażiku ta' tagħlim kien introdott permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988.

Ħdax-il sena wara kien ippubblikat l-ewwel Kurrikulu Nazzjonali intitolat *Inwelldu l-ġejjieni Flimkien*. Dan kien jinkludi miri u għanijiet li għadhom jispiraw id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-qasam edukattiv sal-lum. Il-ħsieb bażiku kien iffukat fuq l-iżvilupp ħolistiku tal-istudent, billi jinkoraġixxi u jappoġġja d-deċiżjonijiet tal-edukaturi biex jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità.

Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-kurrikulu fl-1999, bdiet serje ta' diskussjonijiet u analiżi dwar oqsma kruċjali li kienu jippreżentaw sfidi li kien hemm bżonn ikunu indirizzati. Dawn kienu jinkludu l-Edukazzjoni Inklużiva (2005), l-Edukazzjoni fi Skejjel Speċjali (2005), l-Assenteiżmu (2005), L-Edukazzjoni u l-Kura minn Età Bikrija (2006), il-Gwida tal-Karrieri (2007), it-Transizzjoni mill-Primarja għas-Sekondarja (2007), l-Istrateġija tal-*eLearning* 2008-2010, l-Edukazzjoni Fiżika (NAO, 2010).

Wara għaxar snin oħra nħasset il-ħtieġa li neżaminaw dak li akkwistajna, naraw fejn wasalna u, fid-dawl tal-bidliet kbar fis-soċjetà tagħna u madwarna, nirrevedu l-ħsieb tagħna dwar l-edukazzjoni biex nassiguraw li t-tfal kollha jirnexxu. Dan se jkun l-ewwel kurrikulu minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea u allura kienu kkonsidrati dokumenti tal-Unjoni Ewropea marbuta ma' dan il-qasam.

L-impjegabbiltà, il-kwalita tal-ħajja u t-tagħlim tul il-ħajja huma fil-qalba ta' dan l-abbozz ta' Kurrikulu Nazzjonali li għandu l-iskop li jagħti lit-tfal u ż-żgħażagħ il-kompetenzi ewlenin meħtieġa biex jiffaċċjaw l-isfidi li s-suq tax-xogħol se joffri fil-futur.

Fi żmien meta Malta ħierġa minn kriżi ekonomika li laqtet l-Ewropa u d-dinja kollha u fil-kuntest tal-bidliet demografiċi u l-koeżjoni soċjali, dan il-qafas tal-Kurrikulu għandu jassigura li l-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jiksbu l-ħiliet li jgħinuhom tul il-ħajja u jassiguraw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u jpoġġu l-pedamenti għal soċjeta' bbażata fuq l-għerf.

Il-mira tal-Gvern hi li t-tfal kollha qabel itemmu l-edukazzjoni obbligatorja jkunu kisbu l-ħiliet u l-kwalifiċi meħtieġa fi skejjel li joffru ambjent attraenti għat-tagħlim. Grazzi għall-investiment qawwi fit-teknoloġija tal-informatika u fis-servizz għall-istudenti li qed nintroduċu fil-kulleġġi kollha, din ir-reviżjoni tal-Qafas Kurrikulari għandha tibdel l-istrutturi fiżiċi eżistenti f'opportunitajiet għal żvilupp personali u soċjali, inaqqas in-numru ta' dawk li jitilqu mill-

edukazzjoni kmieni, iżomm aktar nies fl-edukazzjoni formali għall-itwal żmien possibbli, u jagħti kreditu lit-tagħlim informali u mhux formali. Bl-iżvilupp tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki li hu marbut mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-Kurrikulu Nazzjonali għandu jiffaċilita' l-aċċess għall-edukazzjoni ogħla, l-iżvilupp professjonali kontinwu u t-tagħlim għall-adulti.

Nittama li jkollna proċess intensiv u komprensiv ta' konsultazzjoni li jkun karaterizzat minn dibattitu san bil-parteċipazzjoni ta' dawk kollha interessati li juri t-triq fejn irrid nieħdu l-edukazzjoni obbligatorja u x'deċiżjonijiet iridu jittieħdu biex naslu hemm u nassiguraw li t-tfal kollha jirċievu edukazzjoni ta' kwalità, kif jixirqilhom, biex jirnexxu lkoll.

**Dolores Cristina**

# Messaġġ



**Prof. Grace Grima**
Direttur Ġenerali

Direttorat għal Kwalità
u Standards fl-Edukazzjoni

Din ir-reviżjoni tal-kurrikulu toħroġ minn Parti II tal-Att tal-2006 dwar l-Edukazzjoni (Emendi) li tqiegħed il-piż fuq id-Direttorat għal Kwalità u Standards għall-aġġornament tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, l-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll għar-reviżjoni tal-proċess ta' implimentazzjoni f'intervalli regolari. Il-proċess tar-reviżjoni u l-aġġornament tal-Kurrikulu Nazzjonali inkluda rappreżentanti mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fakulta tal-Edukazzjoni, il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, u l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti. L-abbozz tad-dokument kien raffinat wara r-reazzjoni li daħlet wara stedina minn esperti tal-kurrikulu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fi New Zealand u Learning and Teaching Scotland. Dan l-abbozz tad-dokument qed ikun ippreżentat għal proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali li warajha jkun irfinat, finalizzat u adottat bħala l-qafas tal-kurrikulu nazzjonali.

L-abbozz tal-qafas tal-kurrikulu huwa ppreżentat f'sett ta' erba' dokumenti konsultattivi, jiġifieri:

***Dokument 1:*** ***Sommarju Eżekuttiv***

***Dokument 2:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – Ir-Raġuni Fundamentali u l-Komponenti***
Dan id-dokument jinkludi introduzzjoni dettaljata għall-isfond teoretiku li ispira l-kunċett tal-proposti tal-qafas tal-kurrikulu nazzjonali.

***Dokument 3:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali - It-Tliet Ċikli: is-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja***
Dan id-dokument jippreżenta dettalji ta' kif il-qafas tal-kurrikulu nazzjonali qed jipproġetta l-programm tat-tagħlim li se jkun offrut lit-tfal u liż-żgħażagħ fis-Snin Bikrin, is-Snin tal-Primarja u s-Snin tas-Sekondarja. Dan id-dokument jiffoka fuq l-applikazzjoni tal-qafas fl-iskejjel u l-kulleġġi.

***Dokument 4:*** ***Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali – It-Triq 'il Quddiem***

Dan id-dokument jiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet tal-qafas tal-kurrikulu nazzjonali u jeżamina l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Dan id-dokument jippreżenta ideat dwar l-immaniġġjar tal-bidla li hu l-fus li fuqu jduru l-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni li qed jippromwovi dan il-qafas. L-istrateġiji ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni ppreżentati huma msejsa fuq għarfien tal-proċess tal-immaniġġjar tal-bidla.

Fil-qosor il-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali jippromwovi:

- l-iżvilupp ta' studenti li jitgħallmu tul il-ħajja u li huma ċittadini impenjati, responsabbli u attivi fl-ekonomija.
- l-appoġġ lill-istudenti kollha biex jilħqu u jirnexxu, huma x'inhuma soċjali u familjari, il-bżonnijiet u l-attitudnijiet tagħhom.
- mira ċara fil-kulleġġi u l-iskejjel biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha permezz ta' iktar awtonomija fil-kurrikulu.

- l-ħolqien ta' komunitajiet ta' tagħlim li jkunu attivi u inklużivi, u li jpoġġu t-tagħlim u lill-istudenti fil-qofol ta' dak kollu li jagħmlu u li jagħtu rendikont ta' dak li jagħmlu lill-imsieħba tagħhom.
- progressjoni bla skossi matul is-snin bikrin, il-primarja u s-sekondarja fil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tagħlim tul il-ħajja.
- tagħlim li huwa attiv, personalizzat, relevanti u bi skop.
- tagħlim li jenfasizza l-applikazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti u ambjenti differenti kif ukoll il-wesgħa tal-għarfien u l-profondità tal-fehim.
- qafas tal-kurrikulu li jiffoka fuq oqsma tat-tagħlim, li joħloq rabtiet u sinerġiji bejn is-suġġetti tradizzjonali.
- assessjar u evalwazzjoni li jużaw l-informazzjoni u r-rispons b'mod formattiv biex jinformaw l-ippjanar għat-titjib.
- ċikli ta' assigurazzjoni tal-kwalità u evalwazzjoni li jirrikonoxxu li l-iżvilupp professjonali dejjem għaddej huwa parti essenzjali tal-prattika edukattiva.

Il-proċess ta' konsultazzjoni huwa kruċjali għas-suċċess tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali. L-istrateġija ta' konsultazzjoni ppreżentata f'Dokument 4 kienet imfassla bil-għan li tinkoraġġixxi diskussjoni u dibattitu li jħeġġeġ lill-imsieħba kollha biex iqisu d-dokument b'mod pożittiv u jipparteċipaw b'mod attiv fil-formulazzjoni tal-verżjoni finali.

Il-proċess innifsu tal-konsultazzjoni huwa maqsum fi tliet fażijiet:

- **Fażi 1: Riflessjoni *għall*-Azzjoni Mejju 2011 sa Awwissu 2011**
  Din il-fażi se sservi biex tippreżenta il-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali u tipprepara lill-imsieħba differenti għall-proċess ta' konsultazzjoni. Il-laqgħat mal-imsieħba se jservu biex jenfasizzaw (i) ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali; (ii) l-implikazzjonijiet li jqumu għall-imsieħba differenti kif previst mill-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali; u (iii) ir-rwol tal-imsieħba fil-proċess ta' konsultazzjoni kemm fil-livell tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-proċess u r-rwol tagħhom li jiġbru r-reazzjonijiet u r-risponsi tal-komunitajiet tat-tagħlim li huma responsabbli għalihom. Barra minn hekk, din il-fażi tippermetti lill-parteċipanti kollha l-ħin biżżejjed biex jaqraw id-dokumenti b'reqqa u jikkunsidraw bi ftit dettall il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħhom.
- **Fażi 2: Riflessjoni *fl*-Azzjoni minn Settembru 2011 sa Novembru 2011**
  Din il-fażi se tipprovdi lill-imsieħba b'opportunitajiet biex jaqsmu u jikkonsolidaw l-ideat tagħhom fi ħdejn u bejn l-istituzzjonijiet differenti. L-għan ta' din il-fażi huwa li tistieden u tinkoraġġixxi lill-imsieħba biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-bini ta' diskussjoni u dibattitu riflettiv professjonali nazzjonali dwar il-proposti ta' qafas aġġornat ta' kurrikulu nazzjonali, u għalhekk jagħtu l-bidu għal proċess ta' skambju kritiku u kostruttiv ta' reazzjonijiet bi preparazzjoni għall-verżjoni finali tal-qafas aġġornat tal-kurrikulu nazzjonali.
- **Fażi 3: Riflessjoni *fuq* l-Azzjoni minn Novembru 2011 sa Diċembru 2011**
  Din il-fażi se tiġbor flimkien lill-imsieħba kollha u r-reazzjonijiet offruti mill-istituzzjonijiet varji. Il-punti ewlenin ta' din il-fażi jinkludu konferenza nazzjonali ta' jumejn u s-sottomissjoni ta' reazzjonjiet bil-miktub. Hekk kif il-grupp ta' ħidma jirrevedi l-NCF propost fid-dawl tar-reazzjonijiet irċevuti, il-grupp ta' ħidma se jissottometti d-dokument finali tal-NCF lill-Ministru għall-approvazzjoni.

Nistieden lill-edukaturi, ġenituri, studenti u msieħba soċjali biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni biex id-dokument finali approvat ikun espressjoni vera tat-tamiet u l-aspirazzjonijiet tagħna li nipprovdu edukazzjoni relevanti ta' kwalità għal uliedna li tilħaq il-ħtiġijiet preżenti u futuri ta' pajjiżna.

**Grace Grima**

# Taqsima 1

## L-Isfond u r-Raġuni Fundamentali

### Introduzzjoni

F'Malta għandna ħafna x'niftaħru bih fis-sistema edukattiva tagħna. L-interess tagħna fl-istudenti[1] kollha, is-saħħa tal-komunitajiet tagħna u x-xewqa tagħna li niżviluppaw soċjetà ta' nies li jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom kollha huma saħħiet fis-sistema edukattiva tagħna. Iżda s-soċjetà qed tinbidel fuq skala nazzjonali u internazzjonali, u meta nagħrfu dawn il-bidliet fl-edukazzjoni rridu nħarsu lejn il-ġejjieni biex niżguraw li ż-żgħażagħ f'Malta jkunu mħejjijin biex jilqgħu għal dak kollu li l-ġejjieni jista' jġib miegħu.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 fuq kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja tagħraf il-funzjoni tal-edukazzjoni fil-preparazzjoni taċ-ċittadini biex ilaħħqu mal-bidliet u jadattaw ruħhom għalihom:

*Peress li l-globalizzazzjoni qed tkompli toffri sfidi ġodda lill-Unjoni Ewropea, kull ċittadin se jkollu bżonn firxa wiesgħa ta' kompetenzi ewlenin biex jadatta b'mod flessibbli għal dinja li qed tinbidel malajr u interkonnessa bil-kbir. L-edukazzjoni fl-irwol doppju tagħha, kemm soċjali u kemm ekonomiku, għandha rwol ewlieni x'taqdi biex tassigura li ċ-Ewropej jakkwistaw il-kompetenzi ewlenin meħtieġa biex ikunu jistgħu jadattaw b'mod flessibbli għal tali bidliet. (p. 5) (2006/962/KE)*

F'Malta neħtieġu kurrikulu li jipprepara lill-istudenti mhux biss għal-lum iżda wkoll għas-soċjetà esiġenti u aktar attiva soċjalment tal-ġejjieni. Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF) jagħmel sejħa għal responsabbiltà akbar fil-livelli kollha billi l-edukaturi flimkien ma' msieħba oħrajn jimpenjaw ruħhom biex joħolqu l-*programm ta' edukazzjoni essenzjali* biex it-tfal kollha jirnexxu. Il-qafas jenfasizza li l-edukazzjoni għandha tinteressa lil kulħadd. Quddiem sfidi kompetittivi ġodda Malta tikber ekonomikament biss jekk is-sistema edukattiva tagħna jkollha r-rieda li tinbidel. Il-ħsieb ta' dan l-NCF hu li jniedi każ qawwi għal reviżjoni, taqliba, aġġornament u injezzjoni ta' ħajja ġdida lill-kurrikulu tagħna – formali, informali u mhux formali. L-għan tiegħu hu li jipprovoka u jisfida l-mod kif naħsbu, filwaqt li jipprovdi intuwitu u ispirazzjoni fuq id-diversi sfidi li qed jistennewna. Hu jippreżenta ffukar fuq kontenut u proċess, fuq strutturar programmatiku, fuq ir-rwol tat-teknoloġija, fuq globalizzazzjoni u sostenibbiltà, fuq il-ħtieġa li niżviluppaw id-drawwiet mentali meħtieġa għas-seklu 21. Aħna nemmnu bis-sħiħ li flimkien nistgħu nagħmlu d-differenza li tassew tagħmel sens għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Dan id-dokument hu wieħed f'sensiela ta' erba' dokumenti mfassla biex jimpenjaw lil dawk kollha involuti fil-proċess tal-bidla. L-isfida li trieġi l-erba' dokumenti hi: "*X'inhu l-iskop tal-edukazzjoni f'demokrazija fis-seklu 21*? *X'għandna nagħmlu b'mod differenti biex inħallu impatt dejjiemi fuq l-istudenti biex fl-aħħar mill-aħħar jgħixu ħajja aktar impenjata u jkollhom impatt dejjiemi biex jagħmlu din id-dinja waħda aħjar biex tgħix fiha*?" L-NCF jippromwovi toroq

---

1 Il-kelma 'student' qed tintuża fis-sens ġeneriku ta' *learner*, u skont il-kuntest tista' tirreferi għal min qed jitgħallem mil-livell tal-kindergarten sal-aħħar tas-sekondarja.

ġodda ta' ħsieb u riflessjoni fuq tagħlim effettiv. Dan id-dokument:

- jiddeskrivi l-**għanijiet tar-reviżjoni**,
- jirrifletti fuq il-**punti minn fejn irridu nibdew biex naslu għall-bidla;**
- **iħares b'lenti kritika lejn il-miti** li għadhom ifasslu l-ħsibijiet, il-politiki u l-prattiki tagħna, u li għandhom bżonn jinbidlu; u
- jippreżenta l-**prinċipji ewlenin** tal-NCF.

## Fejn trid tasal il-ħarsa mill-ġdid

*For all Children to Succeed* (2005) hu dokument ta' politika li wassal għall-Att tal-2006 dwar l-Edukazzjoni (Emendi). Il-viżjoni tiegħu hija wkoll l-għan ta' din ir-reviżjoni. Il-ħsieb primarju, dejjem u bla eċċezzjoni, għandu ikun fit-tfal u ż-żagħżagħ li l-għalliema jimpenjaw ruħhom li jaqdu meta jirċievu ċ-ċertifikat tal-ħatra tagħhom.

Dan id-dokument jemmen li biex inħejju liż-żgħażagħ tagħna għall-ħajja fis-seklu 21 jeħtiġilna nirrevedu u naġġornaw il-kurrikulu tagħna u, fejn meħtieġ, noħolqu forom ġodda ta' kif naħdmu u ninteraġixxu fl-iskejjel, u bejn skejjel u kulleġġi u entitajiet oħrajn. Ir-responsabbiltà tagħna hi li nippreparaw lil dawk li qed jitgħallmu għad-dinja tagħhom u għall-ġejjieni tagħhom. L-NCF ippreżentat f'dan id-dokument jipprova konxjament joħroġ mill-formola ta' kurrikulu preskrittiv u jgħaddi għal qafas ta' kurrikulu. B'hekk qed jissuġġerixxi ċertu ammont ta' flessibbiltà biex jinkoraġġixxi lil dawk involuti li jkollhom vuċi akbar fid-determinazzjoni tal-kontenut biex ikun addattat għall-ħtiġijiet ta' dawk li qed jitgħallmu.

Il-pass li jmiss wara l-preżentazzjoni tal-ideat f'dawn id-dokumenti se jinvolvi gruppi differenti li jfittxu tweġibiet għal mistoqsijiet ewlenin, jidħlu għal ħidmiet differenti, u jieħdu diversi inizjattivi biex jesploraw kif ideat jistgħu jsiru reali fil-klassijiet imxerrdin ma' Malta kollha. X'se nżommu? X'se nirrevedu? X'se nneħħu? X'se noħolqu? Hu interessanti iżda ironiku li se nsibu xi tweġibiet mill-imgħoddi tagħna.Fil-Latin il-kelma kurrikulu tfisser "mogħdija li fiha tiġri b'passi żgħar". Filwaqt li bħala adulti f'dan l-istadju nistgħu ninnegozjaw il-mogħdijiet li tulhom l-istudenti u l-adulti għandhom jimxu, irridu nirrealizzaw li fl-aħħar mill-aħħar huma l-istudenti li se jiddeterminaw kif, jew jistgħux, jimxu fil-mogħdija ma' kull klassi, kull grupp, kull għalliem, u f'kull ġurnata. Għal din ir-raġuni l-NCF jisfidana li l-ħin kollu nirrevedu l-passi li nagħmlu; li nimmoniterjaw u nirrevedu d-deċiżjonijiet li nieħdu; li niddiskutu mal-istudenti tagħna u nagħtu kas tal-istejjer tagħhom, tal-ħtiġijiet tagħhom, u li nqiegħdu leħinhom fiċ-ċentru tad-diskors tagħna. Dan jgħinna nittrasformaw il-mod kif nittrattaw mal-kurrikulu u l-modi kif nittrattaw mal-oħrajn. Bil-mod kif inbiddlu l-iskejjel, il-kulleġġi u l-organizzazzjonijiet tagħna f'komunitajiet ta' tagħlim, inkunu mexjin fit-triq li noħolqu l-edukazzjoni essenzjali għad-dinja li qed tinbidel. Madankollu jeħtieġ li nagħrfu tajjeb li s-soluzzjonijiet tal-imgħoddi u r-realtajiet tal-lum waħedhom ma jwasslux għat-trasformazzjoni meħtieġa għall-ġejjieni tagħna.

L-isfida qiegħda filli nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawk li qed jitgħallmu f'dinja li qed tinbidel

b'għaġla kbira. Biex tilqa' din l-isfida l-komunità lokali jeħtiġilha taċċetta u tippromwovi attivament l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja – proċess li jagħraf u jaċċetta li kulħadd jista' jirnexxielu jsir persuna li qed titgħallem skont it-triq li jkun qabad. L-isfida mhix sempliċement li wieħed jammetti l-importanza tat-tagħlim iżda li joħloq opportunitajiet għal dawk kollha li jiġu f'kuntatt mal-iskola li jħallulhom impatt fuq it-tagħlim – li jibdlu l-iskejjel f'komunitajiet ta' tagħlim. Dan hu d-dibattitu li l-NCF jinkoraġġixxi. Attitudni pożittiva lejn it-tagħlim timplika li lkoll nistgħu nitgħallmu minn xulxin, li nistgħu noħolqu klima fejn id-diversità ta' opinjoni hija rispettata. It-tagħlim jikkonsisti fit-twessigħ tal-perspettivi tagħna, l-aġġornament tas-sistemi tagħna, li ninqalgħu miż-żoni ta' kumdità tagħna, li nisfidaw modi fissi ta' kif naħsbu u kif naġixxu. Hu essenzjali li l-NCF jagħti okkażjoni lill-edukaturi jsiru nies attivi li jistaqsu, jiżviluppaw l-innovazzjoni u jesploraw direzzjonijiet ġodda.

## Il-Punti minn fejn Titlaq il-Bidla

Malta mhix barranija għall-bidla, u s-sistema edukattiva tagħna hija stampa li għadha qed tinbena. F'din it-taqsima, filwaqt li nagħrfu l-importanza li nitilqu minn fejn qegħdin, noffru dehra ġenerali tat-triq li mxejna sa mill-1988. Nirrikonoxxu x-xogħol kollu li sar qabel, id-dokumenti, l-inizjattivi, u l-impenn biex jinħolqu kurrikuli li kienu ċentrali għar-riformi kurrenti.

### *Il-kuntest tal-politika lokali tagħna*

L-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni daħħal għadd ta' ideat innovattivi li jinkludu: "id-dritt tal-Istat li jistabbilixxi Kurrikulu Minimu Nazzjonali ta' studji għall-iskejjel kollha" (Parti I taqsima 7) li introduċa l-kunċett ta' konformità mal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (NMC). Maż-żmien dan involva l-livelli tal- kindergarten, primarji, sekondarji u post-sekondarji. Wara kritika tan-natura politika tal-kurrikulu nazzjonali f'kuntest demokratiku, kienu proposti xi alternattivi (Wain, 1991). Dawn l-inizjattivi wasslu għal fehim aħjar ta' x'wieħed jifhem b'kurrikulu nazzjonali u l-mod kif għandu jitfassal u jkun diskuss.

Il-proċess ta' reviżjoni u tisħiħ tal-NMC nbeda fl-1995 bil-pubblikazzjoni ta' *Tomorrow's Schools: Developing Effective Learning Cultures* (Wain, Attard, Bezzina, Camilleri, Darmanin, Farrugia, Psaila, Sammut, Sultana, Zammit, 1995). Dan il-proċess tkompla bil-pubblikazzjoni fl-1998 tal-abbozz tal- NMC u aktar tard bil-formulazzjoni tad-dokument finali *Creating the Future Together* (Ministeru tal- Edukazzjoni, 1999) wara proċess ta' konsultazzjoni mifrux mal-pajjiż kollu.

Il-proċess ta' reviżjoni ta' kurrikulu nazzjonali jista' jkun definit bħala "*Ir-Rieda li Tkun … u l-Kuraġġ li Tagħmel*"[2]. Din l-istqarrija għadha rilevanti sal-lum. Ir-reviżjoni ta' qafas ta' kurrikulu mhix proċess newtrali. Il-qafas ippreżentat lill-iskejjel irid jirrifletti ħtiġijiet, sfidi, opportunitajiet u realtajiet kurrenti, iżda jrid ukoll joħloq spazju lill-edukaturi tal-ġejjieni biex jadattaw il-kurrikulu għall-isfidi kontemporanji tagħhom, fi proċess kontinwu ta' konsiderazzjoni mill-ġdid. Dan hu l-ewwel qafas li qed ikun propost minn meta Malta ngħaqdet mal-UE fl-2004. Hekk, miri tal-UE u dokumentazzjoni relalati mal-edukazzjoni u t-taħriġ maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea jeħtieġ li jkunu riflessi fl-NCF biex ikun żgurat id-dritt għall-edukazzjoni ta' dawk li qed jitgħallmu kemm fil-kuntest lokali u kemm f'dak usa' Ewropew.

Id-dokument ta' politika *For All Children To Succeed* (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2005) fassal

2 Din l-espressjoni oriġinarjament intużat *f'Tomorrow's Schools: Developing Effective Learning Cultures pġ 51.*

il-qafas inizjali għat-twaqqif tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE) u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DES), u għal mudelli differenti ta' kulleġġi f'Malta u Għawdex. Id-dokument ippropona li t-tfassil, l-immaniġġjar u l-implimentazzjoni tal-kurrikulu jaqgħu taħt l-inkarigu tad-DQSE. Dan id-dokument ta' politika aġixxa ta' prekursur għall-emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni li kienu diskussi fil-parlament fl-2006.

L-Att dwar l-Edukazzjoni (Emendi) (2006) ħabbar orjentament differenti għar-riforma, l-aktar ir-riforma fl-iskejjel. L-innovazzjoni seħħet permezz tas-sistema ta' netwerk tal-kulleġġi u r-relazzjoni li għadha qed tevolvi bejn Direttorati u kulleġġi. Din ir-reviżjoni toħroġ minn Parti II tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Emenda) 2006, li jiffoka fuq il-kostituzzjoni u l-funzjonijiet tad-Direttorati tal-Edukazzjoni; essenzjalment dan iqiegħed il-piż fuq id-Direttorat għall-Kwalità u Standards għal-:

- l-aġġornament tal-Kurrikulu Nazzjonali;
- l-implimentazzjoni tiegħu (fost oħrajn permezz tat-tfassil tas-sillabu, assessjar u ħtiġijiet ta' taħriġ);
- mekkaniżmi ta' assikurazzjoni ta' kwalità; u
- l-evalwazzjoni f'intervalli regolari tal-proċess ta' implimentazzjoni .

Il-proċess ta' reviżjoni u aġġornament tal-Kurrikulu Nazzjonali tnieda f'Marzu 2008 u tlesta f'Lulju 2010. Dan kien jinkludi rappreżentanti mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fakultà tal-Edukazzjoni, il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, u l-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti. L-abbozz tad-dokument kien irfinut wara stedina għal reazzjonijiet li saret lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fi New Zealand u Learning and Teaching Scotland. L-abbozz tad-dokument tal-NCF se jkun ippreżentat f'April 2011 biex isir proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali li warajha d-dokument ikun irfinut, finalizzat u adottat bħala l-NCF.

Id-dritt għall-edukazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità kienu l-prinċipji ewlenin f'*Tomorrow's Schools* (1995) u *Creating the Future Together* (1999).

*Liema huma dawk li jitqiesu bħala r-rekwiżiti bażiċi ta' edukazzjoni ta' kwalità – waħda li tagħmel sens, tkun vallapena, twieġeb għall-ħtiġijiet ta' individwi u dawk soċjali – u kull student, bla ebda eċċezzjoni, jirċevihom dawn il-ħtiġijiet, regolati kif inhuma mill-prinċipju tad-dritt? (Wain et al., 1995, p.8).*

Il-filosofija li trieġi kienet l-iżvilupp ħolistiku ta' dawk kollha li qed jitgħallmu, billi jkunu nkoraġġuti u appoġġjati d-deċiżjonijiet professjonali ta' edukaturi fl-iskejjel u hekk tingħata edukazzjoni ta' kwalità li jkollha viżjoni għat-tul.

*Karatteristika waħda pinċipali hija dik li tqiegħed qabel kollox il-ħtiġijiet tal-istudent. Huma t-tifel jew tifla li qegħdin fiċ-ċentru tal-viżjoni kollha, tal-ippjanar u tal-provedimenti. Daqstant ieħor minsuġa fl-għanijiet u provedimenti hija ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità. (Vella, 1999, p.9).*

Il-pubblikazzjoni tal-NMC tal-1999 fetħet il-bieb għal aktar riformi edukattivi f'Malta. Is-sena 2003 rat il-bidu ta' analiżi profonda u diskussjoni fuq oqsma importanti ħafna, li kull wieħed minnhom jippreżenta sfidi f'din reviżjoni tal-NCF. Dawn l-oqsma kienu jinkludu:

- **l-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali**: Spiteri, Borg, Callus, Cauchi u Sciberras (2005) irrakkomandaw li l-linja prinċipali fl-edukazzjoni kellha ssir għal kollox inklużiva u s-sillabi rilevanti kellhom jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-istudenti kollha.

    - L-isfidi jinkludu kif wieħed jiżgura li jingħata appoġġ għat-tagħlim fl-iskejjel prinċipali minn persuni mħarrġin b'mod adegwat u kif is-sillabi fi ħdan il-qafas tal-kurrikulu nazzjonali jistgħu jkunu adattati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' studenti individwali.

- **l-Assenteiżmu**: Clark, Borg, Calleja, Chircop u Portelli (2005) analizzaw is-sitwazzjoni tal-assenteiżmu f'Malta u għamlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' dawk li jfallu f'pajjiż fejn il-ħila tar-riżorsi umani hija prijorità ewlenija għall-iżvilupp tal-aġenda nazzjonali.

    - L-isfida tinkludi kif wieħed jirrevedi l-kurrikulu kurrenti f'relazzjoni mal-ħtiġijiet tal-istudenti u hekk isir jappella aktar. Dan iħalli impatt fuq il-motivazzjoni tagħhom fir-rigward tal-attendenza fl-iskola.

- **l-Edukazzjoni u l-Kura fit-Tfulija Bikrija**: Sollars, Attard, Borg u Craus (2006) ikkonkludew li *"kurrikulu mfassal speċifikament għas-snin bikrin, li jgħaqqad it-teorija mal-prattika, hu nieqes"* (p. 9) u li "*dawk involuti fl-edukazzjoni m'għandhom ebda dokumentazzjoni ċara fuq il-kontenut u l-ippjanar tax-xogħol tagħhom, u kif dan il-materjal jista' jkun tradott fil-prattika ta' kuljum tagħhom*" (p. 9).

    - L-isfidi jinkludu kif wieħed jirrikonoxxi li s-snin bikrin huma fażi distinta, u li jiżviluppa kurrikulu mfassal appost bħala pedament sod għall-kurrikuli tal-Primarja u tas-Sekondarja.

- **il-Gwida tal-Karrieri**: Debono, Camilleri, Galea u Gravina (2007) pproponew politika nazzjonali li tiffoka fuq gwida tal-karrieri biex ikunu żgurati transizzjonijiet bla skossi minn fażi ta' edukazzjoni għal oħra u għad-dinja tax-xogħol, u li tkun tiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-individwu u fuq id-domanda tas-suq tax-xogħol.

    - L-isfidi jinkludu t-twaqqif ta' qafas ta' servizzi u operazzjonijiet fil-qasam tal-gwida tal-karrieri li jkollhom ukoll implikazzjonijiet fuq il-kurrikulu.

- ***L-iSmart Learning*: L-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta għall-*eLearning* 2008-2010**: It-teknoloġija għandha tappoġġja lill-għalliema fl-addattazzjoni ta' stili ta' tagħlim differenti biex jindirizzaw ħtiġijiet ta' tagħlim speċifiċi u hekk it-tagħlim isir personalizzat.

    - L-isfidi jinkludu kif wieħed jinkoraġġixxi aktar pedagoġiji ċċentrati fuq l-istudent li jippromwovu tagħlim awtonomu. Hemm bżonn bidla fundamentali fir-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent minn waħda li fiha l-għalliem jipprovdi u jorganizza l-parti l-kbira tal-kontenut, l-għarfien u l-ħiliet, għal waħda li fiha l-għalliem jiggwida, jisfida u jagħmel moniteraġġ tal-attivitajiet, u fejn l-istudenti qegħdin jipparteċipaw attivament u jerfgħu r-responsabbiltà ta' dak li jitgħallmu u jaħdmu biex isiru studenti awtonomi u teknoloġikament profiċjenti .

- **l-Edukazzjoni Reliġjuża**: It-tagħlim tal-Edukazzjoni Kattolika hu garantit fl-iskejjel primarji u sekondarji[3].

    - L-isfida tinkludi kif, fil-kuntest dejjem aktar multikulturali tal-iskejjel lokali tagħna, wieħed għandu jissodisfa studenti li ma jixtiqux li jirċievu edukazzjoni fir-Reliġjon Kattolika.

- **l-Edukazzjoni Fiżika:** L-Edukazzjoni Fiżika jeħtieġ li tingħata l-importanza mistħoqqa fl-iskejjel fil-livelli kollha. Bejn l-2008 u l-2009, L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur (NAO) awditja l-iskejjel primarji u sekondarji Statali bl-iskop li jiġbor informazzjoni fuq l-istatus tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (NAO, 2010)

    - L-isfidi jinkludu l-ħtieġa li nqisu kif nimplementaw b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport, jiġifieri li nagħmlu enfasi akbar fuq il-kwalità tal-Edukazzjoni Fiżika u attivitajiet strutturati, li ntejbu l-faċilitajiet u t-tagħmir, u li niżguraw li l-ħin irrakkomandat għall-Edukazzjoni Fiżika fl-iskejjel primarji jintuża kollu kemm hu.

- ***For all Children to Succeed* (2005)**: F'dan id-dokument ta' politika ġie propost it-twaqqif tal-kulleġġi Statali biex jimplimentaw il-kunċett ta' deċentralizzazzjoni permezz tal-kunċett ta' netwerking bejn l-iskejjel. Il-kulleġġi ingħataw l-inkarigu li jiżguraw li l-istudenti kollha jirċievu d-dritt tagħhom għall-edukazzjoni fi proċess sħiħ, kontinwu u bla skossi minn età żgħira sat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja fil-perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja u ispirat mill-ogħla valuri umani. Huma kellhom jiżguraw li l-NCF ikun tradott f'kurrikulu xieraq implimentat fl-iskejjel kollha tal-Istat, bl-aħjar metodoloġiji fosthom l-użu estensiv tat-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni bħala għodda pedagoġika.

    - L-isfidi jinkludu kif wieħed jirrealizza dawn l-aspirazzjonijiet b'modi flessibbli. Il-kunċett ta' flessibbiltà hu promoss mal-NCF kollu. Dan jimplika opportunitajiet għall-kulleġġi u l-iskejjel biex jindirizzaw il-medda ta' ħtiġijiet tal-istudenti. Tista' tintlaħaq flessibbiltà permezz ta' aġġustamenti li jistgħu jsiru fl-orarji tal-iskejjel, l-għażla tas-suġġetti, suġġetti organizzati f'moduli u fin-numru ta' lezzjonijiet allokati lil ċerti suġġetti jew oqsma. Madankollu, sfida oħra hi li l-ammont ta' flessibbiltà hu limitat serjament min-numru ta' suġġetti u mill-kontenut ta' kull suġġett li l-istudenti tradizzjonalment kienu mistennija jsegwu fil-kuntest lokali. B'mod inevitabbli, il-ħidma fl-ambitu ta' qafas flessibbli titlob razzjonalizzazzjoni tal-medda u profondità tal-kontenut fis-suġġetti kollha, u dan ikollu impatt dirett fuq it-tfassil tas-sillabu, it-tagħlim u l-format tal-eżamijiet.

- **it-Transizzjoni minn Skejjel Primarji għal Sekondarji f'Malta (2007):** Minkejja r-riżultati pożittivi miksubin minn studenti ta' livell ogħla, l-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* u tal-*Common Entrance* eskludew ħafna studenti minn edukazzjoni ta' kwalità u ttimbrawhom bħala falliment sa minn età żgħira. Dan ir-riżultat kellu implikazzjonijiet fit-tul u wassal biex studenti temmew l-esperjenza skolastika tagħhom b'idea baxxa tagħhom infushom u bla ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, is-segregazzjoni saret realtà aċċettata fis-sistema edukattiva Statali.

---

3 Il-ftehim tal-1989 bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta dwar *Teaching and Education in the Catholic Religion in State Schools*.

- L-isfida hi kif intejbu t-transizzjoni u ngħollu l-kisbiet għal dawk kollha li qed jitgħallmu. Minħabba li dawn l-eżamijiet l-aħħar li saru kien fl-2011, dan l-NCF jipproponi infrastruttura għal kurrikulu li jiffaċilita t-transizzjoni miċ-Ċiklu tal-Primarja għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja u li hu primarjament indirizzat permezz tal-identifikazzjoni ta' livelli ta' kisbiet espressi bħala *learning outcomes* u organizzati fi progressjoni, u permezz ta' kollaborazzjoni bejn l-imsieħba li tiffaċilita t-transizzjoni.

- **l-Edukazzjoni Vokazzjonali:** L-edukazzjoni teknika u vokazzjonali għandha tradizzjoni twila u varjata fis-sistema edukattiva Maltija. Sultana (1992) identifika ħafna fatturi li kkontribwixxew għall-falliment tal-edukazzjoni vokazzjonali fil-livell sekondarju f'Malta: ngħidu aħna, id-diffikultà li jingħata status kemm mill-industrija u kemm mill-edukazzjoni; in-nuqqas ta' kultura teknika meħtieġa li tħaddan forom alternattivi ta' tagħlim fl-iskola; l-istruttura mhix addattata ta' ppremjar tal-istudenti li jkunu pijunieri tas-sistema l-ġdida; in-nuqqas ta' riżorsi materjali biex jgħammru l-iskejjel għas-sistema l-ġdida; u n-nuqqas ta' ħila tar-riżorsi umani li jipprovdu esperjenza prattika biex is-sistema tista' tirnexxi. Fir-rapport tagħhom *MATSEC: Strengthening a National Examination System*, Grima, Camilleri, Chircop, Mallia u Ventura (2005, p.94) ssuġġerew l-introduzzjoni ta' ċertifikazzjoni fil-każ ta' suġġetti vokazzjonali li jeħtieġu l-istess preparazzjoni rigoruża li teżisti fil-każ tas-suġġetti tradizzjonali.

    - L-isfida hi kif wieħed jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' komponent ta' edukazzjoni vokazzjonali billi jinkorporah fil-Kurrikulu tas-Sekondarja aktar milli bħala rotta separata fis-sistema edukattiva, u kif jipprovdi ċertifikazzjoni rikonoxxuta fi tmiem il-proċess li tħaffef il-progressjoni lejn għażliet differenti fl-edukazzjoni postsekondarji. Se jkun implimentat proġett pilota f'għadd ta' skejjel Statali, tal-Knisja u Indipendenti f'Settembru 2011.

L-NCF propost jibni fuq dokumentazzjoni li kien hemm qabel fid-dawl ta' bidliet fis-soċjetà, it-twaqqif tal-kulleġġi fis-settur Statali, ir-riforma ta' transizzjoni dejjem għaddejja u biex jintlaqgħu l-isfidi għall-edukazzjoni f'Malta. Fit-taqsima li ġejja ta' dan id-dokument se nħarsu lejn dokumenti reċenti tal-politika tal-UE.

### *Il-Kuntest tal-politika reċenti tal-UE*

L-ewwel żewġ għanijiet ta' *'Key Competences for Lifelong Learning — A European Reference Framework'* (inkluż fl-anness tar-Rakkomandazzjonijiet) (2006/962/KE) jissuġġerixxu li:

*"il-kompetenzi ewlenin neċessarji għal twettiq personali, ċittadinanza attiva, koeżjoni soċjali u possibilità ta' impjieg f'soċjetà ta' l-għarfien" jeħtieġ li jkunu żviluppati "biex ikun żgurat li sat tmiem ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali, iż-żgħażagħ ikunu żviluppaw il-kompetenzi ewlenin sa livell li jippreparahom għall-ħajja adulta, u li tifforma l-bażi għal iktar taħriġ u għall-ħajja tax-xogħol." (Kummissjoni Ewropea, 2006, p. 4)*

Il-*European Reference Framework* jelenka t-tmien kompetenzi ewlenin li ġejjin:

1. Komunikazzjoni bil-lingwa materna (p. 4).
2. Komunikazzjoni b'lingwi barranin (p. 5)
3. Kompetenza fil-matematika u kompetenzi bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija (p. 6).

4. Kompetenza diġitali (p. 7).

5. Tagħlim kif wieħed jitgħallem (p. 8).

6. Kompetenzi soċjali u ċiviċi (p. 9).

7. Sens ta' inizjattiva u intraprenditorija (p. 11).

8. Għarfien u espressjoni kulturali (p. 12).

Il-*European Reference Framework* jagħti listi oħrajn tat-temi li ġejjin li huma mdaħħlin fit-tmien kompetenzi ewlenin, jiġifieri: il-ħsieb kritiku, il-kreattività, l-inizjattiva, is-soluzzjoni ta' problemi, l-assessjar tar-riskji, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-immaniġġjar kostruttiv tal-ħsus. Dawn il-kompetenzi se jiffurmaw element essenzjali li jrieġi l-NCF.

Dan l-aħħar il-*Council Conclusions on a Strategic Framework for European Cooperation in Education and Training (ET 2020)* (Kummissjoni Ewropea, 2009) irrakkomanda li:

*"Fil-perjodu sal-2020, l-għan primarju tal-kooperazzjoni Ewropea għandu jkun li jingħata appoġġ għal aktar żvilupp fis-sistemi tal-edukazzjoni u taħriġ fl-Istati Membri li huma immirati biex jiżguraw: (a) is-sodisfazzjon personali, soċjali u professjonali taċ-ċittadini kollha; (b) il-prosperità ekonomika sostenibbli u l-opportunitajiet tal-impjieg, waqt li jiġu promossi l-valuri demokratiċi, il-koeżjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva, u d-djalogu interkulturali." (p. 2)*

Fl-i*Strategic Framework for European Cooperation* (Kummissjoni Ewropea, 2009):

*"It-tagħlim tul il-ħajja għandu jitqies bħala prinċipju fundamentali li jservi bħala bażi tal- qafas kollu, li huwa mfassal biex ikopri t-tagħlim fil-kuntesti kollha - sew jekk formali, nonformali jew informali – u fil-livelli kollha: mill-edukazzjoni bikrija u l-iskejjel sal- edukazzjoni ogħla, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u t-tagħlim għall-adulti." (p. 3)*

L-aktar dokument reċenti *Europe 2020 – A strategy for smart, sustainable and inclusive growth* (KOM (2010) 2020) hu s-segwitu ta' *Lisbon Strategy for Growth and Jobs* (Memo 06/478/12th Diċ 2006) (Kummissjoni Ewropea, 2006) biex jgħin lill-Ewropa toħroġ mill-kriżi finanzjarja u ekonomika u tħejji l-ekonomija tagħha għall-għaxar snin li ġejjin. Tnejn mill-miri huma li jkun hemm inqas minn 10% li jħallu l-iskola kmieni u li 40% tal-ġenerazzjoni żagħżugħa jkollha grad terzjarju[4]. L-NCF propost jipprovdi rakkomandazzjonijiet li jwittu t-triq biex is-sistema ta' edukazzjoni f'Malta tilħaq dawn il-miri.

## Miti li għandhom bżonn Jinbidlu

L-NCF trid tħares b'mod kritiku lejn miti partikolari li għandhom ifasslu l-ħsibijiet, il-politiki u l-prattiki tagħna, u li hemm bżonn jinbidlu. Waħda mill-miti għandha x'taqsam mal-funzjoni tal-għalliem. Ir-rikkezza u l-komplessità tax-xogħol tal-għalliema ilhom wisq sottovalutati. L-għalliem kien stmat bħala mekkaniżmu li jforni l-għerf u jipprepara lill-istudenti għal eżamijiet li jinvolvu riskji għoljin. L-għalliema effettivi huma dawk li mhux biss

4 Il-Kunsill tal-Ewropa tal-25/26 ta' Marzu qabel li "jtejjeb il-livelli edukattivi, b'mod partikolari billi jimmira li jnaqqas ir-rati ta' dawk li jitilqu l-iskola u jkabbar is-sehem tal-popolazzjoni li tkun għamlet il-kors kollu sa edukazzjoni terzjarja jew l-ekwivalenti tagħha; filwaqt li jikkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ewropa se jiffissa r-rati numeriċi ta' dawn il-miri f'Ġunju 2010. MISSING CLOSING INVERTED COMMAS

jafu sewwa s-suġġetti tagħhom iżda jippossiedu riżorsi fuq medda ta' oqsma ta' suġġetti u għandhom il-ħila jintegrawhom. Huma spontanji, jaqbdu malajr il-mumenti meta jistgħu jgħallmu, u huma kapaċi jisfruttaw dik l-ispontanjetà u jippjanaw pass pass hekk kif jiżvolġu l-lezzjonijiet. Għalliema ta' din ix-xorta jemmnu fil-ħiliet varji tal-istudenti tagħhom, il-ħin kollu jippreżentawlhom sfidi ġodda, u joħolqu opportunitajiet u jiffissaw aspettattivi ogħla aktar ma jgħaddi ż-żmien. Huma jivvalorizzaw lill-istudenti tagħhom bħala individwi u esseri soċjali. L-għalliema tajbin jifhmu lill-istudenti tagħhom, u jirriflettu, jimmodifikaw u jaddattaw it-tagħlim tagħhom, u hekk itejbu l-istrateġiji tagħhom b'mod dinamiku.

It-tieni mit hu li l-għalliema għandhom jaħsbu lkoll l-istess, u għalhekk kollha jagħmlu l-istess ħaġa. L-NCF se jagħti direzzjoni u ċertezza b'mod ġenerali, imma jieħu l-ħajja fl-iskejjel u l-klassijiet biss meta jiġu applikati lokalment l-ideat individwali tal-għalliema li għandhom għeruqhom f'kuntesti partikolari u li jipprovokaw riflessjoni, innovazzjoni u titjib. Għalliema bħal dawn tassew jagħmlu differenza.

It-tielet mit huwa l-enfasi fuq l-eżamijiet. L-assessjar għandu jirrifletti dak li hu essenzjali fit-tagħlim. Fi ħdan l-NCF is-sistema tagħna ta' assessjar għandha tinbidel biex tirrifletti din il-pożizzjoni.

Dawn il-bidliet fil-funzjoni tal-għalliem huma konsistenti mad-divoluzzjoni ta' awtorità akbar lill-iskejjel. L-NCF jipprevedi li l-kulleġġi u l-iskejjel rispettivi tagħhom jkunu jistgħu jittrattaw b'mod uniku kwistjonijiet li potenzjalment jixxiebhu jew il-mod kif huma jimplimentaw il-politiki nazzjonali. Dan għandu implikazzjonijiet maġġuri fuq il-mod kif il-prattiki tal-kulleġġi huma assessjati, immoniterjati u appoġġjati.

L-iżvilupp kritiku li għandu jgħinna ndawru l-NCF f'realtà hu l-kultivazzjoni ta' drawwiet tal-moħħ (Costa & Kallick, 2000, 2009) jew drawwet tal-ħsieb kif sejħilhom John Dewey (1933). Irid jgħaddi ftit taż-żmien sewwa biex nidraw nibdlu l-mudelli mentali dwar dak li ngħallmu, kif ngħallmu, kif jitgħallmu l-istudenti u kif nassessjaw it-tkabbir tat-tagħlim tal-istudenti. Bidliet ta' din ix-xorta jitolbu moħħ miftuħ, flessibbiltà, paċenzja u kuraġġ. L-NCF ipoġġi fuq quddiem il-bidla paradigmatika edukattiva nazzjonali u joħloq strutturi u mekkaniżmi li jħeġġuna li l-ewwel nibdlu l-mod kif naħsbu u mbagħad insawru drawwiet u rutini ġodda biex nirrevedu u forsi nabbandunaw oħrajn antiki.

## Il-Twemmin Ewlieni tal-NCF

Fid-dawl tal-iżviluppi storiċi, u tad-dokumentazzjoni eżistenti u l-isfidi li qed tiltaqa' magħhom il-komunità edukattiva lokali, l-NCF jassumi:

- bidla paradigmatika minn kurrikulu preskrittiv lejn qafas li jippermetti ċertu ammont ta' flessibbiltà interna;
- ċaqliq minn suġġetti meqjusin għal rashom għal oqsma tat-tagħlim, li l-istudenti kollha għandhom dritt għalihom;
- l-iżvilupp kontinwu ta' kull min hu involut fit-tagħlim, u appoġġ kostanti li jgħinhom jinterpretaw il-qafas u jadattawh biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawk kollha li huma jkunu qed jgħallmu; u

- li dawk kollha involuti fis-setturi tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti jerfgħu r-responsabbiltà tal-bidliet proposti.

Għaldaqstant l-NCF jippromwovi:

- mira ċara li titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni u jogħla l-livell ta' kisbiet edukattivi li jilħqu l-istudenti;
- li l-imsieħba jkuni lesti li ma jibqgħux jużaw strutturi u prattiki kurrikulari tradizzjonali li jistgħu jirrestrinġu t-tagħlim;
- linji gwida li jippermettu ċertu ammont ta' għażla addattata għall-interessi u ħiliet individwali ta' dawk li jkunu jitgħallmu fl-ambitu ta' parametri aċċettati fuq bażi nazzjonali;
- programmi tat-tagħlim flessibbli li jipprovdu esperjenzi tat-tagħlim diversi li jaqdu firxa wiesgħa ta' dawk kollha li jkunu jitgħallmu;
- programmi tat-tagħlim li jiffukaw fuq fehim u jenfasizzaw il-proċess tat-tagħlim aktar milli s-sempliċi akkwist ta' kontenut;
- programmi tat-tagħlim li jagħtu lill-għalliema s-setgħa li jimplimentaw strateġiji innovattivi ta' tagħlim, speċjalment bis-saħħa tal-użu tal-*eLearning*;
- ċaqliq minn sistema ta' tagħlim i*bbażata esklussivament* fuq is-suġġetti tradizzjonali u li tiffavorixxi frammentazzjoni u kompartimentalizzazzjoni tat-tagħlim, għal sistema aktar interkurrikulari, tematika, interdixxiplinari u kollaborativa li tirrifletti sitwazzjonijiet reali fil-ħajja u tinkoraġġixxi t-trasferiment ta' ħiliet minn qasam għal ieħor tat-tagħlim;
- politika ta' evalwazzjoni li tassessja u tkejjel kemm il-proċessi u kemm il-prodotti tat-tagħlim;
- edukazzjoni inizjali tal-għalliema u opportunitajiet ulterjuri għal taħriġ u appoġġ fl-użu ta' pedagoġiji li huma inklużivi fin-natura tagħhom u jaħsbu għad-diversità;
- żvilupp professjonali li jimxi mal-opportunitajiet li jeżistu fl-ambitu tar-realtà estiza tal-UE; u
- l-iżvilupp tal-iskola bħala komunità li titgħallem magħmula minn għalliema li jirriflettu fuq il-prattika tagħhom.

## Konklużjoni

L-ewwel taqsima ta' dan id-dokument introduċiet lill-qarrej għall-isfond u r-raġuni fundamentali li fuqhom idur il-proċess ta' evalwazzjoni tal-NCF. Din irriżaltat l-għanijiet tar-reviżjoni u l-konsiderazzjonijiet tal-bidu qabel il-bidliet u l-modifiki li se jiġu proposti. It-taqsima kkonkludiet b'sommarju tal-prinċipji ewlenin tal-NCF.

Fit-taqsima .li jmiss il-prinċipji u l-għanjiet ġenerali li fuqhom hu fformulat l-NCF huma ppreżentati flimkien ma' proposta għat-tqassim mill-ġdid ta' suġġetti tradizzjonalment separati fi tmien oqsma ewlenin tat-tagħlim u ħames temi interkurrikulari biex iħaffu r-realizzazzjoni tal-qafas tal-kurrikulu.

# Taqsima 2

# Il-Prinċipji, l-Għanijiet u l-Oqsma tat-Tagħlim

L-NCF għandu seba' komponenti:

- Prinċipji ġenerali
- Għanijiet tal-Edukazzjoni
- Oqsma tat-Tagħlim
- Tagħlim Effettiv
- Assessjar u Evalwazzjoni
- Involviment tal-ġenituri u tal-Komunità
- Strutturi ta' Appoġġ




***Figura 2.1*** *Il-Komponenti interdipendenti maġġuri fil-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali*

Din it-taqsima tad-dokument tiffoka fuq it-tliet komponenti li jistabbilixxu l-qafas teoretiku.

## Il-Prinċipji Ġenerali

Sitt **Prinċipji ġenerali** jiffurmaw is-sisien tal-NCF. Dawn il-prinċipji ħerġin mill-valuri espressi f' *Tomorrow's Schools* (1995) u *Creating the Future Together* (1999) u affermati fid-dokument *Transition from Primary to Secondary Schools in Malta: A Review* (2007), u f'direttivi nazzjonali u tal-UE.

### *Prinċipju 1: Id-Dritt*

Fost il-komunità edukattiva u lil hinn minnha jidher li hemm kunsens li kull tifel u tifla għandhom id-dritt għal esperjenza edukattiva ta' kwalità. Għaldaqstant l-istudenti kollha jeħtieġ isibu appoġġ biex jaslu għall-eċċellenza personali. F'dan ir-rigward l-NCF jippromwovi għal kull student l-iżvilupp ta':

- valuri u attitudnijiet fundamentali;
- edukazzjoni ħolistika rilevanti għall-ħajja;
- ħsieb analitiku, kritiku u kreattiv;
- il-ħila li jikkomunika fil-kuntest ta' bilingwiżmu u multilingwiżmu;
- sistemi ta' tagħlim kontemporanji, inkluż l-*eLearning*;
- progress, suċċess u kisbiet individwali u kollettivi;
- transizzjonijiet bla skossi fi ħdan is-sistema u mogħdijiet diversi għal tagħlim lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja; u
- l-appoġġ tal-familji u tal-komunità usa'.

### *Prinċipju 2: Id-Diversità*

L-NCF jagħraf u jaċċetta d-diversità kulturali dejjem tikber ta' Malta, u japprezza l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-poplu tagħha. Hu jagħraf in-natura eteroġenja tal-komunità ta' dawk li jkunu jitgħallmu u hekk jammetti u jirrispetta d-differenzi individwali ta' età, sess, twemmin, żvilupp personali, sfond soċjokulturali u lokazzjoni ġeografika. L-identitajiet ta' dawk li jkunu jitgħallmu, il-kompetenzi lingwistiċi tagħhom, il-ħiliet intellettwali, l-attitudnijiet, l-interessi u t-talenti huma magħrufin u appoġġjati kif jixraq permezz ta' tagħlim addattat. L-NCF jafferma li t-tfal kollha jistgħu jitgħallmu, jikbru u jesperjenzjaw is-suċċess billi:

- jirrispettaw id-diversità fil-forom kollha tagħha;
- jippromwovu ambjent inklużiv; u
- jirrakkomanda politiki u prattiki li jindirizzaw il-ħtiġijiet individwali u speċifiċi tal-istudenti u tal-komunità li titgħallem.

L-NCF iħaddan sistema li twassal għal żvilupp favur l-edukazzjoni. Dan jimplika li fi ħdan u fost l-oqsma jew is-suġġetti kollha tat-tagħlim, il-kurrikulu jissodisfa l-ħtiġijiet tal-istudenti

## *Prinċipju 3: Sekwenza ta' Kisbiet*

skont l-istadju ta' żvilupp tagħhom. F'dan ir-rigward l-NCF:

- jippromwovi l-iżvilupp ta' kurrikuli għall-edukazzjoni għas-Snin Bikrin, il-Primarja u s-Sekondarja bħala proċess wieħed u bla skossi biex jiżgura kontinwità fil-mogħdijiet edukattivi tal-istudenti; u

- jidderieġi t-tfassil ta' kurrikuli lejn l-identifikazzjonni ta' *learning outcomes* biex jirriflettu żvilupp progressiv u li jista' jintuża għall-assessjar tal-progress individwali ta' student.

L-NCF jippromwovi l-iżvilupp ta' sistema ta' tagħlim iċċentrata fuq l-istudent, li titlob:

- tagħlim attiv u personalizzat;

- impenn rilevanti, li jagħmel sens u għandu skop min-naħa ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu;

- negozjati bejn l-istudenti u l-għalliema; u

- l-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jippromwovu tagħlim awtodirett u tul il-ħajja.

## *Prinċipju 5: L-Assikurazzjoni ta' Kwalità*

Edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd tista' tkun realizzata permezz ta' sistema ta' awtoevalwazzjoni dejjem għaddejja, moniteraġġ u evalwazzjoni fl-iskejjel infushom komplementati minn sistema esterna ta' evalwazzjoni li flimkien irawmu titjib fl-iskola. F'dan ir-rigward l-NCF:

- jagħti direzzjoni lill-iskejjel u l-kulleġġi dwar oqsma ewlenin tal-kurrikulu u aspetti tal-ħajja skolastika;

- iħaffef l-implimentazzjoni effettiva tal-kurrikulu;

- jitlob li jkun hemm u jappoġġja tmexxija edukattiva ta' kwalità għolja f'livell ta' skola, kulleġġ u sistemi;

- jinkoraġġixxi l-addattament tal-kurrikulu skont il-kuntesti u l-ħtiġijiet tal-iskejjel u kulleġġi; u jippromwovi prattika riflessiva, appoġġ u inkoraġġiment lill-istudenti biex jorganizzaw it-tagħlim tagħhom infushom ħalli jkabbru kemm jista' jkun il-potenzjal tagħhom u jiżviluppaw ħiliethom u żvilupp professjonali għall-għalliema, u awtoevalwazzjoni u evalwazzjoni f'livell tal-iskola.

### *Prinċipju 6: L-Appoġġ lill-Għalliema*

L-NCF jħeġġeġ l-użu effettiv u effiċjenti ta' riżorsi fl-iskejjel u l-kulleġġi kollha. F'dan ir-rigward l-NCF jassumi li:

- ambjenti u riżorsi li jistimulaw u jagħtu appoġġ huma disponibbli u aċċessibbli għal kulħadd;
- programmi kontinwi ta' żvilupp professjonali jkunu organizzati għal dawk kollha involuti fl-iskejjel u l-kulleġġi;
- appoġġ dejjem għaddej lill-iżvilupp professjonali hu aċċessibbli għall-iskejjel u l-kulleġġi biex jindirizzaw kwistjonijiet nazzjonali u strateġiċi; u
- strutturi interni xierqa huma aċċessibbli biex jagħtu appoġġ ħalli jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-istudenti, l-għalliema, l-amministraturi tal-iskejjel, il-familji u oħrajn involuti fl-iskejjel u l-kulleġġi.

## L-Għanijiet tal-Edukazzjoni

F'konformità mal-prinċipji deskritti hawn fuq, l-Għanijiet tal-Edukazzjoni mniżżlin hawn taħt jippreparaw lit-tfal kollha biex isiru persuni li jibqgħu jitgħallmu ħajjithom kollha, ikunu fiduċjużi, jirnexxu, kreattivi, magħqudin mal-komunità u impenjati fiha u fid-dinja ta' madwarhom. L-edukazzjoni tagħhom għandha tagħtihom il-ħila li jiksbu għerf, ħiliet, valuri u attitudnijiet li jagħmluhom kapaċi jsostnu ċ-ċansijiet għal ħajjithom fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel u jsiru ċittadini impenjati attivament. Figura 2.2 tippreżenta deskrizzjoni aktar dettaljata tal-għanijiet tal-edukazzjoni proposti mill-NCF u li jelenkaw il-karatteristiċi mixteqin taż-żgħażagħ ta' Malta bħala ċittadini impenjati u li jridu jibqgħu jitgħallmu tul ħajjithom.

**Studenti li huma kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal sħiħ tagħhom billi jitgħallmu tul ħajjithom**

Dan ikun jitlob l-iżvilupp ta':

- il-ħiliet personali u soċjali
- l-iżvilupp morali u spiritwali
- il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-litteriżmu diġitali
- il-bilingwiżmu u l-multilingwiżmu
- il-kompetenza fix-xjenzi u t-teknoloġija
- il-ħsieb kritiku u innovattiv
- l-apprezzament estetiku u l-espressjoni kreattiva

Dan jitlob l-iżvilupp ta':

**Studenti li huma kapaċi jsostnu ċ-ċansijiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol**

Dan jitlob li jibnu ħiliet biex jiksbu impjieg li jħalli l-qligħ u jsostnu:

- il-ħila li jikkomunikaw b'mod effettiv u fiduċjuż
- il-kompetenza fl-użu ta' informazzjoni ġdida u teknoloġiji tal-komunikazzjoni
- il-ħila li jitħarrġu, jitħarrġu mill-ġdid u jiżviluppaw ħiliet ġodda
- l-istabilità u l-indipendenza ekonomika
- l-innovazzjoni u l-intraprenditorija
- il-ħila li jħaddnu bil-qalb il-mobilità u l-bdil ma' studenti f'pajjiżi oħra
- il-viżjoni tar-realtà b'ottika sistemika li tiffaċilita l-impenn tagħhom fil-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli
- l-involviment attiv fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli

**Studenti li huma ċittadini impenjati fost realtajiet lokali, reġjonali u globali dejjem jinbidlu**

Dawn jeħtiġilhom li:

- jirrispettaw id-diversità u japprezzaw id-differenza
- jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Maltin
- jiżviluppaw kompetenza interkulturali u japprezzaw il-wirt tagħhom f'kuntest Mediterranju, Ewropew u globali
- jaħdmu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u jiżguraw il-ġustizzja soċjali
- jiddefendu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji demokratiċi
- iwettqu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji demokratiċi

**Figura 2.2:** *L-Għanjiet Edukattivi tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali*

## *Għan 1: Studenti li huma kapaċi jiżviluppaw b'suċċess il-potenzjal sħiħ tagħhom billi jitgħallmu tul ħajjithom*

### *Il-ħiliet personali u soċjali*

Fis-snin bikrin it-tfal jibnu l-benesseri u l-istima tagħhom infushom billi jiżviluppaw identità personali pożittiva u sens ta' indipendenza u awtonomija filwaqt li jiksbu fiduċja fihom infushom u fil-kisbiet tagħhom. Huma jeħtiġilhom jitgħallmu jieħdu r-riskji u jiżviluppaw strateġiji individwali li jgħinuhom jilqgħu sfidi ġodda. Waqt li jsiru indipendenti u jitgħallmu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, tfal żgħar jeħtiġilhom jitgħallmu kif jittrattaw dak li jħossu, jagħrfu u jidentifikaw l-emozzjonijiet, u jitgħallmu jkunu komdi magħhom infushom. Huma jeħtieġ ukoll li jibdew jiżviluppaw kompetenzi soċjali, u jitgħallmu kif jgħixu u jikbru ma' oħrajn.

Fiż-żmien li jgħaddu tul iċ-Ċiklu tal-Primarja, it-tfal jeħtieġ jiżviluppaw rispett u valur għal xulxin, waqt li jiżviluppaw sens ta' komunità u kif jirriżolvu konflitti. Huma għandhom jibdew jifhmu l-emozzjonijiet li oħrajn ikunu qed jesperjenzjaw u jaraw perspettivi differenti, jiżviluppaw empatija, rispett u aċċettazzjoni ta' fehmiet differenti. Huma jeħtiġilhom jitgħallmu jikkollaboraw ma' dawk tamparhom u ma' adulti li jkollhom sfondi u ħtiġijiet diversi.

Tul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ jeħtieġ li jkomplu jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u personali biex jiżguraw li jħallu l-iskola mgħammrin biex jittrattaw realtà soċjali li dejjem tinbidel. Il-valuri fundamentali tal-familja, rispett, inklużjoni, ġustizzja soċjali, solidarjetà, demokrazija, impenn, kura, imħabba u responsabbiltà għandhom jissaħħu.

***L-iżvilupp morali u spiritwali***

Fis-snin bikrin, meta jkunu qed jiżviluppaw kompetenzi soċjali, it-tfal żgħar jistgħu jiżviluppaw identità morali u sens ta' x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, u jibdew jagħżlu bejn dak li hu aċċettabbli u dak li mhuwiex. Huma jesperjenzjaw u jaddottaw valuri skont kif ikunu ttrattati u kif jaraw kif huma ttrattati oħrajn. Waqt li jkunu għaddejjin miċ-Ċiklu tal-Primarja jkun jeħtiġilhom jiżviluppaw għarfien tal-kunċetti aktar astratti ta' ekwità, sens ta' ġustizzja, u trattament bla preferenzi.

L-esperjenza taċ-Ċiklu tas-Sekondarja għandha tgħin liż-żgħażagħ biex isaħħu u jtejbu l-iżvilupp morali u spiritwali tagħhom. Permezz ta' tagħlim formali, mhux formali u informali, esperjenzi individwali, fi gruppi jew fil-klassi, u permezz ta' riflessjoni personali, huma jeħtiġilhom jiżviluppaw id-diversi ħiliet li jwasslu għal tkabbir morali u spiritwali. Wara li jgħaddu minn perjodu ta' dubji u mistoqsijiet dwar valuri li normalment ikollhom f'nofs iċ-Ċiklu tas-Sekondarja meta jkun hemm il-bidliet fiżiċi u emozzjonali tas-snin taż-żgħożija, iż-żgħażagħ ġeneralment jimmaturaw moralment u spiritwalment, u dan iservihom meta joħorġu mid-dinja protetta tal-iskola.

***Il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-litteriżmu diġitali***

Tul is-Snin Bikrin it-tfal jiksbu familjarità ma' simboli u mudelli u kif jużawhom f'ambjenti ta' kuljum, inkluż il-kompjuter u apparati elettroniċi oħrajn. Dawn il-ħiliet fil-litteriżmu, fil-għadd tan-numri u fil-litteriżmu diġitali jsawru s-sisien għal tagħlim ulterjuri fiċ-Ċiklu tal-Primarja. Bis-saħħa ta' programmi li jibnu fuq il-ħiliet inizjali tagħhom, it-tfal għandhom isiru profiċjenti fit-taħdit, smigħ, qari u kitba kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż. Huma jeħtiġilhom jiżviluppaw ħiliet essenzjali fil-ħiliet numeriċi u kompetenzi numeriċi ewlenin li jinkludu l-fehim ta' kunċetti, prinċipji u applikazzjonijiet li jgħinuhom fil-ħajja ta' kuljum u jagħtuhom iċ-ċans li jiffunzjonaw bħala adulti awtonomi.

Permezz tad-disponibbiltà ta' tipi differenti ta' informazzjoni, fosthom dik li jiksbu permezz ta' midja differenti u l-internet, u tal-aċċessibilità għalihom, l-istudenti jistgħu jiltaqgħu mad-dinja u jagħmlu sens mid-dinja ta' madwarhom, u jinkoraġġuhom għall-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni. Il-kisba tal-litteriżmu diġitali tinvolvi l-iżvilupp tal-fehim ta' sorsi ta' dejta u manipulazzjoni ta' dejta; komunikazzjoni u preżentazzjoni ta' informazzjoni; kontroll ipprogrammat; u aspetti soċjali, etiċi u personali tad-dinja li magħha huma konnessi.

Matul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ jeħtieġu jiżviluppaw iktar il-medda ta' kompetenzi

fil-litteriżmu, fin-numeriżmu u fil-litteriżmu diġitali biex ikunu kapaċi jaħsbu u jsolvu l-problemi u jikkomunikaw l-ideat tagħhom, u jiksbu l-ħiliet biex jagħmlu riċerka u biex jippreżentaw mill-ġdid u jikkomunikaw l-ideat tagħhom u jsibu, jaħżnu u jtellgħu mill-ġdid informazzjoni.

***Il-bilingwiżmu u l-multilingwiżmu***

Tul is-Snin Bikrin it-tfal isiru konxji tas-sistemi differenti tal-lingwa, l-aktar l-ewwel u t-tieni lingwi tagħhom. Fiċ-Ċiklu tal-Primarja, filwaqt li l-ewwel lingwa hija rispettata, promossa u msaħħa, huma jibdew il-vjaġġ biex jitgħallmu t-tieni lingwa. Aktar milli din hija neċessarjament ħtieġa immedjata, hija riflessjoni diretta ta' kif wieħed jikber fis-soċjetà Maltija. Madankollu, hu mill-aktar importanti li t-tfal ikunu esposti għaż-żewġ lingwi uffiċjali tal-pajjiż b'modi li jagħmlu sens u li jservu biex jippromwovu t-tagħlim u l-fehim tad-dinja aktar milli biex jitgħallmu l-lingwa nnifisha. It-tagħlim tat-tieni lingwa jista' jirnexxi jekk wieħed jirċievi l-lezzjonijiet mill-akkwist tal-lingwa nattiva u l-pedagoġiji użati fl-ambjenti formali tal-iskola jitmexxew minn prinċipji li huma addattati għall-grupp tal-età speċifika. Tul dan iċ-ċiklu ta' min li jkun hemm għarfien ta' lingwi barranin bil-għan li wieħed jinfetaħ għal lingwi u kulturi oħrajn.

Li wieħed ikun multilingwi jimplika li jkun kapaċi jikkomunika bil-kliem u bil-kitba mill-inqas fi tliet lingwi. Fil-livell sekondarju ż-żgħażagħ jibdew jitgħallmu t-tielet lingwa bil-possibbiltà li jagħżlu li jistudjaw ir-raba' lingwa. Ir-rakkomandazzjoni tal-UE li wieħed jitgħallem il-lingwa nattiva u żewġ lingwi oħrajn ilha li saret realtà fis-sistema edukattiva tagħna li tappoġġja l-multilingwiżmu.

***Il-kompetenza fix-xjenzi u t-teknoloġija***

L-esperjenzi tas-Snin Bikrin joffru lit-tfal l-opportunità li jittrattaw mad-dinja ta' madwarhom u jifhmuha. Bis-saħħa tal-istħarriġ, it-tfal jiżviluppaw il-kurżità tagħhom dwar fenomini naturali, u dan iwassalhom biex jistaqsu fuq dak li jaraw u jħossu.

Fiċ-Ċiklu tal-Primarja, l-iżvilupp tal-kompetenza fix-xjenza u fit-teknoloġija jitlob sistema ta' tagħlim ibbażat fuq l-istħarriġ. It-tfal ikollhom l-okkażjoni li jesploraw sorsi diversi ta' informazzjoni permezz ta' attivitajiet, ambjenti u riżorsi li joffru sfida. Fl-istudju tax-xjenza u t-teknoloġija huma jeħtieġ li jittrattaw il-bidla konċettwali u jidħlu aktar fil-fond fl-għarfien u fehim ta' proċessi xjentifiċi u teknoloġiċi. Ix-xjenza u t-teknoloġija wkoll huma parti essenzjali mill-kompetenzi ewlenin li jeħtieġ ikunu żviluppati tul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja. L-għan hu li l-istudenti jgħaddu mill-esperjenza ta' edukazzjoni xjentifika wiesgħa li tħejjihom għal soċjetà li fiha x-xjenza u t-teknoloġija għandhom funzjoni ewlenija.

***Il-ħsieb kritiku u innovattiv***

'*L-immaġinażżjoni hija l-ħila li wieħed jaħseb b'mod oriġinali; il-kreattività hija immaġinazzjoni applikata*' (Robinson & Aronica, 2009). L-ambjenti tas-snin bikrin għandhom ir-responsabbiltà li jgħinu lit-tfal isiru konxji tal-ħiliet u l-istrateġiji meħtieġa biex jaċċessaw, ifittxu, jirċievu, isibu mill-ġdid, jorganizzaw u jifhmu l-informazzjoni. Mgħammrin bi strateġiji addattati u attitudni sana għat-teħid tar-riskji, it-tfal jiksbu medda ta' ħiliet li jsostnu l-ħsieb kritiku, bħalma huma li jidentifikaw, jiddeskrivu, iqiegħdu f'ordni, fi gruppi jew f'sekwenza, jikklassifikaw, jikkategorizzaw u jqabblu.

Tul iċ-Ċiklu tal-Primarja l-immaġinazzjoni u l-kurżità tat-tfal jeħtieġ li jkunu żviluppati bħala mezzi biex jinvestigaw problemi u jesploraw soluzzjonijiet possibbli. Huma jeħtiġilhom jagħmlu esperjenza ta' midja u materjali differenti li jippermettulhom jiżviluppaw l-ideat tagħhom infushom u jesperimentaw b'modi alternattivi ta' kif jaħsbu, isolvu l-problemi u jesprimu ruħhom. Huma jeħtieġ jitgħallmu jiffukaw fuq modi sistematiċi kif jindirizzaw problemi billi jiġbru, jittestjaw u janalizzaw l-informazzjoni u japplikaw ir-riżultati li jsibu huma stess f'sitwazzjonijiet differenti. Hekk jeħtiġilhom jiżviluppaw medda ta' ħiliet kritiċi li jinkludu li jiddeskrivu jew jidentifikaw, li jagħrfu, iqiegħdu f'ordni, jipotizzaw, ibassru, iqabblu, u jqiegħdu f'sekwenza jew fi gruppi. Huma għandhom ukoll jiżviluppaw dispożizzjonijiet pożittivi li jinkludu l-entużjażmu u l-motivazzjoni, il-kurżità, it-tqegħid ta' mistoqsijiet, il-konċentrazzjoni, il-perseveranza, l-immaġinazzjoni, u l-ħila li jaċċettaw suġġerimenti jew kritika alternattivi.

Matul l-edukazzjoni sekondarja ż-żgħażagħ jiżviluppaw u jestendu l-ħiliet tagħhom fis-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi u fl-istħarriġ permezz ta' xogħol prattiku u l-esplorazzjoni tal-ideat. Il-ħiliet li jinvestigaw, li jfasslu u jagħmlu, li jittestjaw u jirrappurtaw kollha huma importanti f'dan il-kuntest. Iż-żgħażagħ huma mistennija jiżviluppaw il-ħiliet kritiċi ta' kif jesploraw kwistjoni partikolari minn diversi perspettivi u jkunu kapaċi jivvalutaw jekk sors ta' informazzjoni partikolari tkunx ta' min joqgħod fuqha jew le. Huma mistennija li jkunu kreattivi u innovattivi, li jesprimu l-ideat tagħhom u jħallu l-immaġinazzjoni tagħhom timraħ ħielsa fl-ambitu ta' parametri definiti.

***L-apprezzament estetiku u l-espressjoni kreattiva***

Il-ħiliet u dispożizzjonijiet involuti fl-apprezzament u l-espressjoni estetika għandhom ikunu l-pern tat-tagħlim u jagħnuh sa mis-Snin Bikrin u tul iċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja, u mal-medda kollha tal-oqsma tal-kurrikulu. Il-ħiliet taż-żgħażagħ jistagħnew l-aktar bis-saħħa tal-istudju tal-arti, il-mużika, id-drama u l-letteratura.

Bl-esplorazzjoni ta' medda ta' midja differenti bħala parti mit-tagħlim tagħhom it-tfal jiżviluppaw l-espressjoni u l-ideat personali tagħhom. Dawn l-esperjenzi jipprovdulhom opportunitajiet biex ikunu kreattivi u immaġinattivi, biex jagħmlu esperjenza ta' ispirazzjoni u ferħ, u biex japprezzaw, jevalwaw u jirreaġixxu għall-valuri u l-kulturi lokali u barranin. Huma jistgħu jiżviluppaw ħiliet fil-komunikazzjoni, il-preżentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-ideat tal-oħrajn. L-impenn attiv fl-espressjoni kreattiva u immaġinattiva jgħinhom jesploraw, japprezzaw u jikkomunikaw il-ħsus u jiżviluppaw id-dimensjoni estetika personali tagħhom, u hekk isostnu l-iżvilupp tal-personalità tagħhom. Huma jistgħu wkoll jibdew jiżviluppaw fehim tal-proċess kreattiv u l-iżvilupp ta' standards u valuri estetiċi fis-soċjetà biex meta jiġi ż-żmien li jitilqu l-iskola huma jkunu kapaċi jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja kulturali tal-komunità tagħhom.

## Għan 2: Studenti li huma kapaċi jsostnu ċ-ċansijiet tagħhom fid-dinja tax-xogħol

Dan ikun jeħtieġ:

***Il-ħila li wieħed jikkomunika effettivament u b'fiduċja***

L-iżvilupp personali u soċjali jiltob li t-tfal jesprimu ruħhom b'mod li jinftiehem. Mill-mezzi

kollha li għandhom, il-lingwa hija dik li tħaffef l-aktar il-komunikazzjoni. Filwaqt li t-tfal ikunu qed jużaw kemm il-lingwa orali u kemm dik stampata, inklużi simboli u stampa, u jiksbu esperjenza fihom, il-ħiliet tagħhom li jaħsbu, jesprimu ruħhom u jwessgħu r-relazzjonijiet soċjali jissaħħu. L-objettivi ġenerali tat-tagħlim fis-Snin Bikrin u fiċ-Ċiklu tal-Primarja għandhom ikunu li jgħinu lit-tfal japprezzaw il-funzjonijiet u l-iskopijiet tal-lingwa[5] u li jagħmluhom kapaċi jużaw forom differenti tal-lingwa u midja biex jikkomunikaw b'mod effettiv u b'fiduċja. Huma jeħtiġilhom jinteraġixxu u jimpenjaw ruħhom ma' ħafna tipi ta' midja: orali, viżwali u test miktub; jakkwistaw flessibbiltà u moniteraġġ fuq l-użu li jagħmlu mil-lingwa u l-midja; jitgħallmu kif jasserixxu ruħhom u jwettqu dak li hemm bżonn isir; u jibdew isiru konxji tal-influwenza sottili li l-lingwa u l-midja għandhom fuq is-soċjetà fil-forom kollha tagħhom.

Meta jgħaddu għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ jeħtiġilhom ikomplu jiżviluppaw is-sens ta' fiduċja u l-ħiliet tagħhom fil-komunikazzjoni verbali, mhux verbali, miktuba, viżwali, fiżika, teknika u emozzjonali jew espressiva. Jeħtieġ li huma jitgħallmu jużaw u japplikaw il-ħiliet komunikattivi tagħhom f'varjetà ta' kuntesti biex iwieġbu għal sitwazzjonijiet kif iseħħu u jinteraġixxu magħhom, inklużi l-oqsma differenti tat-tagħlim u sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum.

### *Il-kompetenza fl-użu ta' informazzjoni ġdida u teknoloġiji tal-komunikazzjoni*

Fis-Snin Bikrin u f'dawk primarji ssir enfasi fuq l-akkwist ta' ħiliet bażiċi fl-ICT, inklużi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' sigurtà u użu tagħhom. Huma u għaddejjin miċ-Ċiklu tal-Primarja u deħlin fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ jeħtieġ jitgħallmu kif jużaw varjetà ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni biex jaċċessaw u jiskambjaw riżorsi ta' informazzjoni; biex jivvalutaw kemm jistgħu joqogħdu fuq riżorsi ta' informazzjoni; u biex janalizzaw b'mod kritiku l-informazzjoni miksuba. Huma jeħtiġilhom ikunu kapaċi jużaw l-informazzjoni li jsibu biex jaslu għal opinjoni ffurmata u jiżviluppaw attitudnijiet li huma riflessi fl-għażliet li jagħmlu jew deċiżjonijiet li jieħdu.

### *Il-ħila li jitħarrġu, jitħarrġu mill-ġdid u jiżviluppaw ħiliet ġodda*

Matul is-Snin Bikrin, il-Primarja u s-Sekondarja l-istrateġiji tat-tagħlim jeħtieġ li jagħtu l-ħila lit-tfal biex ikunu jafu s-saħħiet u d-dgħufijiet tagħhom infushom b'mod biex ikunu kapaċi jtejbu u jaddattaw ruħhom b'mod intelliġenti għal realtajiet u kuntesti li jinbidlu. Waqt li jkunu qed jikbru u jimmaturaw iż-żgħażagħ jeħtieġ isiru kapaċi jagħmlu awtoevalwazzjoni kostruttiva u japprezzaw il-ħtieġa tat-tagħlim tul il-ħajja fil-kuntest ta' soċjetà li qed tinbidel; ikollhom il-kapaċità li jidentifikaw u possibbilment jantiċipaw ħtiġijiet emerġenti fis-soċjetà; jidentifikaw organizzazzjonijiet li joffru opportunitajiet ta' taħriġ; u jkunu flessibbli biex jaddattaw ruħhom għal teknoloġiji ġodda u l-ħiliet assoċjati magħhom.

### *L-istabbiltà ekonomika u l-indipendenza*

Il-fehim inizjali tat-tfal tas-siwi tal-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni sa mis-Snin Bikrin għandu jkompli jissaħħaħ fil-livell primarju. It-tfal jitgħallmu jieħdu l-inizjattiva u jsiru ħassieba u parteċipanti indipendenti meta jaħdmu bħala tim. Bis-saħħa tal-esperjenzi tagħhom huma jeħtieġ li jsiru konxji tal-kontribut vitali ta' kull membru fis-soċjetà lejn il-ġid tal-komunità.

5 'Ħiliet lingwistiċi' jirreferu għas-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba. 'ħiliet lingwistiċi' tintuża wkoll b'mod wiesa' biex tirreferi għal ħiliet riċettivi u ħiliet produttivi.

Li wieħed jitgħallem ikun flessibbli, tenaċi u reżiljenti jiftaħ it-triq għal ċittadinanza responsabbli.

Huma u għaddejjin miċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ jeħtieġ ikunu jafu kif jużaw riżorsi personali, nazzjonali u globali biex jgħollu kemm jista' jkun il-valur ekonomiku tagħhom. Huma jeħtiġilhom jiżviluppaw etika ekonomika soċjali responsabbli li tagħti prijorità lil sistemi li jippromwovu l-ġid komuni.

***L-innovazzjoni u l-intraprenditorija***

Tul is-Snin Bikrin u l-Primarja t-tfal jeħtieġ ikunu inkoraġġuti li jagħtu valur lill-proċessi li jwasslu għall-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda. Permezz ta' teħid ta' riskji, ippjanar, perseveranza u l-użu tal-immaġinazzjoni tagħhom it-tfal jifhmu u jiżviluppaw il-ħila li jaħsbu b'mod kritiku u joħolqu u jagħtu valur lil prodotti ġodda li jgħinu lilhom u lil oħrajn jaddattaw ruħhom għal bidliet fis-soċjetà. Waqt li jiżviluppaw it-twemmin fihom infushom u l-ħila li jkunu utli u produttivi għalihom infushom, għall-grupp ta' ħbieb tagħhom u għall-klassi u l-iskola tagħhom, huma jiżviluppaw ukoll l-attitudnijiet pożittivi li jeħtieġu biex jikkontribwixxu għall-ġid komuni bħala ċittadini maturi. Fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja l-istudenti jingħataw l-għodod biex jantiċipaw, jibdew u jittrattaw il-bidla; jiżviluppaw ħiliet organizzattivi li jwasslu għal inizjattivi individwali u kollettivi, u jiżviluppaw u jkunu profiċjenti fil-ħiliet meħtieġa għad-dinamika tal-gruppi, l-assessjar tar-riskji u r-riżoluzzjoni tal-konflitti.

***Il-ħila li jħaddnu bil-qalb il-mobbiltà u l-bdil ma' studenti f'pajjiżi oħra***

Tul iċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja, skambji ma' żgħażagħ minn skejjel, kulleġġi, setturi, bliet u pajjiżi oħrajn jistgħu jippromwovu u jinkoraġġixxu l-mobbiltà. Attivitajiet ta' din ix-xorta jippreparaw lit-tfal għall-bidliet soċjali, kulturali u ekonomiċi li jgħaddu minnhom tul ħajjithom. Meta joħorġu mill-iskola ż-żgħażagħ jeħtieġ li jkunu ppreparati biex iwieġbu għall-ħtiġijiet emerġenti tax-xogħol u jkunu lesti biex jibdlu l-professjoni jew l-impjieg tagħhom. Jeħtiġilhom juru flessibbiltà, u jkunu jafu kif jevalwaw ir-riżorsi lokali u barranin meħtieġa għall-iżvilupp personali; kif jaddattaw pjanijiet biex jinkludu vvjaġġar barra ħalli jitħarrġu u/jew jispeċjalizzaw f'xi qasam partikolari ta' kompetenza; biex japprezzaw il-valur tal-fertilizzazzjoni reċiproka ta' ideat, metodi, tekniki u sistemi; u biex japprezzaw u jkunu lesti jiskambjaw kompetenzi lokali ma' kuntesti soċjali oħrajn.

***Il-viżjoni tar-realtà b'ottika sistemika li tiffaċilita l-impenn tagħhom fil-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli***

Minn età żgħira t-tfal jistgħu japprezzaw u jagħtu valur lill-empatija u, b'appoġġ xieraq, jiżviluppaw kurżità, entużjażmu u ġudizzju tajjeb. Bl-għajnuna ta' tagħlim ibbażat fuq l-istħarriġ, it-tfal għandhom jitgħallmu jifhmu li kull azzjoni jista' jkollha effetti dejjiem fuq komunitajiet u soċjetajiet. Bis-saħħa tal-esperjenza ta' temi jew kwistjonijiet interdixxiplinari, l-istudenti jistgħu jaslu biex japprezzaw li r-realtà hija l-effett sħiħ ta' diversi realtajiet li jikkomponuha. Huma jeħtieġ li jiżviluppaw ħiliet biex jidentifikaw, jagħrfu u jammettu l-komplessitajiet u r-relazzjonijiet imwaħħdin ta' problemi personali, soċjali, kulturali, reliġjużi, politiċi, ekonomiċi, teknoloġiċi u ambjentali f'kull kwistjoni jew problema kollettiva. Jeħtieġ li jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet ta' membri oħrajn tas-soċjetà, partikolarment individwi jew gruppi emarġinati u żvantaġġjati; li jiżviluppaw x'jista' jkun

l-impatt tad-deċiżjonijiet jew l-azzjonijiet personali fil-livell lokali u viċeversa; u biex ifittxu s-soluzzjoni tal-problemi billi jħarsu jgħarrxu għall-konnessjonijiet u jippromwovu sħubiji jew sinerġiji fuq il-bażi tad-djalogu, in-negozjati u r-riżoluzzjoni ta' konflitti.

- ***L-involviment attiv fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli***

Iċ-ċittadinanza responsabbli tissarraf f'ċittadinanza attiva. It-tfal żgħar jeħtieġ jibnu sens ta' komunità billi jintegraw sistemi ta' valuri u twemmin li huma l-aktar prevalenti fl-iskejjel u d-djar tagħhom. Permezz tal-esperjenzi tagħhom fl-iskola, fosthom it-tagħlim interkurrikulari, jeħtiġilhom isiru konxji tal-medda ta' soluzzjonijiet plawsibbli u jieħdu azzjoni biex itejbu l-ambjent immedjat tagħhom. Huma għandhom ukoll ikunu konxji ta' kwistjonijiet nazzjonali u reġjonali u jiżviluppaw opinjonijiet infurmati fuqhom. Waqt li jkunu qed jikbru biex isiru adulti, iż-żgħażagħ għandhom juru impenn lejn it-titjib fil-kwalità tal-ħajja f'livelli personali, komunitarji, nazzjonali u globali. Jeħtiġilhom jiżviluppaw mod kritiku kif jaħsbu u ħiliet ta' riflessjoni biex jevalwaw politiki u prattiki kurrenti u jissuġġerixxu mġiba sostenibbli alternattiva f'kull każ. Huma jeħtiġilhom ukoll jifhmu r-responsabbiltà personali – mhux sempliċement tal-awtoritajiet – biex ikun hemm żvilupp sostenibbli, u jiżviluppaw f'ċittadini attivi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

## Għan 3: Studenti li huma ċittadini impenjati fost realtajiet lokali, reġjonali u globali dejjem jinbidlu

Dawn jeħtieġ li:

***Jirrispettaw id-diversità u japprezzaw id-differenza***

Fis-snin l-aktar bikrin tagħhom it-tfal jiskopru ħwejjeġ li jixxiebhu u differenzi madwarhom permezz tal-esperjenza tagħhom ta' kulturi u lingwi differenti. B'dan il-mod jibdew jifhmu u jagħtu valur lid-diversità. L-iskola inklużiva għandha taħseb għal kull tifel jew tifla irrispettivament mis-sess, reliġjon, razza, ħila, u twemmin, iżda għandha wkoll tiffissa bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-potenzjal ta' kull student bis-saħħa ta' attenzjoni u appoġġ individwalizzati. L-etos u l-prattiki tal-iskola, fiċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja, jittrasmettu dan il-valur lill-istudenti li jilħqu dan l-għan speċifikament permezz tal-oqsma tat-tagħlim, permezz ta' temi interkurrikulari bħall-edukazzjoni multikulturali u l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, u permezz ta' kurrikuli alternattivi, skont ix-xejriet u ħiliet tal-popolazzjoni studenteska.

***Jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Maltin***

Tul is-Snin Bikrin u ċ-Ċiklu tal-Primarja t-tfal għandhom jesploraw u jagħmlu esperjenza tal-wirt u l-għana kulturali u nazzjonali tagħhom permezz ta' żjajjar, wirjiet u opportunitajiet immedjati oħrajn. It-tagħlim attiv u msejjes fuq l-istħarriġ u l-wiri ta' artefatti mqegħdin f'kuntest, u l-istudju ta' dokumenti u testi li jużaw diversi midja flimkien, jagħtu ħila lill-istudenti biex jiffurmaw fehim solidu ta' min huma u minn fejn ġejjin. It-tfal għandhom jimpenjaw ruħhom attivament fi proġetti li jgħinu fil-konservazzjoni tal-wirt reġjonali u nazzjonali tagħhom.

Fl-aħħar snin taċ-Ċiklu tal-Primarja u fl-ewwel snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja ż-żgħażagħ għandhom jissuktaw bl-esperjenzi tal-kultura u l-wirt nazzjonali li jgħinuhom japprezzaw

l-identità nazzjonali tagħhom infushom u jsaħħu l-kapaċità tagħhom bħala ċittadini responsabbli. It-tfal għandhom ukoll ikunu inkoraġġuti jesploraw kulturi u modi ta' ħajja differenti permezz tal-programmi tal-lingwa tagħhom u programm ta' għarfien ta' lingwa barranija. B'mod partikolari jeħtieġ li jitgħallmu jagħmlu użu bil-għaqal tal-ilsien Malti. Bis-saħħa ta' arti espressivi (l-arti, il-mużika, iż-żfin u d-drama), mlaqqgħin mal-Istudji Ambjentali, l-Istorja u l-ġeografija, iż-żgħażagħ jeħtieġ li jiżviluppaw fehim tal-importanza tal-kultura tagħna u tal-arti għall-identità nazzjonali u tal-post ta' Malta fl-Ewropa u fid-dinja.

***Jiżviluppaw kompetenza interkulturali u japprezzaw il-wirt tagħhom f'kuntest Mediterranju, Ewropew u globali***

It-tfal u ż-żgħażagħ jeħtieġ li jsaħħu l-ħila tagħhom li japprezzaw realtajiet soċjali, kulturali, nazzjonali u ġeografiċi billi jakkwistaw għarfien storiku u ġeografiku li għandu x'jaqsam mal-oqsma differenti tat-tagħlim u jiżviluppaw attitudnijiet li jippermettulhom jaslu għal fehim interkulturali. Id-dimensjonijet Mediterranji u Ewropej huma ta' importanza partikolari għat-tfal Maltin. Parteċipazzjoni f'*e-twinning*, Comenius u proġetti oħrajn fost diversi skejjel, kemm f'livell lokali u kemm f'dak internazzjonali, jiffaċilitaw l-esperjenzi interkulturali.

***Jaħdmu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u jiżguraw il-ġustizzja soċjali***

L-apprezzament tad-diversità u tad-differenzi, filwaqt li jikkonċentra fuq ħwejjeġ li jixxiebhu, jippromwovi t-tolleranza u l-ħila li wieħed jagħraf modi li bihom komunità tista' tikkontribwixxi għal soċjetà aktar soċjalment koeżiva. F'livell ta' klassi, sena u skola t-tfal jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom fi strateġiji ta' tagħlim kollaborattiv li jippromwovu prattiki li huma soċjalment inklużivi. L-iskejjel multikulturali, sens ċiviku qawwi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-iskejjel għandhom ikunu l-mixtla tal-koeżjoni soċjali. Iż-żgħażagħ jeħtiġilhom jitgħallmu kif jidħlu fi djalogu u jilħqu kunsens fil-kuntest tal-ġid komuni. Għandhom ikunu offruti skemi ta' ħidma volontarja u l-Prinċipji ta' Medjazzjoni jistgħu jiffurmaw parti mill-programm PSHE. L-iżvilupp tar-rispett għad-diversità u l-għoti ta' valur lid-differenzi għandu jgħin liż-żgħażagħ, bħala ċittadini adulti, biex jibnu soċjetà stabbli u sana li fiha kull individwu jħossu li jingħata valur, hu rispettat u hu meqjus ugwali.

***Iwettqu l-ġustizzja soċjali u l-prinċipji demokratiċi***

Tul is-Snin Bikrin it-tfal jeħtieġ li jiżviluppaw sens ta' ekwità u ġustizzja fil-logħob u fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Fil-proċess li jwassalhom għaċ-Ċiklu tal-Primarja jeħtieġ li jitgħallmu aktar fuq il-ġustizzja soċjali u d-demokrazija u jiżviluppaw il-fehim tagħhom ta' drittijiet u responsabbiltajiet individwali waqt li jimpenjaw ruħhom attivament f'diskussjonijiet, dibattiti u prattiki ta' governanza serja. Il-konnessjonijiet interkurrikulari jsaħħu l-żvilupp ta' dan l-aspett kruċjali tat-tagħlim. Fil-proċess li jwassalhom għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja, l-Edukazzjoni Ċivika flimkien ma' inizjattivi li jħaddnu prattiki demokratiċi fl-iskejjel huma l-modi l-aktar ovvji kif wieħed isegwi dan il-għan. Minnha n-nifisha, sistema inkluża tippromwovi l-ġustizzja soċjali għal kulħadd. Iż-żgħażagħ jeħtieġ li jiżviluppaw il-fehim tagħhom tal-ġustizzja soċjali u tal-prinċipji demokratiċi u jassumu responsabbiltà akbar f'dan il-qasam bħala parti mill-ħajja tal-iskola. L-amministrazzjoni tal-iskola għandha tagħti spazju xieraq lil inizjattivi meħudin u koordinati mill-Kunsill tal-Istudenti u għandha tikkonsulta lill-Kunsill tal-Istudenti fuq materji li jolqtu direttament il-popolazzjoni studenteska.

## L-Oqsma tat-Tagħlim

Wieħed mill-iskopijiet tal-NCF hu li jidentifika dak li wieħed irid jitgħallem fil-Kurrikulu tas-Snin Bikrin, fil-Primarja u fis-Sekondarja. Is-sistema kurrenti li tifred il-kurrikuli tal-Primarja u tas-Sekondarja f'suġġetti singoli tippreżenta lill-istudenti b'viżjoni frammentata ta' għerf li ma twassalx għal edukazzjoni ħolistika. L-NCF jipproponi perspettiva alternattiva ta' kuntenut kurrikulari li jimxi fuq il-kunċett li t-tagħlim isir permezz ta' esperjenzi li jagħmlu sens u joffru sfida, u li jużaw l-għerf, l-interessi u d-dispożizzjonijiet li jkollu diġà l-istudent. Dan jista' jinkiseb l-aħjar billi diversi suġġetti jitgħaqqdu f'oqsma tat-tagħlim biex jikkontribwixxu għall-akkwist ta' korp ta' għarfien u ħiliet rilevanti, li għandhom skop u huma konnessi ma' xulxin u li jimpenjaw u jimmotivaw lil dawk li jkunu qed jitgħallmu. Dan ma jimplikax it-tneħħija tal-kontenut tradizzjonali tas-suġġetti iżda l-ħolqien ta' rabtiet bejn u fost is-suġġetti biex jissaħħaħ it-tagħlim.

Mhumiex proposti oqsma tat-tagħlim diskreti għas-Snin Bikrin, fejn l-enfasi qiegħda fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u ta' dispożizjonijiet pożittivi lejn it-tagħlim li jkunu żviluppati u estiżi fis-snin ta' wara. L-oqsma tat-tagħlim jiddaħħlu fiċ-Ċiklu tal-Primarja u jkunu estiżi fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja fejn l-istudenti jagħżlu wkoll minn fost għadd ta' suġġetti skont l-interess tagħhom.

It-tagħlim fis-Snin Bikrin (Figura 2.3) u t-tmien oqsma tat-tagħlim proposti fl-NCF bħala drittijiet għal kull persuna żagħżugħa (Figura 2.4) ttieħdu mill-għanijiet deskritti f'Figura 2.2. Hu ta' min jinnota wkoll li oqsma tat-tagħlim simili huma identifikati fid-dokumentazzjoni kurrikulari nazzjonali ta' pajjiżi oħrajn bħall-Iskozja (2004, 2006, 2007, 2008) u New Zealand (2007) kif ukoll fid-direttivi tal-UE.

L-oqsma tat-tagħlim huma mfasslin b'mod li jiżgura li kurrikulu b'bażi wiesgħa u bbilanċjat tajjeb jista' jindirizza u jikseb l-għanijiet deskritti hawn fuq. L-esperjenzi tat-tagħlim f'kull qasam għandhom iservu biex jiżviluppaw id-dispożizzjonijiet importanti ta' ħassieba u studenti attivi: "il-k*ooperazzjoni, il-konċentrazzjoni, il-kuraġġ, il-kurżità, id-direzzjoni, l-empatija, il-flessibbiltà, il-ġudizzju tajjeb, l-umiltà, l-immaġinazzjoni, l-independenza, il-perseveranza, il-moħħ miftuħ, il-preċiżjoni, is-sens ta' riflessjoni, ir-responsabbiltà, it-teħid ta' riskji u l-awtodixxiplina."* Simister (2007, p. 23).

Darba li jkun hemm qbil fuq id-deskrizzjoni wiesgħa tal-NCF, tkun żviluppata gwida sussegwenti minn esperti fil-kurrikulu u speċjalisti fil-qasam tal-kontenut biex jipprovdu deskrizzjonijiet aktar dettaljati u komprensivi ta' kull qasam tat-tagħlim u tal-*learning outcomes* rispettivi, skont iċ-Ċikli Bikrin, tal-Primarja u tas-Sekondarja. Dawn id-dokumenti mbagħad ikunu tradotti f'sillabi u programmi ta' studju li jistgħu jintużaw direttament fil-kuntesti kollha tat-tagħlim. Fl-ambitu ta' kull qasam tat- tagħlim, fil-każ tal-iskejjel primarji u sekondarji dawn id-dokumenti tal-kurrikulu jidentifikaw il-qofol tal-kurrikulu obbligatorju kif ukoll il-komponenti flessibbli li jippermettu programmi tat-tagħlim differenti biex ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet individwali ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu.

## Is-Snin Bikrin

Il-karatteristiċi ta' programmi ta' kwalità u li jirnexxu għas-Snin Bikrin huma dawk li:

- jħaddnu dimensjoni soċjokulturali madwar it-tagħlim tat-tfal;
- għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni u inkoraġġiment ta' dispożizzjonijiet pożittivi għat-tagħlim;
- jqiegħdu lit-tfal fiċ-ċentru tal-ambjent tat-tagħlim;
- jippermettu li jsiru attivitajiet inizjati mit-tfal b'mod li jkun aċċettat li t-tagħlim fis-Snin Bikrin hu proċess ta' kostruzzjoni flimkien u kollaborazzjoni;
- jippromwovu attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-esperjenzi tal-ħajja reali tat-tfal ;
- joffru lit-tfal opportunitajiet għall-attivitajiet prattiċi; u
- jagħmlu użu minn varjetà ta' pedagoġiji li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' studenti partikolari.

Hekk, aktar milli nidentifikaw l-għarfien ta' kontenut speċifiku u nassoċjawh ma' oqsma ta' suġġetti, fis-Snin Bikrin l-enfasi trid issir fuq kompetenzi ġenerali żviluppati permezz ta' temi interkurrikulari li jikkontribwixxu biex ikunu stabbiliti l-pedamenti tat-tagħlim tul il-ħajja. Is-Snin Bikrin jitqabblu ma' vjaġġ ta' skoperta li fih it-tfal isibu min huma bħala individwi u jpoġġu u jistabbilixxu lilhom infushom fl-ambitu ta' soċjetà waqt li jinteraġixxu ma' oħrajn. Biex jirnexxu fiż-żewġ każijiet, it-tfal jitgħallmu u jieħdu esperjenza fuq il-modi kif jużaw għodod komunikattivi meħtieġa għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, u għal impenn soċjali li jagħmel sens.

Is-suċċess fil-promozzjoni tal-imħabba għat-tagħlim u l-iżvilupp ħolistiku jiġi bis-saħħa ta' pedagoġiji addattati li għandhom iħaddnu l-logħob u t-tagħlim esperjenzjali ferrieħi. Id-diversi xorta ta' logħob li t-tfal għandhom jieħdu sehem fih għandhom jissodisfaw b'mod effettiv l-objettivi u riżultati neċessarji biex issir esperjenza ta' kwalità fl-edukazzjoni fi żmien it-tfulija bikrija. Hekk il-logħob li fih it-tfal jagħmluha ta' xi ħadd jew xi ħaġa, il-logħob immaġinattiv, kreattiv, kostruttiv, simboliku u li hu bbażat fuq rwol, kif ukoll l-impenn, l-interazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-forom kollha tal-arti espressiva jikkostitwixxu parti integrali tal-esperjenzi tat-tfal fis-snin bikrin. Permezz ta' programmi li jfittxu l-involviment attiv tat-tfal u t-tagħlim esperjenzjali tagħhom, it-tfal huma mistennija jiksbu kompetenzi soċjali, komunikattivi u intellettwali f'ambjent li jrawwem benesseri personali u dispożizzjonijiet pożittivi għat-tagħlim (Ara Figura 2.3).

Dawn il-kompetenzi jistgħu jkunu tradotti f'*learning outcomes* li tfal żgħar huma mistennija jiksbu meta jkunu għaddejjin mis-Snin Bikrin għas-snin tal-iskola Primarja li jiġu wara. L-iżvilupp ħolistiku tat-tfal jikkontribwixxi għall-kisba b'suċċess tar-riżultati kollha.

## *Kompetenzi tas-Snin Bikrin*

### *Il-Benesseri*

Is-snin bikrin għandhom joffru ambjenti fejn it-tfal iħossuhom protetti u żguri b'mod li jkollhom sens ta' wieħed li jħossu parti mill-ambjent; iħossuhom maħbubin u aċċettati minn kulħadd; u huma rispettati ta' li huma. L-adulti li jaħdmu mat-tfal żgħar jeħtieġ li juru u jaqsmu interess ġenwin f'kull tifel jew tifla u jagħmlu kull sforz biex irawmu relazzjonijiet ta' simpatija, kura u ħbiberija. Il-benesseri tat-tfal jikber skont l-attitudnijet u r-relazzjonijiet li hemm u jiġu promossi fost l-adulti nfushom li jieħdu ħsiebhom.

Ambjent li joffri siġurtà lit-tfal hu wieħed fejn hemm stabbiltà u konsistenza. L-ambjenti ta' din ix-xorta jappoġġjaw lit-tfal biex jibnu stima personali, jiżviluppaw l-identità personali u jiksbu fiduċja fihom infushom u fil-kisbiet tagħhom. F'ambjent sigur fejn huma aċċettati, mogħtijin il-libertà ta' għażla, u mħollijin jesploraw u jesperimentaw għal rashom u ma' oħrajn, it-tfal jitgħallmu jieħdu r-riskji. Huma jistgħu jiżviluppaw strateġiji individwali li jgħinuhom ilaħħqu ma' sfidi ġodda, isiru individwi awtonomi li għandhom kontroll fuq ħajjithom u jirregolaw lilhom infushom, jegħlbu d-diffikultajiet u jħossuhom sodisfatti bl-isforzi tagħhom. U għalhekk l-istudenti jsiru indipendenti.

Fil-proċess li jsiru indipendenti u jitgħallmu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, it-tfal żgħar jitgħallmu kif jittrattaw dak li jħossu ġo fihom, jagħrfu u jiddeskrivu l-emozzjonijiet, jaċċettaw lilhom infushom u jitgħallmu jkunu komdi magħhom infushom u ma' oħrajn. Meta jiżviluppaw kompetenzi soċjoemozzjonali, it-tfal żgħar jiksbu awtodixxiplina waqt li jitgħallmu jieħdu kontroll akbar ta' min huma u x'jistgħu jagħmlu. Barra mill-iżvilupp affettiv tagħhom, fis-snin bikrin it-tfal jitgħallmu dwar min huma u x'jistgħu jagħmlu bis-saħħa ta' attivitajiet fiżiċi li jistgħu jintużaw biex jippromwovu ħajja sana.




***Figura 2.3*** *Kompetenzi fl-Edukazzjoni fit-tfulija Bikrija*

### ***Il-Kompetenzi soċjali***

Minbarra li jitgħallmu jħossuhom komdi magħhom infushom, fis-snin bikrin it-tfal jiksbu għarfien dejjem akbar tal-oħrajn u jitgħallmu kif jgħixu u jikbru mal-oħrajn. Dan ifisser li t-tfal jgħaddu minn esperjenzi ta' attivitajiet ta' *turn-taking* u fejn jaqsmu mal-oħrajn, ideat, proċessi ta' ħsieb u kisbiet li jgħinuhom jiżviluppaw relazzjonijiet pożittivi u awtentiċi. Meta jagħmlu dan it-tfal jirrealizzaw x'ifisser tirrispetta lill-oħrajn, tagħti valur reċiproku u tiżviluppa sens ta' komunità. Flimkien, it-tfal iridu jirriżolvu l-konflitti b'riżultat tat-tagħlim tagħhom li jikkontribwixxu u jipparteċipaw f'demokrazija. L-izvilupp tal-empatija jseħħ meta t-tfal jistgħu jifhmu l-emozzjonijiet li oħrajn ikunu għaddejjin minnhom u jaraw perspettivi differenti.

Fil-proċess li jiżviluppaw il-kompetenzi soċjali u f'atmosfera li fiha l-benessri personali tagħhom hu salvagwardat, tfal żgħar jiżviluppaw identità morali; sens ta' x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin meta jiddistingwu bejn dak li hu aċċettabbli u dak li mhux aċċettabbli; waqt li jesperjenzjaw u jadottaw valuri li jiddependu minn kif huma trattati u kif jaraw lil oħrajn jiġu ttrattati.

### ***Il-Kompetenzi komunikattivi***

L-iżvilupp personali u soċjali jirnexxi meta nesprimu ruħna b'mod li jinftiehem. Hemm ħafna għodod ta' komunikazzjoni li jgħinu lit-tfal jifhmu lilhom infushom u lill-oħrajn. L-għodda predominanti li tħaffef il-komunikazzjoni hija l-lingwa. Waqt li t-tfal jgħaddu minn u jakkwistaw esperjenzi fl-użu kemm tal-lingwa mitkellma u kemm ta' dik miktuba, il-ħiliet tagħhom li jaħsbu, jifhmu, jesprimu ruħhom u jwessgħu r-relazzjonijiet soċjali jissaħħu. L-objettivi ġenerali tal-lingwa fis-snin bikrin għandhom jiffukaw l-aktar biex jgħinu lit-tfal ikabbru l-għarfien tagħhom tal-funzjonijiet u l-iskopijiet tal-ħiliet fil-lingwa[6] li jagħmluhom għodda versatili għal kull membru ta' soċjetà. Fejn jidħol it-tagħlim tal-lingwi, sa minn età żgħira t-tfal jiksbu flessibbiltà u kontroll fuq il-lingwa bis-saħħa tal-għażla korretta u xierqa tal-kliem; jestendu l-vokabularju tagħhom; jitgħallmu jsiru konxji tal-influwenza sottili li l-lingwa għandha fuq is-soċjetà u kif is-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba huma għodod li jintużaw kważi l-ħin kollu biex isiru affarijiet oħrajn.

Filwaqt li l-ewwel lingwa tat-tfal għandha tkun rispettata, promossa u msaħħa, it-tfal żgħar li jikbru f'kuntest Malti jibdew il-vjaġġ tagħhom biex jitgħallmu t-tieni lingwa tagħhom. Dan hu rifless dirett tas-soċjetà usa' aktar milli neċessarjament ħtieġa immedjata tat-tfal żgħar. Madankollu, hu imperattiv li t-tfal ikunu esposti għaż-żewġ lingwi uffiċjali ta' pajjiż b'modi li jagħmlu sens u li jservuhom biex jippromwovu t-tagħlim u l-fehim tad-dinja li jmur lil hinn mit-tagħlim tal-lingwi nnifsu. It-tagħlim tat-tieni lingwa jista' jirnexxi jekk il-lezzjonijiet jingħataw bl-akkwist tal-lingwa nattiva u jekk il-pedagoġiji użati fl-ambjenti aktar formali tal-iskola jkunu mmexxijin minn prinċipji li huma addattati għall-grupp tal-età speċifiku.

Minbarra għal-lingwa, sa minn età relattivament żgħira t-tfal huma esposti għal sorsi alternattivi ta' aċċess għal komunikazzjoni li tħaffef bil-kbir bl-aċċessibbiltà mxerrda ħafna tat-teknoloġiji diġitali. Għaliex qed jikbru fis-seklu 21, it-tfal jeħtieġu kompetenzi diġitali li jagħtuhom il-ħila li jikkomunikaw b'mod aktar effettiv mhux biss mal-kuntatti mmedjati

6 'Ħiliet fil-lingwi' tirreferi għal smigħ, taħdit, qari u kitba. 'ħiliet fil-lingwi' tintuża wkoll b'mod wiesa' għall-ħiliet riċettivi u l-ħiliet produttivi.

tagħhom iżda saħansitra ma' oħrajn. L-aċċessibilità ta' u għal sorsi differenti ta' informazzjoni tagħti ċans lit-tfal jagħmlu kuntatt ma' u sens tad-dinja ta' madwarhom; jinkoraġġuhom għall-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, jippromwovu ħiliet biex jagħmlu riċerka kif ukoll biex isibu, jaħżnu u jtellgħu l-informazzjoni.

***Id-Dispożizzjonijiet għat-tagħlim***

Ambjent iċċentrat fuq it-tfal jinkoraġġihom ifittxu huma stess; iħallihom jesperimentaw, jittestjaw ipotesijiet, u jippruvaw anke jekk jistgħu jiżbaljaw. Bis-saħħa ta' sistema prattika fit-tfittxija għal tweġibiet minn attivitajiet maħluqin minnhom stess, it-tfal żgħar jiżviluppaw il-perseveranza u l-konċentrazzjoni. Il-funzjoni tal-adulti hi li jkunu sensittivi għall-interessi u l-inklinazzjonijiet taż-żgħażagħ li jkunu qed jitgħallmu u jipprovdulhom ambjenti stimulanti li joffru sfida ġodda lill-imħuħ tal-istudenti fit-tfittxija għall-informazzjoni. L-adulti responsabbli għat-tagħlim taż-żgħar jeħtieġ li jemmnu li t-tfal għandhom għatx għall-għerf, u meta wieħed iħallihom jagħmlu attivitajiet imsejsin fuq l-istħarriġ u jesploraw b'mod indipendenti, it-tfal iktar hemm ċans li jiftakru u jifhmu liema riżultati jinkisbu u kif jinkisbu. It-tagħlim imsejjes fil-prattika hu metodoloġija aktar effettiva milli tagħlim bil-fomm. It-tfal jeħtiġilhom jieħdu gost jitgħallmu u li jkollhom tassew sens li altru li huma kapaċi li jiksbu u jitgħallmu.

***Il-Kompetenzi intellettwali***

L-esperjenzi tas-snin bikrin għandhom joffru lit-tfal il-possibbiltajiet li jimpenjaw ruħhom u jifhmu d-dinja ta' madwarhom. Aktar milli jsiru restrizzjonijiet fuq l-opportunitajiet tat-tfal, għandu jsir kull sforz biex ikun żgurat li l-attivitajiet, l-ambjenti u r-riżorsi joffru sfida u li t-tfal jingħataw il-possibbiltà li jfittxu diversi għejun ta' informazzjoni. L-ambjenti tas-snin bikrin huma responsabbli biex jgħinu lit-tfal isiru konxji tal-ħiliet u l-istrateġiji meħtieġa biex jaċċessaw, ifittxu, joħorġu, jtellgħu lura, jorganizzaw u jifhmu l-informazzjoni. Mgħammrin bi strateġiji addattati u sistema sana għat-teħid ta' riskji, it-tfal jiksbu medda ta' ħiliet konjittivi bħal li jidentifikaw, jiddeskrivu, iqiegħdu f'ordni, fi gruppi jew f'sekwenza, jikklassifikaw, jikkategorizzaw u jqabblu.

## L-Oqsma tat-Tagħlim għaċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja

L-NCF jippreżenta deskrizzjoni qasira ta' kull qasam tat-tagħlim billi jtiddeskrivi l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudinijiet essenzjali li l-istudenti huma mistennija jiksbu. ħafna mid-deskrizzjonijiet huma addattati minn *Key Competences for Lifelong Learning: European Reference Framework* (2006/962/KE).




***Figura 2.4*** *L-Oqsma tat-tagħlim*

### *Il-Lingwi*

Il-Komunikazzjoni bil-lingwi hija l-ħila li wieħed jifhem, jesprimi u jinterpreta kunċetti, ħsibijiet, fatti u opinjonijiet kemm bil-fomm u kemm bil-kitba (smigħ, taħdit, qari u kitba). Din il-ħeffa u l-kompetenza lingwistika hi mistennija kemm fil-lingwa materna (L1) u kemm fit-tieni lingwa (L2), li fil-kuntest Malti ġeneralment jirreferu għall-Malti u l-Ingliż rispettivament, u f'qies x'aktarx inqas għal lingwa jew lingwi barranin. It-tagħlim tal-Malti, l-Ingliż u lingwi oħrajn jagħti l-ħila lill-istudenti biex jiżviluppaw l-għarfien tan-natura tal-lingwi u t-tagħlim tal-lingwi, u jwessa' l-fehim personali, soċjali u kulturali tagħhom. It-tagħlim tal-lingwi jagħni l-iżvilupp konjittiv u affettiv taż-żgħażagħ, isostni l-fiduċja fil-ħiliet tagħhom stess u hekk jgħinhom jerfgħu r-responsabbiltà tat-tagħlim li jirċievu. Fil-proċess li jiżviluppaw kompetenza komunikattiva huma jtejbu wkoll il-ħiliet li jitgħallmu li għandhom applikazzjoni aktar ġenerali, inklużi l-memorizzazzjoni, it-tfittxija għall-għerf, l-analiżi, il-ħruġ ta' inferenzi u l-awtoevalwazzjoni. Waqt li ż-żgħażagħ ikunu qed jużaw il-lingwa għal skopijiet differenti u f'kuntesti differenti, huma jiżviluppaw għarfien u fehim tal-kultura jew kulturi tal-poplu li jitkellem dik il-lingwa u jitgħallmu jirrispettaw id-diversità kulturali, u jħejju lilhom infushom għad-dinja tax-xogħol u għal edukazzjoni lil hinn minn dik obbligatorja f'Malta u barra.

Permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet lingwistiċi t-tfal u żgħażagħ:

- jużaw il-mistoqsijiet, l-informazzjoni, il-ħsieb kritiku, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-memorja biex jorganizzaw il-ħsibijiet, l-ideat, il-ħsus u l-għerf;

- jikkomunikaw ma' oħrajn u jirrispondu għal kif l-oħrajn jikkomunikaw;

- jifformulaw, jesprimu u jippreżentaw l-argumenti, il-ħsus u l-ideat tagħhom b'manjiera persważiva; u

- japprezzaw u jgawdu l-wirt letterarju tal-lingwi li jitgħallmu.

Bis-saħħa tat-tagħlim tal-lingwi, it-tfal u żgħażagħ jiżviluppaw:

- l-attitudni pożittiva għall-komunikazzjoni;

- id-dispożizzjoni għal djalogu kritiku u kostruttiv; u

- l-apprezzament ta' kwalitajiet estetiċi u rieda li jħabirku għalihom.

L-istudenti għandhom ikunu kapaċi jinteraġixxu lingwistikament b'manjieri addattati u kreattivi fl-ambitu ta' medda wiesgħa ta' kuntesti konnessi mas-soċjetà u mal-kultura. Huma jeħtiġilhom ikunu kapaċi jagħżlu ġeneri addattati, jiddistingwu bejn tipi differenti ta' testi u jfittxu, jiġbru u jipproċessaw informazzjoni minn fost medda ta' testi li jinkludu sitwazzjonijiet u ġrajjiet u materjal stampat. L-attitudni pożittiva għall-komunikazzjoni tippromwovi apprezzament tad-diversità kulturali, u interess u kurżità fil-lingwi u fil-komunikazzjoni interkulturali.

It-tagħlim tat-**tieni lingwa** (ġeneralment l-Ingliż li hu waħda mil-lingwi uffiċjali f'Malta), isaħħaħ l-akkwist tal-aktar lingwa internazzjonali importanti tal-komunikazzjoni. It-tagħlim tal-lingwa Ingliża jipprovdi wkoll aċċess għall-għerf u l-kultura ta' ħafna mid-dinja. Fil-waqt li l-Malti u l-Ingliż huma l-lingwi ewlenin f'dan il-qasam tat-tagħlim, l-introduzzjoni ta' lingwi barranin bis-saħħa ta' programm ta' għarfien tal-lingwi qed tkun proposta għall-aħħar snin taċ-Ċiklu tal-Primarja[7]. Fid-dawl tal-kuntest politiku, ġeografiku u storiku tal-Gżejjer Maltin u l-enfasi tal-UE fuq it-tagħlim tal-lingwi, il-multilingwiżmu (l-iżvilupp ta' individwi li huma profiċjenti f'aktar minn lingwa waħda) jassumi importanza akbar.

It-tagħlim ta' **lingwi barranin** f'livell sekondarju jipprovdi għall-akkwist ta' aktar għodod ta' komunikazzjoni li huma utli għall-apprezzament tad-diversità kulturali u għat-tħaffif tal-interazzjoni fl-ambitu tal-kuntesti Ewropej u internazzjonali. Minbarra l-lingwi obbligatorji (Malti u Ingliż) l-istudenti jagħżlu lingwa barranija fl-ewwel sena u jibqgħu jistudjawha tul iċ-Ċiklu tas-Sekondarja kollu. Jista' jkun hemm ukoll il-possibbiltà li l-istudenti jagħżlu t-tieni lingwa barranija fl-aħħar snin taċ-Ċiklu tas-Sekondarja. Il-kunċett ta' multilingwiżmu, li hu

7 Il-Qafas Komuni Ewropew (Kunsill tal-Ewropa 2001) ippromwova l-ħtieġa ta' kapaċità multilingwi. Għalkemm għandu jkun hemm salvagwardja fir-rigward tal-impożizzjoni li wieħed jitgħallem wisq lingwi, it-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jistudjaw mill-inqas lingwa oħra (L3) b'manjiera informali jew semiformali tul l-aħħar snin tal-primarja. Ix-xejriet kurrenti fit-tagħlim tal-lingwi f'dan il-livell jindikaw sistema dijaloġika u interattiva li permezz tagħha t-tfal ikunu esposti għat-tagħlim tal-lingwa u l-kultura permezz ta' attivitajiet lingwistiċi magħżulin b'attenzjoni kbira.

relatat direttament mal-opportunitajiet li wieħed ikollu fid-dinja tax-xogħol, hu inkoraġġit fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja.

### *Il-Matematika*

Il-ħila li wieħed jiżviluppa u japplika l-ħsieb matematiku biex isolvi medda ta' problemi f'sitwazzjonijiet ta' kuljum hija importanti għall-istudenti kollha. Bis-saħħa tal-matematika l-istudenti jiksbu għarfien sod tal-għadd tan-numri, il-kejl u l-istrutturi, l-operazzjonijiet bażiċi u l-preżentazzjonijiet matematiċi bażiċi, fehim tat-termini u l-kunċetti matematiċi, u għarfien tal-mistoqsijiet li l-matematika tista' toffri tweġiba għalihom.

L-istudenti jiżviluppaw ħiliet biex japplikaw prinċipji u proċessi bażiċi f'kuntesti ta' kuljum u biex isegwu u jassessjaw katini ta' argumenti, ħsieb, manipulazzjoni, rappurtar u preżentazzjoni ta' riżultati. Huma jitgħallmu jirraġunaw matematikament, jifhmu l-prova matematika u jikkomunikaw f'lingwa matematika, bl-użu tar-riżorsi addattati. Waqt li jkunu qed jitgħallmu huma għandhom jiżviluppaw attitudni pożittiva msejsa fuq ir-rispett għall-verità u rieda li jfittxu spjegazzjonijiet u jassessjaw il-validità tagħhom.

Fil-proċess li jsiru aktar midħla tal-Matematika, l-istudji tagħhom jagħtu liż-żgħażagħ opportunitajiet li jidħlu aktar fil-fond fl-għarfien u r-raġunar matematiku, jiġu f'kuntatt aktar formali ma' raġunar astratt u loġiku, u japprezzaw aħjar u japplikaw il-possibbiltajiet tal-komunikazzjoni li joffri l-medju tal-matematika. Huma jaslu biex japprezzaw u jużaw medda ta' sistemi għall-użu ta' numri, kejl, ittrattar ta' dejta, spazji u forom, u jużaw il-ħsieb matematiku loġiku u kreattiv biex jinvestigaw problemi u jipproponu soluzzjonijiet.

Billi hu mistenni li l-maġġoranza l-kbira taż-żgħażagħ se jibqgħu sejrin bl-edukazzjoni lil hinn minn dik obbligatorja, l-esperjenza tal-matematika fis-Sekondarja tassumi r-responsabbiltà li tħejji u timmotiva żgħażagħ għal studji postsekondarji kemm fil-Matematika nnifisha u kemm f'oqsma oħrajn tat-tagħlim. Din għandha tkun preparazzjoni li twitti t-triq għal varjetà ta' livelli ta' matematika li għandhom x'jaqsmu kemm ma' rotot akkademiċi u kemm ma' dawk vokazzjonali.

### *Ix-Xjenza*

Il-kompetenza fix-xjenzi hija l-ħila li wieħed juża korp ta' għerf u metodi biex jispjega d-dinja naturali, biex jidentifika mistoqsijiet, u biex jiġbed konklużjonijiet ibbażati fuq evidenza. Dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu jeħtieġ jiksbu għarfien ta' kunċetti, prinċipji u metodi xjentifiċi fundamentali, l-impatt tax-xjenza fuq il-ħajja ta' kuljum, il-benefiċċji u r-riskji ta' ċerti applikazzjonijiet tax-xjenza, u wkoll uħud mil-limitazzjonijit tagħha. Il-kompetenza fix-xjenza tinvolvi wkoll fehim tal-bidliet ikkaġunati minn attività umana u r-responsabbiltà ta' ċittadini individwali. Il-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet etiċi, ekonomiċi, soċjali u morali tikkontribwixxi għal fehim aktar profond tax-xjenza u l-konnessjonijiet tagħha mal-ħajja ta' kuljum. Din id-dimensjoni għandha tgħin liż-żgħażagħ jintegraw għerf minn oqsma differenti tat-tagħlim u jifhmu li x-xjenza m'għandhiex soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet problematiċi kollha.[8]

It-tagħlim kmieni tax-xjenza jinvolvi lit-tfal fit-tiftix ta' ħwejjeġ għalihom infushom billi

8 Qed tkun żviluppata Viżjoni għall-Edukazzjoni fix-Xjenza fl-istess ħin ma' dan id-dokument.

josservaw, jesploraw u jinvestigaw l-ambjent tagħhom. Tul dan il-proċess huma jiżviluppaw sens ta' stagħġib dwar id-dinja, u jiksbu fehim ta' kunċetti xjentifiċi sempliċi u tal-vokabularju biex jikkomunikaw dak li jsibu. Huma jibdew jitgħallmu kif joperaw ix-xjenzjati u jiżviluppaw sens tagħhom infushom bħala "xjenzjati żgħażagħ".

Tul l-istudju tagħhom tax-xjenzi, l-istudenti jiksbu wkoll ħiliet li jistaqsu u li jaħsbu b'mod kritiku li jwassluhom biex jagħmlu mistoqsijiet addattati, joħolqu metodi biex iweġbuhom, jiksbu u jinterpretaw l-evidenza u jikkomunikaw il-konklużjonijiet u r-raġunar li wassluhom għalihom. Tul l-iżvilupp tal-fehim tax-xjenza ż-żgħażagħ jitgħallmu jużaw l-osservazzjonijiet tagħhom biex jispjegaw kunċetti, prinċipji u teoriji, u jużaw il-ħiliet tagħhom biex jelaboraw l-ispjegazzjonijiet bl-użu ta' lingwaġġ xjentifiku u tekniki addattati bħal tabelli, ċarts u metodi matematiċi. Huma jitgħallmu jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom biex jesploraw soluzzjonijiet kreattivi għall-problemi xjentifiċi li jiltaqgħu magħhom. Jiskopru wkoll kif il-fehim tagħna ta' teoriji, prinċipji u informazzjoni xjentifika nbena tul l-istorja f'kuntesti bijoloġiċi, kimiċi, fiżiċi u ambjentali. Huma jorbtu x-xjenza mal-ħajja ta' kuljum u mal-ambjent lokali u jiżviluppaw interess fi kwistjonijiet etiċi u rispett għas-sigurtà u s-sostenibbiltà.

L-istudji lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja fix-Xjenza jagħtu lill-istudenti varjetà ta' opportunitiajiet fid-dinja tax-xogħol.

***L-Edukazzjoni Teknoloġika***

Il-qasam tal-Edukazzjoni Teknoloġika jinkludi d-Disinn u t-Teknoloġija u l-Litteriżmu Diġitali. Fid-Disinn u t-Teknoloġija l-istudenti jgħaqqdu ħiliet prattiċi u teknoloġiċi mal-ħsieb kreattiv biex isawru prodotti utli. Fil-Litteriżmu Diġitali huma jitgħallmu kif jużaw l-informazzjoni diġitali u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni. L-edukazzjoni fid-Disinn u t-Teknoloġija għandha x'taqsam primarjament ma' eżerċizzji ta' *design and make* li fihom l-istudenti jaħdmu permezz ta' proċess kreattiv. Tipikament huma jiġġeneraw, jiżviluppaw u jikkomunikaw ideat għal prodotti magħżulin; jippjanaw kif iqiegħdu l-ideat tagħhom fil-prattika; jagħżlu l-għodod, it-tekniki u l-materjali addattati; jesploraw il-kwalitajiet tal-materjali; jagħtu forma u jgħaqqdu flimkien materjali u komponenti; japplikaw proċeduri ta' sigurtà; jeżaminaw b'mod kritiku dak li jkunu qed jagħmlu; u fuq il-bażi tal-esperjenza jippjanaw biex itejbu x-xogħol tagħhom. L-esplorazzjoni tal-materjali tinkludi Materjali Reżistenti, Elettronika u Prodotti Grafiċi kif proposti mill-kumitat tar-reviżjoni tas-suġġett ikkummissjonat mid-DQSE (2010).

Il-proċess *design and make* fid-Disinn u t-Teknoloġija jagħti l-kapaċità lill-istudenti matul iċ-ċikli differenti biex jintervjenu b'mod kreattiv fid-dinja manifatturata, jużaw riżorsi b'mod intraprenditorjali u jintegraw l-għerf minn oqsma diversi. Il-valuri tal-konsumaturi u tal-manifatturi, flimkien mal-valuri u ġudizzji tad-disinjatur, jidħlu fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-*design and make*. Barra minn hekk, id-Disinn u t-Teknoloġija jipprovdi lill-istudenti opportunitajiet biex jiffukaw fuq is-saħħa u sigurtà u fuq kwistjonijiet ambjentali. Permezz tal-esplorazzjoni ta' valuri, ġudizzji u deċiżjonijiet l-istudenti jkunu jistgħu jieħdu sehem fid-dibattitu teknoloġiku u jsiru ċittadini attivi fil-komunità.

Fil-qasam tal-litteriżmu diġitali, l-istudenti jakkwistaw ħiliet fl-użu bil-fiduċja u b'sens kritiku tat-Teknoloġija tas-Soċjetà tal-Informazzjoni għall-komunikazzjoni, ix-xogħol u l-mistrieħ. Huma jiksbu ħiliet bażiċi fl-ICT organizzati madwar erba' fergħat maġġuri li jidħlu f'xulxin: is-sorsi u l-manipulazzjoni ta' dejta; il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni;

il-kontroll programmat; u aspetti soċjali, etiċi u personali. Huma jiskopru u jużaw sorsi ta' dejta diġitali, u jitgħallmu jorganizzaw, jimmanipulaw u jinterrogaw id-dejta. Huma jitgħallmu jikkomunikaw u jippreżentaw informazzjoni bl-użu ta' preżentazzjoni multimidja; jibagħtu ittri elettroniċi u fajls mehmużin; jużaw VOIP u konferenzi bil-vidjow, u jiċċattjaw biex jikkollaboraw ma' oħrajn. Jistgħu jużaw għodod kollaborattivi li joħolqu dokumenti u apparati programmatiċi biex jirrispondu għal *input* bl-użu ta' *interface* ikoniku simplifikat. Jesploraw ukoll dimensjonijiet soċjali u etiċi ta' teknoloġiji diġitali u jitgħallmu jipprattikaw in-*netiquette* u miżuri ta' sigurtà *online*.

L-istudji lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja f'dan il-qasam jistgħu potenzjalment iwittu t-triq għal opportunitajiet f'karrieri relatati mal-ICT.

***L-Edukazzjoni għas-Saħħa***

Il-qasam tal-Edukazzjoni għas-Saħħa jinkludi l-Edukazzjoni Fiżika u Sport, l-Edukazzjoni Personali, Soċjali u għas-Saħħa li tinkludi aspetti tal-*Home Economics*. L-esperjenza tat-tagħlim li tittieħed waqt attivitajiet ta' edukazzjoni għas-saħħa għandha l-għan li tgħaddi lill-istudenti l-għerf, l-attitudnijiet u l-ħiliet li jkunu jeħtieġu biex isostnu, jippromwovu u jtejbu l-benesseri fiżiku, emozzjonali, psikoloġiku u soċjali tul il-ħajja skolastika tagħhom u bħala persuni li jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja. L-edukaturi huma mħeġġa biex jikkollaboraw mal-ġenituri u mal-komunità usa' biex jiżguraw esperjenzi mimlijin sens u li jibqgħu jinftakru fit-tul biex iwasslu għal fehim profond tal-'jien', l-'oħrajn' u l-impatt tal- għażliet u l-azzjonijiet fuq l-individwi, il-komunitajiet u l-ambjent. L-Edukazzjoni għas-Saħħa tqiegħed il-pedament vitali għal dispożizzjonijiet neċessarji għat-tagħlim tul il-ħajja. Waqt li jkunu għaddejjin miċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja, l-impenn favur komunitajiet soċjali u kwistjonijiet ambjentali wkoll jifforma parti mill-iżvilupp taż-żgħażagħ.

It-tagħlim f'dan il-qasam jinvolvi fehim ta' kunċetti ewlenin; l-analizzar ta' informazzjoni, modi ta' mġiba u influwenzi fuq is-saħħa; u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni, ħiliet u attitudnijiet li jippromwovu stil ta' ħajja san. L-istudenti juru u japplikaw atteġġjamenti u mġiba pożittivi li jsostnu u jagħnu għajxien san.

L-Edukazzjoni għas-Saħħa tittratta żewġ aspetti:

Permezz tal-**Edukazzjoni Fiżika u L-Isports** it-tfal jiżviluppaw ħiliet u aġilità permezz ta' esperjenzi li jinkorporaw logħob ta' ġewwa u ta' barra, l-atletika, il-ġinnastika, il-moviment ritmiku u ż-żfin. Dawn l-attivitajiet jinkoraġġixxu lit-tfal biex:

- jipparteċipaw b'mod entużjastiku f'attivitajiet li jiżviluppaw ħiliet fiżiċi importanti b'mod li jieħdu gost, li jinkoraġġixxu l-interazzjoni soċjali u jippromwovu l-għarfien personali, l-imġiba riflessiva u l-ħsieb konsegwenzjali li jikkontribwixxu għall-intelliġenza emozzjonali u soċjali;
- jitgħallmu l-ħiliet u regoli ta' logħob kollaborattiv, l-imġiba sportiva, is-sens ta' tmex-xija u l-kompetittività;
- jiżviluppaw ħiliet ta' ħidma bħala tim u jagħmlu esperjenza tal-benefiċċji tal-ħidma flimkien;
- japprezzaw l-importanza ta' ġisem b'saħħtu u benesseri fiżiku; u
- jsiru konxji tal-bidliet li jsiru fiżikament waqt li jkunu qed jikbru, u japprezzawhom.

Bis-saħħa tal-**Edukazzjoni Fiżika, Soċjali u għas-Saħħa** t-tfal u ż-żgħażagħ huma inkoraġġuti jitgħallmu fuq l-importanza tal-saħħa tajba u l-benesseri ġenerali. Dan isir biex jingħata għarfien minn kmieni tal-benefiċċji tal-iżvilupp ta':

- approċċ għall-ħajja li jkun pożittiv u jaf jadatta ruħu għaċ-ċirkustanzi;
- ġisem b'saħħtu u stil ta' ħajja attiva; u
- fehim bażiku dwar x'inhi r-responsabbiltà personali u soċjali, u dwar kif l-għażliet u l-azzjonijiet jistgħu jolqtu pożittivament u/jew negattivament lill-benesseri tagħna stess u tal-oħrajn, ta' komunitajiet u tal-ambjent.

L-istudenti jiżviluppaw ukoll il-predispożizzjonijiet u l-ħiliet fl-oqsma importanti li ġejjin: is-Saħħa Fiżika; is-Saħħa Emozzjonali u Psikoloġika, u s-Saħħa Soċjali u Ambjentali. Il-fergħat li joħorġu minn dawn jinkludu aspetti ta': l-attività fiżika u s-saħħa tajba, l-isport, l-ikel u n-nutriment, it-tkabbir, il-kura u s-sigurtà tal-ġisem, is-saħħa sesswali, l-iżvilupp emozzjonali, personali u soċjali, u komunitajiet u ambjenti sani u sostenibbli.

### *L-Edukazzjoni Reliġjuża*

F'Malta t-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel jitqies bħala element importanti fil-formazzjoni integrali tal-persuna. L-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika titfa' dawl fuq il-mistoqsijiet bażiċi dwar ir-relazzjoni personali ma' Alla, it-tifsira tal-ħajja, fuq kwistjonijiet ta' natura etika, fuq l-identità personali ta' dak li jkun, u fuq id-dimensjonijiet differenti tad-djalogu u koeżjoni soċjali f'soċjetà li qed issir pluralistika bħall-bqija tal-kontinent Ewropew. L-għarfien aktar fil-fond tat-tradizzjonijiet reliġjużi differenti għandu jagħti kontribut validu għall-formazzjoni soċjali u ċivika taż-żgħażagħ.

Fil-kuntest Malti l-edukazzjoni reliġjuża bħalissa tinftiehem bħala Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika (CRE). Hi twassal lill-istudenti biex jaqraw, jifhmu, jinterpretaw u jikkomunikaw il-Lingwaġġ Reliġjuż; jikkonnettjaw ma', jirrispondu għal, u jesprimu d-Dimensjoni Spiritwali tagħhom; jifhmu, janalizzaw u jevalwaw il-Kelma ta' Alla bil-mod li din hija espressa fl-Iskrittura Mqaddsa u fit-Tradizzjoni Qaddisa tal-Knisja Kattolika Rumana; u jiddjalogaw u jiffurmaw Dehra ta' Dinja Personali msejsa fuq il-Kattoliċiżmu li tagħtihom il-ħila li janalizzaw u jevalwaw kwistjonijiet personali, lokali u globali u japplikaw il-messaġġ Kristjan għal sitwazzjonijiet differenti. L-iżvilupp tas-CRE hu r-responsabbiltà tal-uffiċċju għall-Edukazzjoni Reliġjuża tal-Konferenza Episkopali Maltija (Martin de Agar, 2000).

Il-ġenituri jew tuturi legali tat-tfal u ż-żgħażagħ għandhom id-dritt jiddeċiedu li t-tfal tagħhom ma jsegwux l-Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika. Fil-każ ta' żgħażagħ li jagħżlu li ma jirċevux Edukazzjoni Reliġjuża Kattolika hu rrakkomandat li l-qasam tat-tagħlim tal-Edukazzjoni Reliġjuża jkun jikkonsisti fi programm ta' Edukazzjoni Etika li hu meqjus li hu preferibbli minn programm ta' Edukazzjoni Reliġjuża komparattiva. Hu antiċipat li, wara li jkun aċċettat l-NCF, dan ikun wieħed mill-programmi li għandhom ikunu żviluppati wara diskussjonijiet mal-imsieħba. L-iżvilupp tal-programm ta' Edukazzjoni Etika jkun responsabbiltà tad-Direttorati tal-Edukazzjoni.

It-tagħlim tal-Edukazzjoni Reliġjuża jqiegħed sfida lit-tfal u ż-żgħażagħ biex imorru lil hinn mill-għarfien. L-Edukazzjoni Reliġjuża tfittex li teduka liż-żgħażagħ fir-rigward tad-dinjità tal-persuna umana u r-responsabbiltà ta' kull individwu għall-bini ta' soċjetà u dinja aħjar. Dan għandu jkun proċess ta' sejba personali li jiżviluppa d-dimensjonijiet morali, spiritwali u reliġjużi u jikkontribwixxi għall-kapaċità tat-tfal li jivvalutaw, japprezzaw, jipperċepixxu u jinterpretaw id-dinja li jgħixu fiha. It-tagħlim f'dan il-qasam irawwem u jagħni sens ta' jien spiritwali. It-tfal u ż-żgħażagħ jiżviluppaw l-identità tagħhom infushom u jifhmu aħjar l-identità kulturali tagħhom. Id-dimensjoni spiritwali tal-jien għandha tingħata appoġġ bil-promozzjoni ta' valuri li jinkludu l-ġustizzja, ir-responsabbiltà personali, ir-rispett, ir-riflessjoni u l-impenn attiv fi kwistjonijiet morali. Hu importanti li kull ċiklu tal-programm ta' Edukazzjoni Reliġjuża jkun sensittiv għad-diversi modi li bihom l-esseri umani, tul l-istorja, esprimew id-dimensjoni spiritwali tal-umanità.

L-għan tas-CRE hu li jdaħħal lit-tfal fi tfittxija profonda tul ħajjithom kollha għall-verità u l-valur tal-ħajja u l-eżistenza minn perspettiva Kattolika. Hawn qed nitkellmu dwar is-sejba tal-uniċità tagħhom infushom, f'komunità li hija għanja fl-esperjenzi. Permezz tas-CRE l-istudenti jistgħu jesploraw u jesperjenzjaw l-imħabba ta' Alla, prinċipalment permezz tal-persuna ta' Ġesù Kristu iżda wkoll permezz tal-ħolqien u tal-ħajja fil-komunità. Iż-żgħażagħ jitgħallmu jesprimu u jifhmu aħjar il-mistoqsijiet fundamentali li dejjem staqsiet l-umanità, u jibdew jistaqsu b'mod kritiku lis-soċjetà u jsibu posthom fiha.

### *L-Edukazzjoni Ċivika*

*"Il-kompetenza ċivika hija bbażata fuq l-għarfien tad-demokrazija, il-ġustizzja, l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza u d-drittijiet ċivili... Hija tinkudi l-għarfien dwar avvenimenti kontemporanji, kif ukoll avvenimenti ewlenin u xejriet fl-istorja nazzjonali, Ewropea u dinjija. Barra minn hekk, għandha tiġi żviluppata kuxjenza dwar il-miri, valuri u politiki tal-movimenti soċjali u politiċi. Għarfien ta' l-integrazzjoni Ewropea u ta' l-istrutturi ta' l-UE, ta' l-objettivi u l-valuri ewlenin huwa essenzjali wkoll, kif ukoll kuxjenza tad-diversità u ta' l-identità kulturali fl-Ewropa."* (2006/962/KE).

L-Edukazzjoni Ċivika tinkludi l-Istorja, il-ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istudji Ambjentali u aspetti mill- Edukazzjoni Personali, Soċjali u għas-Saħħa, u l-*Home Economics*. Dan il-qasam jagħti lok għall-introduzzjoni ta' intraprenditorija u l-iżvilupp tas-sens ċiviku. Bis-saħħa tal-istudji tagħhom f'dan il-qasam, l-istudenti jiksbu ħiliet li bihom igawdu drittijiet u jeżerċitaw responsabbiltajiet f'diversi komunitajiet; jittrattaw il-konflitti u l-kontroversji; jagħmlu għażliet u jieħdu deċiżjonijiet infurmati, u jieħdu azzjoni, individwalment jew kollettivament, biex jippromwovu soċjetà ġusta u sostenibbli li l-politiki tagħha huma msejsa fuq il-ġustizzja, l-ekwità u r-rispett għall-komunità tal-ħajja.

Bis-saħħa tal-istudji tagħhom tal-kunċetti storiċi, ġeografiċi, ambjentali u soċjali, l-istudenti jiżviluppaw il-kunċetti bażiċi ta' kronoloġija, empatija, kawża u effett, bidla u kontinwità. Permezz ta' tagħlim attiv u esperjenzi investigattivi u li jikxfu l-fatti, huma jiksbu fehim tar-relazzjonijiet reċiproċi bejn il-popli, il-kulturi tagħhom, kuntesti u l-użu tal-art. Meta jesploraw u jinvestigaw l-imgħoddi u l-preżent tagħhom huma jiżviluppaw ħiliet ta' osservazzjoni u rekordjar u jiksbu fehim tal-importanza li jiġbru evidenza. Jitgħallmu jiġbru flimkien, jeżaminaw u jittestjaw dejta biex jippruvaw jiġbdu konklużjonijiet sempliċi minnhom.

Waqt li jkunu jiżviluppaw it-tagħlim tagħhom f'dan il-qasam, iż-żgħażagħ jitgħallmu jqiegħdu fil-prattika l-ħiliet ċiviċi, juru sens ta' responsabbiltà lejn l-ambjent u d-dinja tagħhom, u jifhmu l-impatt tal-intraprenditorija u l-industrija fuq il-komunità lokali u globali. Gradwalment huma jiksbu atteġġjamenti pożittivi u rispett għad-drittijiet umani; jitgħallmu jadottaw stili ta' ħajja sostenibbli; u jiżviluppaw sens ta' appartenenza fi ħdan il-lokalità, il-pajjiż, il-komunità Ewropea u internazzjonali. Ikunu jridu jipparteċipaw fit-teħid demokratiku ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha biex itejbu l-kwalità ta' ħajjithom.

***L-Edukazzjoni fl-Arti***

L-Edukazzjoni fl-Arti tinkludi l-Arti, il-Mużika, iż-żfin u d-Drama. Dan il-qasam jipprovdi opportunitajiet għall-istudenti biex ikunu kreattivi u immaġinattivi, biex jesperimentaw il-ferħ u l- ispirazzjoni, u biex jiżviluppaw ħiliet fl-arti viżiva u fl-arti drammatika. Il-parteċipazzjoni tagħti okkażjoni lill-istudenti biex jesperjenzjaw u jgawdu l-enerġija u l-eċitament li jsawru immaġni u forom, jaħdmu fuq il-palk u jagħmlu preżentazzjonijiet quddiem udjenzi differenti, u li jkunu parti minn udjenza għal oħrajn.

It-tagħlim f'dan il-qasam jinvolvi l-iżvilupp ta' ħiliet artistiċi u kreattivi, u l-għarfien tekniku u prattiku permezz tal-arti drammatika u tal-arti viżiva, u l-mużika. Permezz tat-tekniki partikolari ta' kull medju tal-arti l-istudenti jiżviluppaw espressjonijiet u ideat personali; l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-arti u l-kultura kemm lokali u kemm barranija; u l-ħiliet ta' komunikazzjoni, azzjoni u interpretazzjoni. Dawn il-ħiliet huma kollha trasferibbli għal oqsma oħrajn tat-tagħlim. L-apprezzament, ir-risposta għal u l-impenn attiv fl-espressjoni kreattiva u immaġinattiva jappoġġjaw l-iżvilupp tal-personalità ta' dak li jkun. It-tfal jitgħallmu jesploraw u japprezzaw il-ħsus, jikkomunikawhom permezz ta' midja differenti, u jiżviluppaw id-dimensjoni estetika personali tagħhom.

L-edukazzjoni fl-arti twassal lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jiksbu medda ta' ħiliet neċessarji għall-espressjoni kreattiva. Fid-drama u ż-żfin huma jitgħallmu ħiliet komunikattivi u teatrali; fil-mużika jiżviluppaw l-abbiltà, l-apprezzament u l-espressjoni mużikali; u bis-saħħa ta' attivitajiet ta' arti u disinn huma jitgħallmu japprezzaw u jibnu xbihat viżivi, jirrispondu għall-ħsus ji jevokaw, u jsawru artefatti. Huma jesperjenzjaw ukoll il-ferħ u jikkontribwixxu għall-ferħ ta' nies oħrajn permezz ta' rappreżentazzjonijiet u preżentazzjonijiet kreattivi u espressivi. Permezz ta' dan il-qasam huma jibdew jiżviluppaw fehim tal-proċess kreattiv u tal-iżvilupp ta' standards u valuri estetiċi, filwaqt li japprezzaw l-Arti fl-ambitu ta' ambjenti kulturali lokali u internazzjonali.

## It-Temi Interkurrikulari

It-temi interkurrikulari li ġejjin kienu identifikati bħala essenzjali għall-edukazzjoni tal-istudenti kollha u għall-kisba tal-għanijiet tal-edukazzjoni: **l-*eLearning*** (MEYE & MIT&I 2008); **l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli** (United Nations, 2004; UNESCO, 2006); **l-Edukazzjoni Interkulturali** (2006/962/EC); **l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija** (2006/962/EC) u **l-Kreattività u l-Innovazzjoni** (2006/962/EC).

### L-*eLearning*

Waller and Wilson (2001) jiddefinixxu l-*eLearning* bħala l-proċess effettiv ta' tagħlim maħluq bit-tgħaqqid ta' kontenut fornut b'mod diġitali ma' appoġġ u servizzi ta' tagħlim. Din id-definizzjoni hija waħda prattika li tirriżalta l-interazzjoni meħtieġa biex isir it-tagħlim. Bis-saħħa tat-teknoloġiji u kontenut diġitali, l-*eLearning* fl-iskejjel primarji u sekondarji għandu jtejjeb il-proċessi tat-tagħlim, l-interazzjoni fost sħab li jkunu qed jitgħallmu flimkien, u interazzjonijiet bejn studenti u għalliema.

L-*eLearning* fl-iskejjel primarji u sekondarji hu mmexxi mill-ħtieġa ta' aċċess akbar għal tagħlim li jista' jitħaffef permezz ta':

- bidla għal filosofiji ta' edukazzjoni kostruzzjonista;
- ċaqliq minn attivitajiet maħluqin mill-għalliem għal tagħlim iċċentrat fuq l-istudent;
- aċċess għal riżorsi kemm lokali u kemm globali;
- użu sħiħ tal-potenzjal ta' teknoloġiji biex it-tfal ikunu jistgħu juru u joħolqu l-għerf; u
- komplessità akbar ta' xogħlijiet u użu ta' informazzjoni multimodali.

### *L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli*

L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESD) hi proċess li jagħti ħila lill-istudenti biex jiżviluppaw l-għerf, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex isiru parteċipanti attivi, individwalment u kollettivament, fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm f'livelli lokali u kemm f'dawk globali, li għandhom itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. L-ESD tippromwovi metodu sistematiku msejjes fuq bażi ta' għerf integrat li jistieden lill-istudenti biex jiżviluppaw viżjoni ħolistika tal-inħawi tagħhom, jiġifieri interazzjoni ta' perspettivi estetiċi, ambjentali, ekonomiċi, politiċi, teknoloġiċi, kulturali u tas-soċjetà. Bis-saħħa tal-ESD, l-ambjent tal-istudent (fl-iskola u barra minnha) isir riżorsa fundamentali ta' tagħlim li hija lokalment rilevanti u kulturalment sensittiva. L-esperjenzi ta' tagħlim huma strutturati madwar l-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali li jagħtu u jgħammru lill-istudenti b'ħiliet li jsolvu l-problemi u jieħdu d-deċiżjonijiet li huma indispensabbli fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja. L-ESD hija dwar tagħlim li:

- jagħti orjentament ġdid lill-edukazzjoni biex tindirizza żvilupp sostenibbli;
- jirrispetta, jivvaluta u jippreserva kisbiet imgħoddija;
- jagħti valur lir-riżorsi tad-Dinja u lill-popli tagħha;
- jaħdem biex ikun hawn dinja li fiha l-bnedmin kollha jkollhom aċċess għal ikel u ilma biżżejjed, ħajja sana u produttiva, edukazzjoni bażika, u ambjent aktar sigur u ġust;
- jivvaluta, jieħu ħsieb u jirrestawra l-istat tal-pjaneta tagħna; u
- jiżviluppa ċittadini li jeżerċitaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom f'livelli lokali, nazzjonali u globali. (United Nations, 2004; UNESCO, 2006)

***L-Edukazzjoni Interkulturali***

L-Edukazzjoni Interkulturali tirrispetta l-identità kulturali tal-istudent permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità kulturalment addattata u li tqis il-ħtiġijiet ta' kulħadd. Din tipprovdi l-għerf kulturali lil kull min ikun qed jitgħallem, u l-atteġġjamenti u l-ħiliet meħtieġa biex hu jasal għal parteċipazzjoni attiva u sħiħa fis-soċjetà; b'hekk kulħadd ikun jista' jirrispetta, jifhem u juri solidarjetà fost individwi, fost gruppi etniċi, soċjali, kulturali u reliġjużi, u fost in-nazzjonijiet (UNESC0, 2006).

L-edukazzjoni interkulturali tippromwovi kultura edukattiva inklużiva u rispett għad-diversità, tħalli lill-individwi jiffunzjonaw mal-medda kollha ta' firdiet kulturali, u toffri pjattaforma lit-tfal u l-komunitajiet biex jasserixxu b'fiduċja l-kultura u l-individwalità tagħhom.

Edukazzjoni interkulturali tipproblematizza diversi proċessi edukattivi, bħat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-iskola, il-lingwa li fihom jingħata t-tagħlim, il-metodoloġiji użati, l-interazzjonijiet tal-istudenti u r-riżorsi tat-tagħlim. L-Edukazzjoni Interkulturali tiżgura l-inklużjoni ta' perspettivi u ilħna multipli fi ħdan l-ambjent tat-tagħlim, tipprovdi spazji għal tagħlim dwar il-lingwi, l-istorja u l-kulturi ta' gruppi mhux dominanti f'soċjetà, tinkoraġġixxi ħidma fi gruppi u t-tagħlim kooperattiv f'kuntesti multikulturali, tgħaqqad l-għerf u prattiki tradizzjonali u lokali max-xjenza u t-teknoloġija avvanzata, u tagħti valur lill-prattika tal-multilingwiżmu. Meta tagħmel dan tkun qed tinkoraġġixxi fehim ta' kwistjonijiet globali u l-ħtieġa ta' għajxien flimkien ta' kulturi u valuri differenti.

***L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija***

*"Is-sens ta' inizjattiva u intraprenditorija tirreferi għall-kapaċità ta' l-individwu li jdawwar l-ideat f'azzjoni. Tinkludi l- kreattività, l-innovazzjoni u t-teħid tar-riskju, kif ukoll l-abbiltà ta' l-ippjanar u l-immaniġġjar ta' proġetti sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Dan huwa ta' appoġġ għal individwi, mhux biss fil-ħajja ta' kuljum tagħhom fid-dar u fis-soċjetà, iżda wkoll fuq il-post tax-xogħol sabiex ikunu konxji mill-kuntest tax-xogħol tagħhom u sabiex ikunu kapaċi li jaħtfu l-opportunitajiet, u huwa l-pedament għal ħiliet aktar speċifiċi u l-għarfien meħtieġ minn dawk li jistabbilixxu jew jikkontribwixxu għall-attivitajiet soċjali jew kummerċjali. Dan għandu jinkludi għarfien ta' valuri etiċi u jippromwovi tmexxija tajba."* (2006/962/KE, p. 11).

L-intraprenditorija twassal biex it-tfal jiżviluppaw ħiliet għall-ħajja. Hi tagħtihom il-ħila li jiffaċċjaw l-inċertezza, jirrispondu għall-bidla u jkunu kreattivi. Tista' ssir distinzjoni bejn ħiliet intraprenditorjali sempliċi li jinkludu minn naħa ħiliet soċjali u atteġġjamenti intraprenditorjali, u min-naħa l-oħra ħiliet intraprenditorjali kumplessi li jiffukaw aktar fuq l-iżvilupp ta' ħiliet bħalma huma abbozzar ta' pjan ta' negozju.

It-tqegħid ta' elementi ta' mġiba intraprenditorjali (il-kurżità, l-awtonomija, il-kreattività, l-inizjattiva u l-ispirtu ta' kollaborazzjoni fi grupp) jista' jissaħħaħ bis-saħħa tal-integrazzjoni ta' programmi ta' intraprenditorija, proġetti u attivitajiet f'kurrikulu stabbilit għall-iskejjel kemm f'livell primarju u kemm f'livell sekondarju.

***Il-Kreattività u l-Innovazzjoni***

Il-Kreattività u l-Innovazzjoni huma żewġ aspetti li jeħtieġ ikunu esplorati bis-sħiħ billi jolqtu l-ħajjiet personali tagħna, il-postijiet tax-xogħol tagħna u l-komunitajiet tagħna. Huma

aġenti li jġibu l-bidla u jikkontribwixxu għall-prosperità ekonomika tas-soċjetà in ġenerali, u għall-benesseri tal-individwu b'mod partikolari.

Kull min ikun qed jitgħallem għandu t-talenti, u l-għan tagħna hu li noħorġu mit-tifsira tradizzjonali tal-kreattività bħala espressjoni ta' ġenju artistiku u nrawmu l-ambjent addattat biex niskopru dawn it-talenti u nikkultivawhom. Sistema li tinvolvi l-iskola kollha jista' jkollha l-potenzjal li tippromwovi klima li twassal għall-kreattività li tikkonstitwixxi sors vitali ta' flessibbiltà, addattabbiltà u l-kapaċità għall-innovazzjoni. Il-Kreattività u l-Innovazzjoni jfissru l-iżvilupp ta':

- komunikazzjoni affettiva
- taħsib laterali
- oriġinalità
- żvilupp emozzjonali
- soluzzjoni ta' problemi
- tmexxija
- tqegħid ta' mistoqsijiet
- intuwizzjoni
- trawwim ta' mħuħ li jaħsbu b'mod intraprenditorjali
- ftuħ għal diversità kulturali
- awtoespressjoni

L-ippjanar tal-kurrikulu għandu jikkunsidra temi interkurrikulari u hekk jipprovdi fergħat konnettivi li jintisġu ma' oqsma tat-tagħlim (ara Figura 2.5). Dan jagħti lill-oqsma tat-tagħlim koerenza, rilevanza u stabbiltà li jipprovdu esperjenza ħolistika tat-tagħlim billi jirriżaltaw l-objettivi, il-kontenuti u l-pedagoġiji komuni. L-integrazzjoni tinkiseb b'mod effettiv permezz tal-għażliet ippjanati apposta, darba li d-dokumenti individwali tal-kurrikulu huma ppjanati għal kull qasam tat-tagħlim. Temi interkurrikulari ta' din ix-xorta, fejn hu possibbli, jixterdu ma' kull aspett tal-kurrikulu bis-saħħa ta' sistema skolastika globali. L-iżviluppaturi tal-kurrikulu u l-għalliema jeħtieġ ukoll iżommu dawn it-temi interkurrikulari f'moħħhom meta jippreparaw sillabi, skemi ta' ħidma u lezzjonijiet fl-ambitu ta' kull qasam tat-tagħlim.




***Figura 2.5*** *L-Integrazzjoni ta' Temi Interkurrikulari għal Skola Sħiħa*

## Konklużjoni

Taqsima 2 irrizaltat tlieta mis-seba' komponenti li jikkostitwixxu l-NCF. Il-prinċipji u l-għanijiet prinċipali jinkorporaw il-pedament teoretiku tal-qafas, filwaqt li l-oqsma tat-tagħlim u t-temi interkurrikulari jippreżentaw proposta ta' kif il-kontenut jista' jkun organizzat bis-sens u ppreżentat lill-istudenti b'manjiera li tagħmel it-tagħlim rilevanti.

It-twettiq tal-pedament teoretiku tal-NCF jista' jinkiseb billi jittieħdu f'konsiderazzjoni erba' komponenti kruċjali oħrajn, jiġifieri: it-tagħlim effettiv, l-evalwazzjoni u l-assessjar, l-involviment tal-ġenituri u tal-komunità kif ukoll l-istrutturi ta' appoġġ. Taqsima 3 ta' dan id-dokument tqis rakkomandazzjonijiet għal kull wieħed minn dawn il-komponenti biex il-kulleġġi u l-iskejjel ikunu jistgħu jimplimentaw il-qafas tal-kurrikulu.

# Taqsima 3

# Il-Pedagoġija, il-Prattika u l-Evalwazzjoni

Din it-taqsima tiffoka fuq l-erba' komponenti tal-NCF li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni li tirnexxi tal-qafas, jiġifieri tagħlim effettiv, assessjar u evalwazzjoni, involviment tal-ġenituri u tal-komunità u strutturi ta' appoġġ.




***Figura 2.1:*** *il-Komponenti Interpendenti Maġġuri tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali*

## It-Tagħlim Effettiv

### *Il-Proċessi tat-tagħlim u l-pedagoġiji effettivi*

Is-suċċess tal-proposti tal-kurrikulu deskritti fit-taqsima ta' qabel ikun jiddependi direttament fuq il-kwalità tat-tagħlim fil-klassijiet u f'ambjenti oħrajn fejn isir it-tagħlim.

It-teoriji ta' tagħlim kurrenti huma msejsa fuq perspettiva kostruttivista li tgħaqqad flimkien sistemi konjittivi u soċjali għal tagħlim effettiv. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tat-tagħlim kostruttivista hi li huwa proċess attiv li tulu l-istudenti jsawru t-tifsira ta' dak li qed jitgħallmu. Dan hu l-aktar effettiv meta l-istudenti jimpenjaw ruħhom attivament f'ħidmiet awtentiċi mqegħdin f'kuntest. Il-kostruttiviżmu soċjali jemmen li t-tagħlim jistagħna bis-saħħa ta' tagħlim kooperattiv u kollaborattiv li jippromwovi l-iżvilupp tat-taħsib kritiku u l-ħiliet li wieħed isolvi problemi.

*Il-fehim kurrenti ta' tagħlim... hu karatterizzat bħala … "kostruttiv", billi l-istudenti jibnu attivament l-għerf u l-ħiliet tagħhom; "awtoregolat", b'nies li jużaw attivament strateġiji biex jitgħallmu; "sitwat", kif mifhum l-aħjar f'kuntest aktar milli maqtugħ mill-ambjent; u "kollaborattiv", mhux attività għal rasha.* (de Corte, 2010).

It-tagħlim hu l-aktar effettiv meta l-istudenti jingħataw opportunitajiet li jħaddnu s-sens ta' għerf ġdid f'kuntest li jippermettilhom jinteraġixxu mal-għalliem u ma' studenti oħrajn biex jiddiskutu u jinnegozjaw flimkien dak li jifhmu. Minn dan l-aspett, pedagoġija dominata mill-għalliem, li tirrelega lill-istudenti għal funzjoni passiva, tenfasizza l-memorizzazzjoni u tillimita interazzjonijiet bejn dawk li jkunu qed jitgħallmu, x'aktarx li ma tasalx biex tippromwovi tagħlim effettiv.

Il-proċess ta' tagħlim jeħtieġ li joffri sfida u jimpenja lil dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu, inklużi l-aktar batuti fosthom u l-aħjar fosthom, u jgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal massimu tagħhom bħala persuni li jridu jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja. Il-programmi ta' tagħlim jeħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kompetenza aktar milli fuq l-għerf, u jenfasizzaw il-proċess tat-tagħlim aktar milli s-sempliċi akkwist ta' kontenut, partikolarment fil-kuntest ta' soċjetà fejn l-għerf hu faċilment aċċessibbli. F'termini ta' tfassil ta' kurrikulu dan jista' jinkiseb billi jitqiesu tliet dimensjonijiet:

- **kontenut u padrunanza** li jinvolvu li jkollok studenti jesploraw u jifhmu l-medda sħiħa ta' ideat f'qasam ta' kontenut partikolari;
- **ħsieb f'livell ogħla** li jinvolvi analiżi, sinteżi u evalwazzjoni ta' kontenut u kunċetti f'ċertu fond, u l-applikazzjoni tagħhom b'modi differenti u f'kuntesti differenti; u
- użu ta' **kunċetti u temi usa'** biex wieħed jeżamina l-kontenut tal-kurrikulu minn lentijiet differenti, ngħidu aħna bidla, sistemi, setgħa, mudelli u/jew kawża u effett.

Il-programmi ta' tagħlim li ma jkunux mgħobbija wisq b'għerf bla kuntest jistgħu jħallu lill-għalliema jesperimentaw bi strateġiji ta' tagħlim. Tagħlim effettiv isir meta l-għalliem:

- joħroġ l-għerf li diġà jkollhom l-istudenti, jibni fuqu jew jimmodifikah, u jiggwida lill-istudenti biex jifhmu l-għerf ġdid;
- joffri appoġġ lill-istudenti permezz ta' *scaffolding*, jiġifieri, billi juża strateġiji li jgħinu l-progress ta' individwi li jkunu qed jitgħallmu;
- jippromwovi t-tagħlim profond billi jenfasizza fehim u applikazzjoni tal-għerf flok tagħlim bl-enfasi fuq il-memorji u ftakir ta' informazzjoni;

- jappoġġja l-istudenti biex isiru jafu jsolvu l-problemi b'mod indipendenti;

- jorganizza xogħol fi gruppi li jgħin lill-istudenti jaqsmu l-ideat, jibnu flimkien l-għerf u jaħdmu b'mod kollaborattiv;

- juża varjetà ta' esperjenzi ta' tagħlim biex jagħti lill-istudenti opportunitajiet li jipprattikaw u japplikaw il-ħiliet tagħhom; u

- jagħti reazzjonijiet fil-waqt xieraq lil dawk li jkunu qed jitgħallmu, imsejsa fuq medda ta' evidenza rilevanti, b'mod li l-istudenti jistgħu jużawhom huma stess ħalli jtejbu t-tagħlim tagħhom u jkabbru l-għerf tagħhom.

***L-Ambjenti tat-Tagħlim***

Billi t-tfal jiżviluppaw b'mod ħolistiku u billi t-tagħlim u l-iżvilupp ma jsirux b'mod sekwenzjali u lineari, dawk involuti mat-tfal fis-Snin Bikrin u l-għalliema tal-Primarja u s-Sekondarja huma inkoraġġuti biex isawru ambjenti li jappellaw għall-interessi tat-tfal, huma rilevanti għall-esperjenzi ta' kuljum tagħhom u jistgħu jkunu esplorati b'modi innovattivi u li joffru sfida. Esperjenzi diretti fejn l-istudenti jagħmlu l-affarijiet huma jinkoraġġixxu l-interazzjoni, l-impenn u l-involviment li min-naħa tagħhom iwasslu għal fehim aħjar, ftakir u żvilupp ta' rappreżentazzjonijiet mentali. Din is-sistema tgħin lit-tfal meta jkunu għaddejjin minn esperjenzi konkreti u tanġibbli għal nozzjonijiet simboliċi u astratti. Waqt li t-tfal jiżviluppaw it-tagħlim li jirċievu, l-ambjenti ta' tagħlim dinamiċi jipprovdulhom kuntest biex jittrattaw kwistjonijiet fil-fond u minn perspettivi multipli. L-osservazzjonijiet profondi u dettaljati, l-analiżi, l-investigazzjonijiet, l-esplorazzjoni u l-esperimentazzjoni permezz ta' proġetti, suġġetti u temi jintegraw mal-kurżità u xewqa tat-tfal u ż-żgħażagħ biex jiskopru x'fiha d-dinja ta' madwarhom, u l-'għaliex' u l-'kif' tagħha.

It-tiswir ta' ambjenti ta' tagħlim interattivi li jappellaw għat-tfal u ż-żgħażagħ jitlob ippjanar b'attenzjoni min-naħa ta' min hu involut fl-edukazzjoni biex tkun żgurata l-promozzjoni tal-medda kollha ta' ħiliet, atteġġjamenti, għerf u valuri li t-tfal jistgħu jiksbu bis-saħħa ta' attivitajiet maħsubin u ppreżentati tajjeb. Hu importanti wkoll ir-rikonoxximent u l-promozzjoni ta' attivitijiet u mistoqsijiet li jiġu minn dawk li qed jitgħallmu. Attivitajiet ta' din ix-xorta għandhom ikunu inkoraġġuti għaliex jirrikonoxxu t-tagħlim bħala proċess dejjem għaddej li fih kull min hu involut jagħti kontribut validu.

***Il-Progressjoni u d-Differenzjazzjoni fit-Tagħlim***

Il-prinċipji ta' diversità u inklużjoni huma s-sies tal-NCF li jenfasizza t-tagħlim iċċentrat fuq l-istudent u jiffoka fuq metodi ta' tagħlim li juru lill-istudenti kif għandhom jitgħallmu. Din is-sistema timplika li fl-istadji kollha dawk li qed jitgħallmu, huma x'inhuma l-atteġġjamenti u l-kompetenzi tagħhom, għandhom jagħmlu esperjenza ta' suċċess u jkollhom ukoll livell ta' sfida, u jiksbu l-appoġġ meħtieġ biex isostnu l-isforz tagħhom. Dawn ikunu jeħtieġu programmi flessibbli ta' tagħlim li jagħtuhom esperjenzi ta' tagħlim varji li jaqdu spettru wiesa' ta' dawk li qed jitgħallmu u jagħtu spazju għal rati differenti ta' progressjoni tul iż-żmien li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu għaddejjin minnu tul is-snin skolastiċi tagħhom. Użu kif għandu jkun ta' teknoloġiji bbażati fuq l-ICT jistgħu jagħtu aktar appoġġ lit-tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti.

Jeħtieġu sistemi differenti biex jindirizzaw ħtiġijiet differenti ta' tagħlim. Il-funzjoni tal-għalliem professjonali hi li jagħżel strateġiji addattati biex jimpenja attivament lill-istudenti u hekk jimmotivahom biex jagħmlu tagħhom u jinternalizzaw l-esperjenzi ta' tagħlim tagħhom. Bl-iffukar dejjem akbar fuq dak li jkun qed jitgħallem, u b'aktar klassijiet ta' ħiliet imħalltin fl-iskejjel, isiru aktar importanti s-sistemi differenzjati, u l-għalliema jeħtiġilhom jibnu fuq it-tagħlim li jkunu rċevew qabel l-istudenti u jgħinuhom jimxu 'l quddiem.

Il-kurrikulu propost għaċ-Ċiklu tas-Sekondarja għandu għadd ta' karatteristiċi maħsubin biex iħaffef it-tqassim ta' studenti fi gruppi li jippromwovu tagħlim differenzjat. L-NCF jirrakkomanda li l-ambjent inizjali jista' jkun organizzat fis-suġġetti tal-qofol: Malti, Ingliż u Matematika. Fil-każ tal-bqija tas-suġġetti, it-tqassim ta' studenti fi gruppi jeħtieġ ikun organizzat b'mod li jittieħdu f'konsiderazzjoni fatturi differenti, ngħidu aħna l-għażliet tas-suġġetti. L-NCF jirrakkomanda wkoll li eventwalment it-tqassim ta' studenti fi gruppi jinkludi aktar xenarji differenzjati bħal fil-każ tal-iskejjel primarji u f'dak ta' għadd ta' skejjel sekondarji.

***It-Transizzjonijiet***

Filwaqt li fis-snin bikrin taċ-Ċiklu tal-Primarja l-kurrikulu jibni fuq il-pedamenti mqegħdin fis-snin bikrin, fis-snin aħħarin tal-Primarja dan jintrabat sew maċ-Ċiklu tas-Sekondarja biex jiżgura transizzjoni bla skossi. Bit-terminazzjoni mill-2011 tal-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* u tal-*Common Entrance*, l-NCF jipproponi kurrikulu li jħaffef it-transizzjoni miċ-Ċiklu tal-Primarja għal dak tas-Sekondarja bis-saħħa ta' riorganizzazzjoni ta' suġġetti f'oqsma tat-tagħlim u l-progressjoni ta' livelli ta' kisbiet espressi bħala *learning outcomes*.

L-NCF qed jipproponi li:

- it-transizzjoni mill-iskola Primarja għal dik Sekondarja għandha tkun bla skossi u toffri progressjoni b'mod li tappoġġja lill-istudenti biex jerfgħu aktar responsabbiltà għat-tagħlim tagħhom infushom;

- t-tagħlim fiċ-Ċiklu tas-Sekondarja għandu jikkonsolida u jibni fuq l-esperjenzi tat-tagħlim fl-edukazzjoni primarja u jipprepara lill-istudenti għal sfidi usa' li se jkollhom jiltaqgħu magħhom meta jispiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom;

- tinżamm għaddejja s-sistema preżenti ta' sentejn fl-ewwel Ċiklu tas-Sekondarja segwiti minn tliet snin fit-tieni Ċiklu tas-Sekondarja għas-settur Statali, għalkemm skejjel oħrajn huma ħielsa li jikkunsidraw alternattivi oħrajn.

Is-snin tas-Sekondarja huma importanti għall-iżvilupp personali, u l-istudenti għandhom jaħdmu sfiq biex ikollhom pjattaforma soda għal tagħlim lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja u biex ikollhom transizzjoni tajba li twassal għall-kwalifiki fil-livell addattat għalihom. Fis-snin aħħarin tal-edukazzjoni sekondarja r-relazzjoni bejn il-kurrikulu u ċ-ċertifikazzjoni takkwista sinifikat mill-aktar importanti. Sa tmiem l-edukazzjoni sekondarja l-istudenti għandhom dritt ta' ċertifikazzjoni li turi li temmew iċ-ċiklu li tista' tinkludi ċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja u Profil li jiddokumentaw it-tagħlim formali, informali, u mhux formali tagħhom, u li għamlu l-eżamijiet għas-*Secondary Education Certificate* (SEC), jew alternattivi tagħhom, li kollha huma rikonoxxuti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (MQC).

L-NCF ifittex li jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' komponent ta' edukazzjoni vokazzjonali billi jinkorporah fl-ambitu tal-Kurrikulu tas-Sekondarja aktar milli bħal mogħdija separata fis-sistema tal-edukazzjoni, u jipprovdi ċertifikazzjoni rikonoxxuta fi tmiem il-proċess, ħaġa li tħaffef it-transizzjoni għal għażliet differenti fl-edukazzjoni post-sekondarja.

***Kwistjonijiet relatati mal-Lingwa tal-Istruzzjoni***

L-NCF jagħraf il-ħtieġa ta' politika fuq il-lingwa tat-tagħlim u assessjar[9] bħala parti minn Politika Nazzjonali mġedda dwar il-Lingwa. Din il-politika hija materja kumplessa li jeħtieġ li tindirizza:

- *kwistjonijiet ta' dritt* – l-istudenti kollha jeħtieġ li jsiru proficjenti fil-Malti u fl-Ingliż u preferibilment f'lingwa oħra biex jintegraw b'mod sħiħ soċjalment, kulturalment u ekonomikament;

- *kwistjonijiet kulturali* – il-post bi dritt tal-Malti bħala espressjoni tal-identità nazzjonali tagħna; il-preferenza għall-Ingliż bħala l-ewwel lingwa ta' minoranza tal-popolazzjoni tagħna; id-diversi nazzjonalitajiet ta' student fl-iskejjel; li negħlbu preġudizzji jew perċezzjonijiet relatati ma' lingwi u kulturi oħrajn;

- *kwistjonijiet ta' implimentazzjoni* – l-użu ta' lingwa jew lingwi f'oqsma differenti tat-tagħlim; il-lingwa tal-assessjar; ir-rakkomandazzjoni tal-NMC fl-1999 li skejjel jiżviluppaw il-politika lingwistika tagħhom skont il-ħtiġijiet tagħhom;

- *kwistjonijiet professjonali* – għalliema li huma proficjenti kemm fl-Ingliż u kemm fil-Malti; l-iżvilupp ta' riżorsi bil-Malti; l-iżvilupp tal-Malti għal skopijiet speċifiċi; il-ħtieġa li jikber l-interess f'lingwi oħrajn u fl-aċċess għalihom; u

- *kwistjonijiet ekonomiċi* – il-ħtieġa li jkun hemm proficjenza fl-Ingliż biex ikollna kompetittività f'ambjent ekonomiku globalizzat; l-importanza ta' lingwi barranin għat-trawwim tar-relazzjonijiet internazzjonali.

***Id-Diversità tal-Istudenti***

Filwaqt li l-NCF iħaddan id-diversità u jassumi li din tista' tkun promossa bis-saħħa ta' ambjent inkluživ, hu jagħraf li dawn l-obbligi jippreżentaw sfidi għall-iżvilupp ta' kurrikulu addattat u kultura tal-klassi li biha l-istudenti kollha huma aċċettati u appoġġjati biex jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

L-NCF jagħraf li l-kurrikulu għandu jindirizza l-ħtiġijiet ta':

- l-istudenti li jkollhom ħtiġijiet edukattivi speċjali[10] u li għalihom il-kurrikulu għandu jinkiteb b'mod li l-għalliema jkunu jistgħu japprezzaw kif kull student jista' jaċċessa l-istess kurrikulu f'kull qasam ta' tagħlim u jagħti lok għal assessjar ta' kontinwu ta' ħila;

9 Irreferi għal Appendiċi I

10 Ir-referenza għal ħtiġijiet edukattivi speċjali hawn tirreferi għat-18% tal-popolazzjoni skolastika, kif magħruf internazzjonalment, li tul il-karriera skolastika tagħhom setgħu kellhom ostakoli temporanji jew permanenti għat-tagħlim tagħhom.

- l-istudenti li jkollhom diżabilitajiet severi li fil-każ tagħhom il-kurrikulu għandu joffri edukazzjoni msejsa fuq kontinwu ta' ħiliet f'termini ta' fażijiet ta' żvilupp;

- l-istudenti li ġejjin minn ambjenti soċjali żvantaġġjati li fil-każ tagħhom l-iskola, f'kollaborazzjoni ma' msieħba ewlenin lokali u istitutuzzjonali fil-komunità, jeħtiġilha tgħolli l-ħiliet u tappoġġja lill-familji u lill-komunità lokali biex tipprovdi ambjent għani u stabbli mill-aspett edukattiv;

- l-istudenti li ġejjin minn ambjenti soċjali, kulturali u lingwistiċi diversi, fosthom tfal ta' refuġjati u dawk li qed ifittxu ażil, u li fil-każ tagħhom il-kurrikulu għandu jinkludi aċċess għal programm edukattiv li hu inserit f'ambjent li joffri appoġġ emozzjonali u psikoloġiku li jirrispetta ċ-ċirkustanzi individwali tagħhom; u

- l-istudenti li jkollhom doni u talenti, u li fil-każ tagħhom il-proċess tat-tagħlim jeħtieġ li jkun stimulant biżżejjed biex jimmotivahom biex jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

L-NCF jagħraf li edukazzjoni ta' kwalità għolja titlob infrastruttura ta' appoġġ li tipprovdi l-kondizzjonijiet u l-opportunitajiet għal dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu biex jissodisfaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u biex l-għalliema u l-amministraturi jimplimentaw il-kurrikulu b'mod effettiv. Din l-infrastruttura titlob appoġġ kostanti lill-għalliema, inklużi żvilupp professjonali, servizz għall-istudenti u riżorsi umani. B'mod partikolari, il-kurrikulu jeħtieġ jinkiteb mill-ġdid b'mod li jagħti lok li l-għalliema japprezzaw kif kull student jista' jaċċessa l-istess kurrikulu f'kull suġġett. Jeħtieġ ikunu identifikati livelli ta' kisbiet għal kull qasam ta' tagħlim biex l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu b'passi  differenti skont il-ħtiġijiet u l-isfidi differenti tagħhom. Ikunu meħtieġa 'objettivi inklużivi' biex l-objettivi ewlenin jitqassmu f'passi ta' progressjoni aktar maniġġabbli billi l-istudenti kollha għandhom id-dritt jaslu għal dak kollu li huma kapaċi jagħmlu u l-għalliema jeħtieġu appoġġ biex jifhmu kif dan jista' jsir.

Biex jitwassal kurikulu addattat ta' din ix-xorta, l-għalliema jkunu jeħtieġu riżorsi li jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-iskejjel kollha, possibilment permezz ta' sistema ta' *intranet*. Ix-xogħol tal-*Learning Support Assistants* (LSAs) jeħtieġ li jkun ikkunsidrat mill-ġdid, l-aktar fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja; f'dan il-qasam l-NCF jirrakkomanda mudelli alternattivi għall-iskjerament tal-LSAs (Appendiċi II). Fl-aħħarnett, servizzi kurrenti għal studenti, inklużi servizzi psikosoċjali, jeħtieġ li jinżammu u jissaħħu kemm ċentralment u kemm f'livelli ta' kulleġġi, klassijiet u individwi. Id- Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu medda ta' servizzi maħsubin biex jiżviluppaw kemm jista' jkun il-potenzjal tal-istudenti kollha.

## L-Assessjar u l-Evalwazzjoni

### *L-Assessjar u t-Tagħlim*

L-Assessjar f'ambjenti ta' qabel l-iskola u tal-iskola jagħti kontribut essenzjali għat-tagħlim u l-progress fil-livelli kollha. Dan għandu jidher bħala parti integrali mill-proċess tat-tagħlim, u għandu jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom informazzjoni kontinwa, f'waqtha u kwalitattiva dwar il-progress tat-tfal, jagħti lill-għalliema informazzjoni fuq il-prattika tagħhom, u jipprovdi lill-iskejjel u kulleġġi informazzjoni dwar l-ippjanar tagħhom tal-kurrikulu u t-tagħlim. L-assessjar ***għat***-tagħlim (assessjar għal skopijiet formattivi) huwa proċess li jiżviluppa waqt li jkun qed jingħata t-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom

jużaw ir-riżultati biex isiru jafu x'jafu l-istudenti u x'inhuma kapaċi jagħmlu f'konnessjoni ma' tagħlim ippjanat. Huma jużaw l-informazzjoni u l-evidenza miġbura biex jieħdu deċiżjonijiet fuq kif jiffukaw fuq it-tagħlim ġejjieni u kif itejbuh. L-assessjar ***tat***-tagħlim (assessjar għal skopijiet sommarji) ġeneralment isir fi tmiem *units* jew perjodikament fi tmiem modulu, f'nofs is-sena jew f'għeluq is-sena. Informazzjoni u ġudizzji dwar it-tagħlim jinġabru bl-iskop li jingħata rapport lill-ġenituri, u l-informazzjoni tinqasam ma' għalliema oħrajn fil-klassi jew fl-iskola li tkun tmiss. Jekk l-istudenti jkunu tassew konxji ta' dak li hu mistenni minnhom (l-intenzjonijiet tat-tagħlim) u tal-kriterji ta' suċċess li fuqhom jitkejjel it-tagħlim tagħhom, imbagħad jitgħallmu kif jiżviluppaw il-ħiliet ta' awto-evalwazzjoni li jgħinhom biex ikunu kapaċi jitgħallmu waħedhom.

Meta mfassal tajjeb u implimentat kif għandu jkun, il-proċess tal-assessjar tal-klassi jista':

- jkun ta' appoġġ lill-istudenti biex ikejjel it-tagħlim tagħhom, jidentifika x'jafu, jara x'inhuma l-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom, u jara x'passi jmisshom jittieħdu;
- jinkoraġġixxi lill-istudenti biex jappoġġjaw lil xulxin fit-tagħlim bis-saħħa tal-assessjar minn sħabhom;
- jgħin lill-għalliema jifhmu aħjar kemm qed jitgħallmu t-tfal, jużaw evidenza biex jimmoniterjaw il-progress ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu, jirriflettu fuq il-prattiki tagħhom u jaddattaw il-mod kif jgħallmu għall-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu;
- jgħin lill-għalliema jippjanaw għat-tagħlim ta' individwi u gruppi, u jiżguraw li t-tfal kollha jingħataw attenzjoni xierqa;
- jsostni lill-ġenituri biex jaqsmu l-esperjenzi ta' tagħlim ta' wliedhom, jinterpretaw informazzjoni li toħroġ mill-assessjar, u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom.

***L-Assessjar fl-Ambjenti tas-Snin Bikrin***

L-assessjar fis-Snin Bikrin huwa mezz kif wieħed isib dak li jinteressa lit-tfal u wkoll kif isib modi kif jirrikordja u jiddokumenta l-progress tagħhom. Biex l-assessjar ikun effettiv u jagħmel sens għat-tfal, id-dokumentazzjoni tan-narrattiva, u rakkonti illustrati tal-kisbiet tagħhom, jistgħu jipprovdu riflessjoni aktar ħolistika ta' dak li kull tifel jew tifla huma tassew kapaċi jagħmlu. L-assessjar fis-Snin Bikrin huwa importanti għat-tfal daqs kemm huwa għall-kbar, l-aktar għal dawk involuti fl-edukazzjoni. L-assessjar ibbażat fuq osservazzjoni attenta u atteġġjament responsiv u riflettiv jagħti direzzjoni lill-prattika. L-osservazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-kisbiet tat-tfal jgħinu lill-adulti jifhmu l-proċessi tat-tagħlim kif ukoll l-*outcomes*.

***L-Assessjar fis-Snin tal-Primarja***

Tul iċ-Ċiklu tal-Primarja sistemi formattivi għall-assessjar għandhom ikomplu jgħinu kemm lill-għalliema u kemm lill-istudenti biex jirriflettu fuq it-tagħlim ta' kull tifel u tifla u biex jippjanaw tagħlim lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja. Is-sistemi formattivi jgħinu wkoll lill-għalliema jivvalutaw il-prattika, jirriflettu fuq it-tagħlim ta' individwi u ta' gruppi ta' studenti, u jirrikordjaw u jirrappurtaw b'mod konsistenti fuq l-operat ta' kull tifel u tifla. L-interazzjoni ta' kuljum bejn għalliema u studenti f'xogħol orali u bil-miktub, u attivitajiet oħrajn, u

interazzjonijiet fost l-istudenti nfushom, jipprovdu informazzjoni siewja fuq x'jaf u x'għandu bżonn kull student. L-assessjar akkumulat tul is-snin jikkunsidra l-progress u l-iżvilupp ġenerali tat-tfal fid-dawl ta' *Learning Outcomes Framework*. Din l-informazzjoni tgħin lill-għalliem jikseb fehim aħjar tal-ħtiġijiet tat-tfal u jippjana skont kif ikun addattat. Dan jista' jkun skambjat ukoll ma' ġenituri u kollegi, u jipprovdi informazzjoni fuq kif l-iskola tkun qed tgħin lill-istudenti jilħqu l-livelli mistennija ta' kisbiet. Fil-każ ta' tfal li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet fit-tagħlim fl-oqsma ewlenin tal-litteriżmu, in-numeriżmu u l-litteriżmu diġitali, l-NCF jikkunsidra l-listi tal-iċċekkjar żviluppati fl-Ewwel, fit-Tieni u fit-Tielet Sena bħala parti mill-Politika u Strateġija Nazzjonali għall-Kisba ta' Kompetenzi Qofol fl-Edukazzjoni Primarja (2009) bħala għodod dijanjostiċi siewja biex ikun żgurat appoġġ meħtieġ tul iċ-Ċiklu tal-Primarja kollu. Studenti li jkunu jsegwu programmi ta' tagħlim individwali jistgħu jkunu valutati bl-użu ta' forom alternattivi ta' assessjar. Għandha tittieħed kura partikolari biex ikun żgurat li s-sistemi adottati jagħtu kas tal-bini tal-fiduċja u l-istima personali tat-tfal, u li programmi ta' tagħlim individwali ma jsirux programmi ta' tagħlim maqtugħin għal rashom. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiesu fil-politika ta' assessjar.

Mit-Tielet sas-Sitt Sena tal-Primarja l-NCF jirrakkomanda assessjar mill-iskola li jinkorpora l-assessjar ta' ħiliet orali u tas-smigħ fl-Ingliż u fil-Malti. Il-proċess ta' assessjar jipprovdi lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-amministrazzjoni tal-iskola dehra ġenerali tal-iżvilupp ta' kull tifel u tifla f'termini ta' livelli ta' kisbiet. Mir-Raba' Sena l-proċess isir aktar formalizzat bl-introduzzjoni ta' eżamijiet flimkien ma' forom oħrajn ta' assessjar. It-taħlita ta' sistemi għandha tgħin lill-ġenituri, lill-għalliema u lit-tmexxija tal-iskola biex jiksbu stampa aktar ċara tal-iżvilupp ta' għerf, ħiliet u atteġġjamenti ta' studenti individwali fl-oqsma differenti tat-tagħlim.

Il-moderazzjoni tal-assessjar msejsa fuq l-iskola u l-marki tal-eżamijiet għandha tiżgura li jkun hemm konsistenza fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' assessjar fl-iskejjel u l-kulleġġi kollha. Il-moderazzjoni tista' tikkonsisti fil-moniteraġġ tal-karti tal-eżami li jsiru fl-istess skejjel jew kulleġġi, kontroll li jsir qabel mill-amministrazzjoni tal-eżamijiet, u tkun segwita minn moderazzjoni tal-għoti ta' marki f'livelli ta' skola, kulleġġ jew dak ċentrali kif qed isir diġà.

Fi tmiem is-Sitt Sena, ikun iffissat livell nazzjonali għal tmiem il-Primarja għall-Matematika, il-Malti u l-Ingliż, u l-marki jingħataw b'mod ċentrali biex ikun hemm livelli nazzjonali. Filwaqt li dan l-assessjar huwa obbligatorju għal tfal li jattendu l-iskejjel Statali, l-iskejjel fis-setturi tal-Knisja u Indipendenti jistgħu jipparteċipaw ukoll. Dawn il-metodi ta' assessjar jintużaw biex jirreġistraw il-kisbiet ta' studenti fi tmiem iċ-ċiklu ta' edukazzjoni primarja u jipprovdu informazzjoni importanti lill-iskejjel sekondarji fuq it-tagħlim ta' studenti individwali.

### *L-Assessjar fis-Snin tas-Sekondarja*

Il-prinċipji ġenerali ta' assessjar japplikaw ukoll fil-livell sekondarju. L-assessjar fil-klassi u fl-iskola għal skopijiet formattivi u sommarji għandu jgħarraf lil dawk kollha involuti bil-kwalità u l-effettività tal-isforzi tagħhom biex jgħinu lil dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu jiksbu edukazzjoni ta' kwalità. Fil-livell ta' klassi, l-assessjar għal skopijiet ta' tagħlim jagħti informazzjoni fuq il-progress u jgħarraf lill-istudenti u lill-għalliema tal-klassijiet fuq il-progress u l-azzjonijiet li jistgħu jenħtieġu biex jittejjeb it-tagħlim billi l-istudenti jkunu megħjuna jiksbu l-għerf u jiżviluppaw il-ħiliet. L-assessjar tal-għalliema huwa wkoll siewi biex jivvaluta ħiliet u atteġġjamenti li ma jistgħux jitkejlu malajr b'testijiet u eżamijiet konvenzjonali. Evidenza ta' tagħlim tista' tinkiseb minn xogħol miktub u prattiku, xogħol fuq proġetti,

xogħol fuq il-post, u attivitajiet simili ta' tagħlim prattiku.

L-assessjar bħala parti mit-tagħlim għandu jibqa' jkollu sehem ċentrali fil-proċess. Din hi parti essenzjali mill-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti u tgħin biex tidentifika studenti li jeħtieġu appoġġ u attenzjoni. Bl-istess mod, l-assessjar tax-xogħol li jsir tul il-kors fl-iskola taħt is-superviżjoni tal-għalliema jista' jiżgura li x-xogħol hu tassew tal-istudenti u li studenti jingħataw appoġġ meta jkun meħtieġ. Kemm ix-xogħol fil-klassi u kemm ix-xogħol tul il-kors li jsir fl-iskola jippromwovi tagħlim kollaborattiv u jiżviluppa l-identità ta' kull student bħala wieħed li jrid jitgħallem u bħala parti minn komunità li qed titgħallem. L-assessjar tal-kisbiet tal-istudenti għal skopijiet sommarji m'għandux ikun dipendenti fuq kif wieħed imur f'okkażjoni waħda ta' test jew eżami. Hemm ħafna x'wieħed jikseb meta jqis informazzjoni miksuba permezz ta' sistemi multipli ta' assessjar li jsir tul is-sena skolastika. Dan iwassal għal assessjar aktar validu ta' għerf, ħiliet u atteġġjamenti f'oqsma differenti tat-tagħlim.

Ix-xogħol tal-kors li jsir barra mill-klassi tal-iskola jagħti ċans lill-istudenti li jiddedikaw aktar ħin għal riċerka u xogħol kreattiv, u jimpenjaw ruħhom f'ħidmiet b'modi differenti. Għandu jkun hemm attenzjoni biex wieħed ma jgħabbix iżżejjed lill-istudenti b'xogħol li jista' jkun tant elaborat li jkun jeħtiġilhom ifittxu min jgħinhom biex ikomplu għaddejjin bil-ħidma tagħhom. Mod wieħed kif dak li jkun jevita t-tagħbija żejda hu li l-għalliema ta' suġġetti differenti f'qasam ta' tagħlim partikolari jikkooperaw billi jagħtu proġetti bħala *homework* li permezz tagħhom l-istudenti juru l-għerf u l-ħiliet tagħhom.

L-assessjar ta' suġġetti offruti fil-qasam vokazzjonali se jkun ibbażat esklussivament fuq xogħol tul il-kors. Il-validità ta' dan l-assessjar u kemm wieħed jista' joqgħod fuqu inizjalment ikunu żgurati bis-saħħa ta' mekkaniżmi ta' assikurazzjoni ta' kwalità li jkunu parti mill-assessjar fil-mudell tal-BTEC.

Meta jingħata xogħol tal-kors fuq aktar minn suġġett wieħed jew saħansitra fuq aktar minn qasam wieħed ta' tagħlim, dan iwassal ukoll għal inqas frammentazzjoni fil-kurrikulu. Barra minn hekk, studenti jingħataw l-opportunità li japplikaw u jittrasferixxu ħiliet minn kuntest għal ieħor. Din is-sistema titlob koordinament u moniteraġġ immaniġġjati f'livell tal-iskola biex il-ġudizzji differenti tal- għalliema fuq il-kwalità tax-xogħol tal-istudenti f'relazzjoni ma' kriterji miftiehma jkunu konsistenti. Dan jista' jkun indirizzat minn moderazzjoni mill-kulleġġ li jaqbel ma' kriterji ta' suċċess u l-moniteraġġ tal-applikazzjoni konsistenti tagħhom għall-istudenti kollha. Il-komunikazzjoni u l-qbil fuq l-aspettattivi fost l-għalliema diversi involuti fl-assessjar tax-xogħol tal-istudenti jżidu l-livell ta' kemm wieħed jista' joqgħod fuq dan l-assessjar. Fil-każ tal-iskejjel Statali hu rakkomandat li tkun adottata sistema aktar flessibbli lejn l-eżamijiet annwali b'mod li f'xi *year groups* l-eżamijiet jistgħu jibqgħu jsiru b'mod ċentralizzat filwaqt li f'każijiet oħrajn jistgħu jkunu organizzati f'livell ta' kulleġġ. L-istudenti li jsegwu programmi ta' tagħlim individwali jistgħu jkunu valutati bl-użu ta' forom ta' assessjar alternattivi. Dan ukoll għandu jitqies fil-politika tal-assessjar.

L-NCF jirrakkomanda l-iżvilupp ta' politika tal-assessjar f'livell ta' skola jew kulleġġ biex timmoniterja l-progress tul is-sena. Il-politika għandha tfittex li ttejjeb il-kwalità tal-assessjar u kif din hija komunikata lill-ġenituri u lil imsieħba oħrajn, bħal bordijiet ta' eżaminaturi u min iħaddem. Din għandha tqis ukoll il-frekwenza, it-tul u l-iffissar taż-żmien meta jsiru ħidmiet orali u dawk ta' smigħ komprensivi fil-lingwi, u xogħol prattiku u tipi oħrajn ta' xogħol tal-kors fl-oqsma differenti tat-tagħlim, fosthom is-suġġetti vokazzjonali. Fil-każ tas-

settur Statali, il-politika għandha tistabilixxi wkoll f'liema *year groups* l-eżamijiet jibqgħu jkunu ssettjati b'mod ċentrali. Fil-każ ta' dawk il-*year groups* fejn l-eżamijiet ikunu bbażati fil-kulleġġ, l-Educational Assessment Unit jeħtieġlu jimmoniterja l-istandards mal-medda kollha tal-kulleġġi differenti.

***L-Evalwazzjoni: Mekkaniżmi ta' Assikurazzjoni ta' Kwalità***

L-NCF jirrakkomanda li l-iskejjel ikunu inkoraġġuti u appoġġjati biex jiżviluppaw il-ħin kollu l-kapaċità tagħhom li jkunu komunitajiet ta' prattika riflessivi permezz ta':

- proċess ta' ppjanar ta' żvilupp tal-iskola li jinkludi fih innifsu mekkaniżmi għal awtoassessjar;
- konsulenza;
- il-Performance Management and Professional Development Plan (PMPDP); u
- evalwazzjoni esterna li ssir mid-Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE).

Qabel l-emendi tas-sena 2006 għall-Att dwar l-Edukazzjoni diġà kien hemm għodod importanti għall-assikurazzjoni tal-kwalità biex l-iskejjel u l-Istat jiżguraw li dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu jgawdu d-dritt tagħhom għall-edukazzjoni. Dawn kienu:

- School Development Plans (SDPs) li ddaħħlu fis-sena 1996 u li saru obbligatorji bil-pubblikazzjoni tal-NMC tas-sena 1999;
- Il-Performance Management Profile (PMP) użat mill-għalliema u impjegati amministrattivi kollha fl-iskejjel Statali li jidentifika l-funzjoni tal-professjonisti fl-implimentazzjoni tal-SDP fl-iskejjel. ħafna skejjel fis-setturi tal-Knisja u Indipendenti jużaw ukoll strutturi ta' mmaniġġjar tal-operat; u
- żjajjar regolari lill-klassijiet mill-Uffiċjali tal-Edukazzjoni tas-suġġetti li kellhom funzjoni kemm ta' appoġġ u kemm ta' moniteraġġ.

L-iżgurar ta' standards konsistentement għoljin fit-tagħlim tibda fl-iskejjel infushom. L-iskejjel jeħtieġ ikunu inkoraġġuti u appoġġjati biex jiżviluppaw il-ħin kollu l-kapaċità tagħhom li jkunu komunitajiet ta' prattika riflessiva, jiġifieri li:

- jippjanaw intenzjonalment it-tagħlim skont konvinzjonijiet, kriterji u miri maqbulin minn kulħadd;
- jimplimentaw dawn il-pjanijiet b'mod kritiku u flessibbli;
- jivvalutaw u jikkunsidraw mill-ġdid prattiki u titjib fid-dawl ta' standards iffissati; u
- jikkunsidraw mill-ġdid l-ippjanar tagħhom u l-ippjanar tal-iżvilupp tal-iskola skont dawn ir-reazzjonijiet, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-possibbiltà li jikkunsidraw mill-ġdid il-konvinzjonijiet, kriterji u miri maqbulin minn kulħadd.

Fil-mudell li qed jevolvi ta' assikurazzjoni ta' kwalità, l-iskejjel jibqgħu jingħataw appoġġ fil-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw u jimplimentaw il-Pjanijiet għall-Iżvilupp tal-Iskola (SDP) li għandhom mekkaniżmi mibnijin fihom infushom għall-awtoassessjar. Dan il-komponent ta' awtoassessjar jiffoka fuq kemm mill-azzjonijiet ipproġettati jkunu saru. L-SDP jibni fuq il-progress li jkun sar u jinkorpora prijoritajiet u realtajiet oħrajn li jridu jkunu indirizzati.

żewġ għodod importanti aċċessibbli għall-iskejjel Statali fl-appoġġ għall-isforzi tagħhom li jkunu komunitajiet ta' prattiki riflessivi huma l-*mentoring*, u l-Performance Management and Professional Development Programme (PMPDP). L-istrutturi għall-*mentoring* saru possibbli bis-saħħa tal-emendi tas-sena 2006 għall-Att dwar l-Edukazzjoni, u jfissru li l-għalliema jkunu jistgħu jingħataw appoġġ professjonali f'punti kritiċi tal-karriera tagħhom, li jibda mid-daħla tagħhom fil-professjoni u fl-iskola jew kulleġġ skont il-ħtieġa. Il- PMPDP hu żvilupp tal-PMP u hu maħsub bħala għodda li tiddokumenta l-isforzi dejjem għaddejjin tal-għalliema biex isostnu u jtejbu l-prattika professjonali tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tat-tagħlim tul il-ħajja kollha u l-kontribut tagħhom għall-Pjan ta' żvilupp tal-Iskola.

Il-miżuri interni ta' assikurazzjoni ta' kwalità deskritti hawn fuq huma komplementati minn miżuri esterni maħsubin biex jiżguraw appoġġ u validazzjoni esterna kif ukoll kontabbiltà. Dawn jiffukaw fuq l-effettività tat-tmexxija u t-tagħlim biex jiżguraw id-dritt edukattiv tal-istudenti f'termini tal-Pjan ta' żvilupp tal-iskola nnifisha. L-evalwazzjonijiet esterni mhumiex normattivi: dawn ma jkejlux l-iskejjel bil-qies ta' xi skola ideali. L-assessjar iqis l-operat u l-isforzi tal-iskola skont l-assessjar tagħha stess tal-ħtiġijiet tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet għal iktar titjib huma maħsubin biex jinfluwenzaw il-proċess ta' awtoassessjar tal-iskola nnifisha, u jolqtu l-ippjanar tal-iżvilupp tagħha.

### ***Moniteraġġ Nazzjonali tal-Kisbiet***

Hija r-responsabbiltà tad-Direttorat għal Kwalità u Standards (DQSE) li jevalwa l-implimentazzjoni, l-innovazzjoni u x-xejriet emerġenti tal-kurrikulu permezz ta' assessjar estern f'livell nazzjonali u internazzjonali, ta' eżamijiet ta' tmiem is-sena, moderazzjoni tal-assessjar li jsir mill-iskola, moniteraġġ tal-kisbiet f'oqsma differenti tat-tagħlim, *benchmarks* nazzjonali, servejs ta' litteriżmu u numeriżmu; eżamijiet tas-SEC, PISA[11], PIRLS[12], TIMSS[13], u servejs oħrajn. Assessjar fil-livell nazzjonali li juża standards miftiehmin hija essenzjali biex ikun żgurat li d-dritt tal-istudenti għal edukazzjoni ta' kwalità qed ikun irrispettat.

11 PISA: Programme for International Student Achievement. Dan huwa programm ta' assessjar standardizzat f'livell internazzjonali li kien żviluppat b'mod konġunt minn ekonomiji parteċipanti u amministrat lil studenti ta' 15-il sena fl-iskejjel. Il-PISA jassessja kemm l-istudenti li waslu qrib it-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja jkunu kisbu mill-għerf u ħiliet li huma essenzjali għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Fiċ-ċikli kollha d-dominji tal-qari, matematika u litteriżmu xjentifiku huma koperti mhux biss f'termini ta' padrunanza tal-kurrikulu tal-iskola iżda f'termini ta' għerf u ħiliet importanti meħtieġa fil-ħajja adulta. Fiċ-ċiklu PISA 2003 ddaħħal dominju addizzjonali ta' soluzzjoni tal-problemi biex jitkompla l-eżami tal-kompetenzi interkurrikulari.

12 PIRLS: Progress in International Reading Literacy Study. Dan huwa ċiklu ta' assessjar mifrux fuq ħames snin li jkejjel xejriet fil-kisba tal-litteriżmu, tal-qari tat-tfal, u politiki u prattiki relatati mal-litteriżmu. Il-popolazzjoni internazzjonali tal-PIRLS tinkludi studenti fil-grad li jirrappreżenta erba' snin ta' skola, sakemm l-età medja meta jsiru t-testijiet tkun mill-inqas 9.5 snin.

13 TIMSS: Trends in International Mathematics and Science Study. Dan hu ċiklu ta' assessjar ta' erba' snin. Dan ikejjel xejriet fil-kisbiet tal-istudenti fil-matematika u x-xjenza. Hu amministrat lil studenti fir-raba' u t-tmien gradi.

Is-suċċess tal-assessjar fil-livell nazzjonali jiddependi fuq għadd ta' rekwiżiti li għandhom ikunu ffissati, fosthom:

- l-iffissar ta' standards fid-diversi oqsma tat-tagħlim, imsejsin fuq *Learning Outcomes Framework*;

- l-Educational Assessment Unit (EAU) fi ħdan id-DQSE jkun responsabbli għall-assessjar **għat**-tagħlim u għall-assessjar **tat**-tagħlim. Fost dmirijiet oħrajn, il-unit ikollu f'idejh l-organizzazzjoni, implimentazzjoni u moniteraġġ tal-assessjar fl-oqsma differenti tat-tagħlim tul is-sena skolastika biex jiżgura konsistenza fl-applikazzjoni ta' livelli nazzjonali ta' kisbiet, il-moderazzjoni ta' xogħol tal-kors iffissat, u l-iffissar ta' livell nazzjonali fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja.

- L-introduzzjoni ta' moniteraġġ estern fl-oqsma tat-tagħlim kollha bl-użu ta' kampjuni meħudin minn skejjel u studenti fuq ċiklu ta' ħames snin.[14]

- It-tgħabbir tax-xogħol tal-kors u l-eżami għandhom ikunu differenti għas-suġġetti differenti, iżda għandu jkun hemm tgħabbir miftiehem minn kulħadd. L-assessjar fil-lingwi għandu jqis it-taħdit, is-smigħ, il-qari u l-kitba, filwaqt li l-assessjar f'suġġetti li jeħtieġu ħiliet prattiċi, kreattivi u li jsolvu l-problemi għandu jinkludi l-assessjar ta' dawk il-ħiliet waqt xogħol awtentiku mogħti u mmoniterjat tul is-sens skolastika. L-użu ta' karti tal-eżami gradati jew karti tal-eżami ssettjati f'livelli differenti ta' diffikultà jiżgura li l-istudenti juru fejn ikunu waslu. Il-kisbiet tal-istudenti fis-suġġetti differenti jkunu interpretati biex jiggwidaw individwi lejn għażliet oħra ta' suġġetti u, sussegwentement, għażliet ta' karrieri.

- Fi tmiem iċ-Ċiklu tas-Sekondarja, minbarra ċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja u l-Profil[15], l-istudenti kollha għandhom ikunu kapaċi jikkwalifikaw għal ċertifikati minn aġenzija esterna li juru l-kisbiet tagħhom fl-oqsma tat-tagħlim. Bħalissa l-eżami tas-*Secondary Education Certificate* (SEC) tal-Bord tal-MATSEC jagħti ċertifikati li huma akkreditati f'Livelli 2 u 3 tal-Qafas ta' Kwalifiki ta' Malta (MQF). Il-kwalifika BTEC fis-suġġetti vokazzjonali titqabbel mal-istess livelli tal-MQF.

- Hemm ukoll il-ħtieġa li tkun żviluppata sistema komplementari ta' ċertifikazzjoni esterna li tinkoraġġixxi studenti li bħalissa jtemmu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom bla ċertifikazzjoni esterna ħalli jiksbu kwalifiki fil-Livell 1 tal-MQF flimkien maċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja u l-Profil kif irrakkomandat mill-evalwazzjoni tal-MATSEC (Grima et al., 2005).

## L-Involviment tal-ġenituri[16] u tal-Komunità

It-tagħlim għandu jingħata f'kuntest fl-ambitu tal-komunità tal-madwar li l-fruntieri tagħha jmorru lil hinn mill-ambjenti immedjati tal-iskola. L-istrutturi edukattivi formali għandhom

14 Dettalji dwar din ir-rakkomandazzjoni huma aċċessibbli fid-dokument *Transition from Primary to Secondary* (2008).

15 Iċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja u l-Profil jinkludu l-assessjar tal-edukazzjoni formali, edukazzjoni mhux formali, edukazzjoni informali, kwalitajiet personali u attendanza tal-istudenti (Grech, 2009a, 2009b).

16 Tul dan il-dokument kollu kull referenza għall-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tinkludi tuturi legali u adulti ta' natura sinifikanti li huma magħrufin li għandhom funzjoni ta' ġenituri fil-ħajja tat-tifel jew tifla. Din id-definizzjoni qed tingħata bla preġudizzju għall-obbligi legali tal-iskejjel.

ikunu sensittivi u jirrispondu għar-realtajiet u l-opportunitajiet tal-ambjent ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu. Barra minn hekk, il-komunità (il-ġenituri, in-negozji/l-industriji, il-kunsilli lokali) – li l-istudenti jinteraġixxu fi ħdanha – għandha tagħraf il-funzjoni ewlenija tagħha li tinvesti f'edukazzjoni ta' kwalità għolja u tippromwoviha. Din it-taqsima tiddiskuti l-ewwel il-funzjoni tat-trobbija tat-tfal u mbagħad il-funzjoni tal-komunità fit-tagħlim tal-iskola.

### *L-Iskejjel u l-ġenituri*

Ir-riċerka turi li l-interazzjoni tal-ġenituri mal-iskola hija waħda mill-fatturi l-aktar importanti għall-iżvilupp edukattiv li jirnexxi tal-istudenti (Desmond & Elfert, 2008; UNESCO Institute of Lifelong Learning, 2008; Bastiani, 2002; Williams, Williams & Ullman, 2002; Hornby, 2000). Sa mill-introduzzjoni tal-kunsilli skolastiċi fl-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, l-involviment tal-ġenituri kiber fl-importanza u fil-varjetà tal-forom li jieħu. Bħalissa lokalment jeżistu erba' tipi ta' interazzjoni tal-ġenituri:

- *Rabta bejn id-Dar u l-Iskola:* Din ir-rabta tinkludi l-attendenza tal-ġenituri f'ċerimonji u funzjonijiet tal-iskola. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' noti, ċirkolarijiet u korrispondenza jew pitazzi ta' komunikazzjoni, u bl-użu tat-teknoloġija diġitali. Dawn jinkludu wkoll interazzjoni diretta waqt ġranet għall-ġenituri u laqgħat għal diskussjoni, u l-għażla tas-suġġetti jew l-eżamijiet tas-SEC Karta A/B. Il-koordinament ta' strateġiji għad-dar u għall-iskola biex jittejbu l-imġiba, ix-xogħol tad-dar u l-operat fl-iskola kollha huma eżempji ta' rabtiet interattivi.

- *Parteċipazzjoni tal-ġenituri:* Il-parteċipazzjoni tinkludi għajnuna f'okkażjonijiet skont kif mitlub mill-iskola. Servizzi bħal ta' Assistenti għal-Librerija jew fil-klassi, fi gruppi tal-qari jew fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet jew ħarġiet tal-iskola, huma kollha eżempji ta' parteċipazzjoni tal-ġenituri.

- *Involviment tal-ġenituri:* Permezz tal-involviment il-ġenituri jieħdu parti importanti fil-proċessi għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-iskola, għaliex jistgħu jinfluwenzaw l-aġenda li dak li jkun jeħtieġ li jsir. Servizz fl-Assoċjazzjonijiet ta' ġenituri u Għalliema, fil-Kunsilli tal-Iskola, Il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskola, u assoċjazzjonijiet lokali, nazzjonali jew internazzjonali tal-ġenituri huma kollha eżempji ta' involviment tal-ġenituri.

- *Tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri::* Fit-tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri, il-ġenituri jagħrfu li l-iskola tista' tkun post u/jew opportunità għat-tkabbir personali tagħhom. Il-preżenza tal-ġenituri tista' tkun jew reattiva, bħall-attendenza għal taħditiet jew attivitajiet edukattivi organizzati mill-iskola, jew tista' tkun aktar proattiva. Eżempji ta' din l-aħħar jinkludu t-taħriġ ta' ġenituri biex jikkunsidraw mill-ġdid l-għanijiet ta' ħajjithom permezz tal-*Lifelong Learning Portfolio* (Spiteri & Galea 2007), u t-taħriġ ta' ġenituri Mexxejja biex jagħtu l-ħila lil ġenituri oħrajn fil-komunità skolastika jew lokali (Mayo 2007) u l-korsijiet tal-IT għall-ġenituri fl-iskejjel.

*Ir-Rabta bejn id-dar u l-iskola, il-Parteċipazzjoni u l-Involviment tal-ġenituri,* kif ukoll *it-Tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri* huma punti differenti ta' dħul għal-ġenituri li huma inkoraġġuti li jikkunsidraw aktar forom u forom aktar diversi ta' interazzjoni tal-ġenituri mal-iskejjel. L-erba' kategoriji huma importanti għall-ġenituri, uliedhom u l-iskejjel biex jiżguraw l-aħjar żvilupp edukattiv ħolistiku tal-imsieħba kollha involuti.

L-NCF jirrakkomanda l-iżvilupp ta' politika nazzjonali li tkun żviluppata mid-Direttorati ma' msieħba oħrajn biex jifformalizzaw il-forom differenti ta' parteċipazzjoni u jsaħħu l-involviment attiv tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv tagħhom infushom u ta' wliedhom.

***L-Iskejjel u l-Komunità***

Ir-relazzjoni bejn l-iskejjel u l-komunità għandha erba' dimensjonijiet:

a) Il-komunità lokali hija riżorsa siewja għall-iskola biex tqiegħed it-tagħlim f'kunċett. Dan jista' jsir permezz ta', ngħidu aħna:

- żjajjar lil siti ta' rilevanza nazzjonali;
- skejjel li jilqgħu persuni jew entitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' tagħlim kurrikulari;
- orjentament tal-kurrikulu tal-iskola biex jinkludi żjajjar lil siti, parteċipazzjoni f'okkażjonijiet u kontributi minn personalitajiet.

b) L-iskola tista' tkun il-lok għal tagħlim tul il-ħajja għall-komunità. Dan qed isir permezz tal-klassijiet ta' filgħaxija u permezz ta' programmi ta' appoġġ lill-ġenituri u korsijiet ta' *empowerment* lill-ġenituri. Hekk kif ir-riżorsi aċċessibbli għall-iskejjel tjiebu b'mod sinifikanti bis-saħħa tal-bini estensiv kurrenti ta' skejjel u programm ta' titjib fi skejjel, il-potenzjal għal servizz usa' lill-komunità tjieb b'mod sinifikanti.

c) Il-komunità tista' tassisti skejjel biex jippreparaw l-istudenti għad-dinja tax-xogħol. ħafna skejjel sekondarji daħħlu esperjenzi ta' orjentament għax-xogħol u qed jesponu lill-istudenti għal ambjent realistiku tax-xogħol filwaqt li jagħtu wkoll esperjenza ta' etika tax-xogħol u l-intraprenditorija f'kuntest. Programmi ta' din ix-xorta għandhom jagħmlu parti intrinsika mill-esperjenza skolastika fl-iskejjel kollha.

d) L-iskejjel jirrispondu għat-talbiet tas-soċjetà permezz ta' ffukar kurrikulari speċifiku u esperjenzi edukattivi *ad hoc*. Id-dibattitu fis-soċjetà ċivili jissuġġerixxi l-ħtieġa ta' edukazzjoni f'oqsma ta' kontenut speċifiku biex tiddaħħal bidla kulturali partikolari f'kuntesti li għandhom ħtieġa urġenti ta' titjib. Eżempji tipiċi jinkludu l-kura tal-ambjent, għarfien tas-saħħa sesswali u l-ħtieġa ta' fiżiku b'saħħtu.

Fil-fatt l-NCF jirrakkomanda li:

- l-iskejjel jistabbilixxu rabtiet sodi mad-diversi membri, gruppi u aġenziji fi ħdan il-komunità billi dan jgħin l-estensjoni tat-tagħlim fost il-komunità u jdaħħal it-tagħlim fl-iskola jew skejjel; u
- kulleġġi jistabbilixxu sħubija mas-setturi differeti tal-ekonomija u jesploraw forom differenti ta' impenn li jistgħu jkunu ta' ġid kemm għall-istudenti u kemm għall-edukaturi.

## L-Istrutturi ta' Appoġġ

L-NCF jagħraf li edukazzjoni ta' kwalità għolja titlob infrastruttura ta' appoġġ li tipprovdi l-kondizzjonijiet u l-opportunitajiet għall-istudenti biex jaslu għall-potenzjal sħiħ tagħhom u biex l-għalliema u l-amministraturi jimplimentaw il-kurrikulu b'mod effettiv. Din l-infrastruttura teħtieġ servizzi dejjem għaddejjin għall-istudenti, riżorsi umani, żvilupp professjonali, appoġġ u inkoraġġiment lill-istudenti biex jorganizzaw it-tagħlim tagħhom infushom ħalli jkabbru kemm jista' jkun il-potenzjal tagħhom u jiżviluppaw ħilithom, appoġġ lill-għalliema u tmexxija soda fil-qasam tal-edukazzjoni.

### *Is-Servizzi għall-Istudenti*

Għalkemm l-għalliema jistrieħu primarjament fuq l-esperjenza u l-għarfien tagħhom stess, l-impenn favur id-diversità u l-inklużjoni promoss minn dan l-NCF jitlob id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal servizzi addizzjonali fl-interessi tal-istudenti. Dawn is-servizzi jħaddnu l-medda kollha ta' kontinwu minn personali/pastorali sa dak kurrikulari. Ngħidu aħna, l-appoġġ ta' *counsellor* tal-iskola jista' jkun aktar ta' natura personali, filwaqt li l-appoġġ ta' għalliem li jgħin f'diffikultajiet speċifiċi fit-tagħlim jista' jkun aktar ta' natura kurrikulari[17]. Is-servizzi għandhom jingħataw skont dawn il-prinċipji bażiċi:

- Is-servizzi kollha jibdew mir-realtà tal-istudent li trid tinkorpora komponent personali/ pastorali;
- Is-servizzi kollha jeħtieġ li jindirizzaw l-implikazzjonijiet tas-servizz partikolari fuq id-dritt u l-iżvilupp edukattiv tal-istudent;
- Dawn is-servizzi jeħtieġ li jingħataw fil-kuntest ta' diversità, li jfisser li dawn jindirizzaw il-livell kurrenti jew attwali tal-istudent fil-waqt li jindirizzaw il-progress u l-kisbiet li għad iridu jseħħu;
- Is-servizzi jħaffu l-aċċess tal-għalliema għal informazzjoni xierqa, ħiliet, u provediment kumplimentari li jagħtuhom il-ħila li jindirizzaw b'mod effettiv id-dritt edukattiv tal-istudent; u
- Is-servizzi li jeħtieġu li l-istudent jinħareġ temporanjament mill-klassi huma effettivi sakemm dawn iwasslu għar-reintegrazzjoni tal-istudent fil-klassi ewlenija, u t-tisħiħ tal-għalliema tal-klassi biex tkun sostnuta din ir-reintegrazzjoni[18].

### *Ir-Riżorsi Umani*

Matul is-snin numru ta' għalliema ddaħħlu biex jappoġġjaw il-ħtiġijiet kurrikulari tal-istudenti f'oqsma partikolari f'diversi skejjel. Dan il-provediment sar magħruf bħala s-servizz peripatetiku. L-iżviluppi ssuġġeriti mill-NCF iwasslu għall-ħtieġa ta' reviżjoni ta' dan is-servizz bil-għan li jappoġġja lill-kurrikulu fid-diversi livelli ta' implimentazzjoni.

17 Lista dettaljata ta' servizzi pprovduti hija inkluża f'Appendiċi II

18 Is-servizzi ta' mmaniġjar ta' mġiba li jinkorporaw *Nurture Groups* u *Learning Support Zones* huma provedimenti li għandhom l-għan li jirrijintegraw lill-istudent u jgħollu l-livell tal-ħiliet tal-għalliem tal-klassi.

L-NCF qed jagħti direzzjoni ċara dwar kif għandu jsir it-tagħlim ta' oqsma speċifiċi. Il-qafas jistipula li għalliema tal-Iskola Primarja jkunu responsabbli għat-tagħlim tal-Malti, l-Ingliż, ir-Reliġjon, il-Matematika, ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Istudji Ċiviċi, u l-Edukazzjoni għas-Saħħa li tinkludi l-Edukazzjoni Fiżika. Temi interkurrikulari jkunu inseriti fil-lezzjonijiet differenti aktar milli jidhru bħala suġġetti għalihom fl-orarju tal-lezzjonijiet. Fl-ambitu ta' dan ix-xenarju huma previsti erba' livelli ta' appoġġ:

- Għalliema li joffru Appoġġ Kurrikulari li l-għan tagħhom huwa li jappoġġjaw lill-għalliema ta' klassijiet fit-tagħlim tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Edukazzjoni Fiżika u l-IT. Dawn l-għalliema għandhom jiżguraw li t-tagħlim ikun effettiv billi jgħinu lill-għalliema tal-klassijiet fl-ippjanar tal-lezzjonijiet u, meta meħtieġ, fl-għoti tal-lezzjonijiet. Huma għandhom ukoll jagħmlu suġġerimenti u joffru riżorsi edukattivi maħsubin biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim fl-oqsma ta' dawn is-suġġetti. Dawn l-għalliema speċjalisti fis-suġġetti għandhom jaħdmu id f'id mal-Prinċipali tal-Kulleġġi, l-Uffiċjali tal-Edukazzjoni u l-Kapijiet ta' Dipartmenti, u jkunu assenjati fi skejjel primarji speċifiċi.

- It-tagħlim tal-arti, il-mużika, iż-żfin u d-drama, l-Edukazzjoni Soċjali u għas-Saħħa Personali (PSHE) u l-programmi ta' għarfien ta' lingwi barranin, jeħtiġilhom ħiliet speċifiċi li mhux l-għalliema kollha bilfors jippossiedu. Għalhekk it-tagħlim ta' dawn l-oqsma jibda jsir minn Għalliema Speċjalisti fis-Suġġett li għandhom il-ħiliet, l-atteġġjamenti u l-għerf meħtieġa biex jiffukaw fuq dawn l-oqsma u li jieħdu post l-għalliem normali tal-klassi għal dawn il-lezzjonijiet speċifiċi. Dawn l-għalliema jkunu wkoll assenjati għal skejjel primarji speċifiċi, ġeneralment skont il-kulleġġi.

- Temi interkurrikulari jitolbu sessjonijiet ta' ppjanar kif ukoll moniteraġġ u assessjar regolari tal-prattiki fil-klassijiet. Dan it-tip ta' appoġġ se jkun offrut f'livelli ta' kulleġġi u nazzjonali, skont it-tema. Eżempji jinkludu Edukazzjoni għal żvilupp Sostenibbli (inkluża EkoSkola) u għalliema li jagħtu appoġġ fiċ-Ċentru għall-*eLearning*.

- L-iskejjel jeħtiġilhom appoġġ biex jimplimentaw politiki speċifiċi bis-saħħa ħolistika li tkopri l-iskola kollha. Dan jista' jsir minn tim ta' għalliema li jiffunzjona f'livell nazzjonali u kolleġġjali, li jżur l-iskejjel fuq bażi regolari biex jgħin lill-iskola fl-iżvilupp ta' materjal edukattiv meħtieġ biex tiżviluppa u timplimenta l-politika tagħha. Barra minn hekk, dawn l-għalliema jgħinu l-iskejjel fl-iżvilupp ta' materjal edukattiv u fit-tmexxija ta' programmi professjonali ta' żvilupp. Eżempji jinkludu għalliema li jappoġġjaw it-tagħlim tal-litteriżmu u tan-numeriżmu.

Kemm fiċ-Ċiklu tal-Primarja u kemm f'dak tas-Sekondarja, l-appoġġ tal-Kapijiet tad-Dipartimenti u l-Uffiċjali tal-Edukazzjoni jrid jinżamm u jissaħħaħ.

### *L-Iżvilupp Professjonali Dejjem Għaddej*

L-iżvilupp professjonali dejjem għaddej ta' għalliema biex jaġġorna l-għerf u l-ħiliet tagħhom għandu jitqies indispensabbli biex il-professjoni tibqa' tkun effettiva. L-għalliema professjonisti għandhom jiżviluppaw il-ħidma professjonali u pedagoġika tagħhom mal-istudenti fuq il-bażi ta' perspettivi kontemporanji ta' riċerka, teorija, għarfien ta' kontenut u prattiki ta' tagħlim, u fuq kif jifhmu lill-istudenti. Huma għandhom iqisu ruħhom bħala professjonisti kritiċi u riflessivi li jittrattaw teorija u prattika kontemporanji. żvilupp professjonali jsir f'varjetà ta' manjieri, fosthom:

- korsijiet ta' induzzjoni;
- *mentoring* u osservazzjoni reċiproka bejn professjonisti;
- żvilupp professjonali fil-kuntest tal-iskola;
- taħriġ fuq ix-xogħol;
- korsijiet qosra;
- korsijiet li jwasslu għal ċertifikat/diploma/grad/grad ogħla mill-ewwel grad;
- djalogu formali u informali ma' kollegi u sħab;
- netwerks ta' tagħlim professjonali, fosthom assoċjazzjonijiet lokali u internazzjonali professjonali; u
- inizjattivi personali fejn l-edukaturi jittrattaw materjal professjonali u rilevanti, pubblikazzjonijiet reċenti jew saħansitra attendenza u preżentazzjonijiet *f'workshops* u konferenzi.

**Il-*Mentoring***

Il-*mentoring* isostni lill-professjonisti f'diversi stadji tal-karriera tagħhom. Għalliema kwalifikati ġodda u oħrajn li jiffaċċjaw funzjonijiet, sfidi u responsabbilitajiet ġodda jgawdu ħafna mill-appoġġ strutturat minn sħabhom li jkollhom aktar esperjenza u jkunu tħarrġu apposta. Il-*mentoring* jiswa ta' ġid ukoll meta għalliem ikun għaddej minn sfidi li jeħtieġu appoġġ professjonali. Il-funzjoni ewlenija ta' min jagħti dan l-appoġġ u inkuraġġiment hija li jgħin lil individwu biex jirrifletti bis-serjetà fuq il-prattika tiegħu jew tagħha ħalli jtejjibha.

Tul dawn l-aħħar ftit snin ittieħdu diversi inizjattivi minn diversi setturi biex għalliema jingħataw appoġġ tul is-snin ta' induzzjoni tagħhom. Dawn se jkomplu jkunu żviluppati bit-twaqqif ta' struttura ta' appoġġ u inkuraġġiment kif spjegat hawn fuq u li għandha ssir f'livelli ta' kulleġġi u skejjel. It-titjib ta' ħiliet meħtieġ biex is-servizz jingħata fuq skala nazzjonali u l-assikurazzjoni ta' kwalità sussegwenti jingħataw mid-Direttorat ta' Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE).

***Is-Servizzi Legali u Psikosoċjali għall-Għalliema***

Sa mis-sena 2007 l-għalliema fl-iskejjel Statali setgħu jużaw servizzi psikosoċjali u legali pprovduti b'xejn mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DES). Dawn is-servizzi kienu popolari u d-domanda kbira għalihom, l-aktar fl-qasam psikosoċjali, wasslet biex is-servizz kompla jikber. Xi skejjel indipendenti ukoll żviluppaw timijiet ta' kura pastorali li jappoġġjaw għalliema fl-isfera psikosoċjali. L-NCF isaħħaħ dawn l-istrutturi ta' appoġġ.

***It-Tmexxija ta' Għalliema f'Pożizzjoni ta' Tmexxija***

Kulħadd japprezza l-valur, ħtieġa u importanza tat-tmexxija. Iżda l-qbil isir aktar diffiċli meta tibda tiddiskuti x'inhi. Hemm mijiet ta' definizzjonijiet ta' x'inhi tmexxija, u kull waħda għandha teoriji differenti dwar minn fejn ġiet, il-proċess tagħha u r-riżultat li tagħti. It-

tmexxija tista' tkun deskritta bħala l-influwenza, il-proċess ta' persważjoni jew eżempju li bih individwi jew timijiet iwasslu grupp jew organizzazzjoni biex isegwu objettivi identifikati minn qabel. It-tmexxija għaldaqstant tista' tinġabar fil-qosor bħala l-operat ta' azzjonijiet li bih dawk li jieħdu sehem f'komunità jkunu kapaċi jiżvolġu l-potenzjal tagħhom f'ambjent ta' fiduċja, jistaqsu x'jiġri fil-prattika, joħolqu stejjer, jifhmuhom u jevalwawhom, u joħolqu xi jfissru.

Id-definizzjoni ta' tmexxija tinkorpora 'skop', 'direzzjoni', 'individwi', 'gruppi', 'kultura u valuri', 'viżjoni strateġika komuni', 'prijoritajiet', u 'ippjanar tal-bidla'. Il-viżjoni li qed tixref tat-tmexxija hija waħda kostruttivista fejn it-tmexxija hi rikonoxxuta bħala proċess reċiproku li jagħti ħila lill-parteċipanti f'komunità edukattiva biex jikkostruwixxu tifsiriet li jwasslu għal skop komuni ta' kif titmexxa skola. It-tagħlim u t-tmexxija huma marbutin flimkien, għaliex dawn il-kunċetti jirriżultaw minn fehim ta' x'inhu li tkun uman. Li tkun uman hu li titgħallem u li titgħallem hu li ssawwar it-tifsir u l-għerf.

F'kuntest fejn il-bidla hija proċess permanenti, l-aħjar organizzazzjoni hija dik fejn jinsab mezz mhux biss kif wieħed ilaħħaq mal-bidla iżda wkoll biex jużaha bħala forza li twassal għall-eċċellenza. Lashway (2006) jiddeskrivi organizzazzjonijiet ta' tagħlim bħala *surfers*: filwaqt li ma jistgħux jikkontrollaw il-mewġa pożittiva li għaddejjin minnha, huma l-ħin kollu jaddattawha u jużaw l-enerġiji tagħhom biex twassalhom fejn iridu jmorru. F'dan il-proċess, hu kruċjali li jkun hemm viżjoni. Organizzazzjonijiet jistgħu ma jaslu qatt fejn jaħsbu li jridu jaslu, iżda li jkollhom viżjoni hi ħaġa li żżommhom iffukati tul kif tiżvolġi l-mixja tagħhom. Fil-kuntest lokali, l-organizzazzjoni tal-iskejjel Statali f'netwerks ta' kulleġġi tista' tiżviluppa f'entitajiet effettivi li jsostnu l-innovazzjoni u l-iżvilupp.

*Netwerks jippromwovu t-tixrid tal-prattiki tajbin, itejbu l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, iservu ta' medjaturi bejn strutturi ċentralizzati u deċentralizzati, u jgħinu l-proċess ta' ristrutturazzjoni u rikulturazzjoni ta' organizzazzjonijiet u sistemi edukattivi (Hopkins, 2003, p.154).*

L-NCF jinkoraġġixxi mudell ta' tmexxija li jippromwovi forom distribwiti ta' tmexxija. F'kuntest ta' din ix-xorta, filwaqt li mexxejja ta' skejjel jaqdu funzjoni kemm ta' viżjoni u kemm strateġija, huma jeħtiġilhom ukoll jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' kultura kollaborattiva li tagħmel użu mill-medda sħiħa ta' ħiliet u esperjenzi professjonali li hemm fost il-membri tal-organizzazzjoni. Jistgħu jinħolqu opportunitajiet varji fl-ambitu tas-sistema tan-netwerk ta' kulleġġi u f'setturi oħrajn biex l-edukaturi jkunu jistgħu jieħdu sehem f'diskors kritiku, jindirizzaw materji kurrikulari u jtejbu l-kwalità ta' tagħlim. Il-mudell ta' tmexxija jista' jkun applikat b'modi differenti fis-Snin Bikrin u fiċ-Ċikli tal-Primarja u tas-Sekondarja.

### *L-Appoġġ għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni tal-Kurrikulu*

Id-DQSE, bi ftehim mal-kulleġġi, l-iskejjel u l-Fakultà tal-Edukazzjoni, għandu funzjoni ewlenija fl-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-NCF li tinkludi l-iżvilupp ta':

- oqsma tat-tagħlim;
- *Learning Outcomes Framework* li jinvolvi l-kitba mill-ġdid tas-sillabi eżistenti;
- deskritturi ta' livell li jikkorrispondu magħhom.

- strateġiji ta' tagħlim li jħaddnu d-diversità;

- proċeduri ta' assessjar li jiżguraw progressjoni individwali ta' tagħlim; u

- assessjar summattiv marbut ma' livelli nazzjonali ta' kisbiet.

Id-deċiżjonijiet marbuta mal-kurrikulu, il-pedagoġija, l-għażla ta' materjali għat-tagħlim, tagħmir u riżorsi għandhom jittieħdu dejjem iżjed bħala riżultat tal-kollaborazzjoni bejn min għandu responsabbiltà fid-DQSE għall-iżvilupp kurrikulari, is-*Senior Management Teams* u l-għalliema fl-iskejjel. Id-DQSE jappoġġja kulleġġi u skejjel fl-żvilupp ta' korsijiet kemm imfasslin apposta u kemm *in-house* li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi, kif ukoll taħriġ li jindirizza prijoritajiet nazzjonali. Id-DQSE hu wkoll responsabbli għall-moderazzjoni u l-kontroll ta' assessjar li jsir mill-iskejjel u l-iżvilupp u/jew moniteraġġ tal-assessjar sommattiv fil-kulleġġi u l-iskejjel.

## Konklużjoni

Dan id-dokument ippreżenta l-konsiderazzjonijiet teoretiċi flimkien mas-seba' komponenti tal-NCF biex jagħti lill-qarrejja informazzjoni dettaljata dwar il-konċettwalizzazzjoni u l-implikazzjonijiet tal-bidla maħsuba li ssir bħala riżultat tal-proposti u rakkomandazzjonijiet.

Is-seba' komponenti tal-NCF ma jistgħux jitqiesu għal rashom, iżda kull komponent għandu kontribut distint u uniku x'jagħti għall-iżvilupp u implimentazzjoni ta' kurrikulu li ma joħloqx problemi u qafas koerenti li jħaddan l-esperjenzi ta' l-istudenti mis-Snin Bikrin sa tmiem l-iskola sekondarja.

Id-dokument li jmiss jippreżenta proposta għall-interpretazzjoni tal-qafas f'kull wieħed mit-tliet ċikli ta' edukazzjoni li jgħaddu minnhom it-tfal f'Malta, jiġifieri s-Snin Bikrin, iċ-Ċiklu tal-Primarja u ċ-Ċiklu tas-Sekondarja.

# Referenzi

Bastiani, J. (2002). *Parental involvement in children's learning.* Tower Hamlets.

Clark, M., Borg, S., Calleja, G., Chircop, F. and Portelli, R. (2005). School attendance improvement report. Ministry of Education, Youth & Employment.

Costa, A., & Kallick, B. (2000). *Habits of mind: A developmental series.* Book I: *Discovering and exploring habits of mind.* Book II: *Activating and engaging habits of mind.* Book III: *Assessing and reporting on habits of mind.* Book IV: *Integrating and sustaining habits of mind.* Alexandria, VA: ASCD.

Costa, A., and Kallick, B. (2009). *Learning and leading with habits of mind: Sixteen dispositions of success.* Alexandria, VA: ASCD.

Council of Europe. (2001). *The Common European framework of reference for languages.* Strasbourg: Language Policy Division, Council of Europe. Available at: http://www.coe.int/t/dg4/linguistic/Source/Framework_EN.pdf

Debono, M., Camilleri, S., Galea, J. & Gravina, D. (2007). A career guidance policy and strategy for compulsory schooling in Malta. Malta: Ministry of Education, Youth & Employment. Available at: http://www. Education.gov.mt/ministry/doc/pdf/career_guidance_policy.pdf

de Corte E., (2010). Historical perspectives in the understanding of learning. In, Dumont, H. , Istance, D. & Benavides, F. (Eds.). *The nature of learning: Using research to inspire practice* (pp. 35-68). France: OECD-CERI.

Desmond, S. & Elfert, M. (Eds). (2008). *Family literacy: Experiences from Africa and around the world.* Hamburg: UNESCO Institute of Lifelong Learning.

Dewey, J. (1933). How we think: A restatement of the relation of reflective thinking to the education process. New York: D.C. Heath. Directorate for Quality and Standards in Education, Malta. (2009). *National policy and strategy for the attainment of core competences in primary education.* Malta: Ministry of Education, Culture, Youth & Sport.

Directorate for Quality and Standards in Education (2009). *Nationalli Policy and Strategy for the Attainment of Core Competences in Primary Education.* Malta: Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. Available at: http://www.education.gov.mt/ministry/doc/pdf/core_competences/Core_Competencies.pdf

Education Act (1988) *Chapter 327.* (Part I section 7).Malta: Government of Malta. Available at http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/Ingliż/leg/vol_7/chapt327.pdf

Education (Amendment) Act (2006) *Chapter 327*. Malta: Government of Malta.

European Commission, (2006). *Lisbon Strategy for Growth and Jobs* (Memo 06/478/12th Dec 2006). this stemmed from the European Council in Lisbon in March 2000 – the Presidency Conclusions are available at: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/00100-r1.en0.htm

European Commission, (2006). *Recommendation of the European Parliament and of the Council of 18 December 2006 on key competences for lifelong learning (2006/962/EC)*. Available at: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:394:0010:0018:en:PDF

European Commission. (2009). *Council Conclusions on a strategic framework for European cooperation in education and training (ET 2020)* 2941st Edukazzjoni, Youth and Culture Council meeting. Brussels, 12 May 2009.

Grima, G., Grech, L., Mallia, C., Mizzi, B., Vassallo, P., & Ventura, F. (2007) *Transition from Primary to Sekondarju Skejjel in Malta: A Review*. Malta: Ministry of Education, Culture, Youth and Sports.

Hopkins, D. (2003). Understanding networks for innovation in policy and practice. In *Networks of innovation. Towards new models for managing skejjel and systems*. Paris: OECD. Available at: http://www.oecd.org/dataoecd/23/45/41283986.pdf

Hornby,G. (2000). *Improving parental involvement*. London & New York: Cassell.

Lashway, L. (2006) Visionary Leadership, Chapter 7, pp. 153-177, in Stuart, C. Smith and Philip, K. Piele, School Leadership: Handbook for Excellence in Student Learning, 4th edition, Thousand Oaks, CA: Corwin Press.

Martin de Agar, J.T. (2000). Modes of regulation on Catholic Religious instruction and Education in State schools, 1989*. In Raccolta di Concordati 1950-1999*. (pp. 625-632). Vatican: Libreria Editrice Vaticana

Mayo, P. (2007). *Adult Education in Malta*. International perspectives in adult education No. 56. dvv international, Bonn.

Ministry of Education, Malta. (1999). *Creating the Future Together: Nazzjonali Minimum Kurrikulu*. Malta: Ministry of Education.

Ministry of Education, Malta. (2000). Inclusive education policy regarding students with a disability. Malta: Ministerial Committee on Inclusive Education. Available at: http://www. education.gov.mt/ministry/doc/pdf/policy_on_inklużjoni_of_students_with_disability_of_mcie.pdf

Ministry of Education, New Zealand. (2007). *The New Zealand curriculum for Ingliż-medium teaching and learning in Years 1 to 13*. Wellington, NZ: Learning Media. Available at: http://nzkurrikulu.tki.org.nz/curriculum-documents/The-New-Zealand-Curriculum

Ministry of Education, Youth and Employment. (2005). *For All Children to Succeed: a new network organisation for quality Edukazzjoni in Malta*. Malta: Ministry of Edukazzjoni, Youth & Employment.

Ministry of Education, Youth and Employment & Ministry for Investment, Industry and Information Technology, (2008). *Smartlearning: Malta's national eLearning strategy 2008-2010*. Available at: schoolnet.gov.mt/rabata/smartlearningPDF.pdf

Nazzjonali Audit Office (2010). *Performance Audit: Physical Education and Sport in State Primary and Secondary Schools.* Floriana, Malta: NAO.

Purchase, D. (2010). *Design & Technology: A subject review*. DQSE: Unpublished report.

Robinson, K. & Aronica, L. (2009). *The Element: How finding your passion changes everything.* USA: Viking Penguin.

Scottish Executive (2004). *A curriculum for excellence. The curriculum review group*. Edinburgh: Scottish Executive. Available at: http://www.scotland.gov.uk/Resource/Doc/26800/0023690.pdf

Scottish Executive (2006). *A curriculum for excellence. Building the curriculum 3-18 (1). The contribution of curriculum areas*. Edinburgh: Scottish Executive. Available at: http://www.ltscotland.org.uk/Images/building_curriculum1_tcm4-383389.pdf

Scottish Executive (2007). *A curriculum for excellence. Building the curriculum 3-18 (2). Active learning in the Early Years*. Edinburgh: Scottish Executive. Available at: http://www.ltscotland.org.uk/Images/Building%20the%20Curriculum%202_tcm4-408069.pdf

Simister, C.J. (2007). *How to teach thinking and learning skills. A practical programme for the whole school.* London: Sage.

Sollars, V., Attard, M., Borg, C. & Craus, B. (2006). *Early childhood education and care. A natioanl policy*. Malta: Ministry of Education, Youth & Employment.

Spiteri, A. & Galea, V. (2007). *ġenituri' Lifelong Learning Portfolio*. Malta: Foundation for Educational Services.

Spiteri, L., Borg, G., Callus, A.M., Cauchi, J. & Sciberras, M. (2005). *Inclusive and special education review*. Malta: Ministry of Education, Youth & Employment. Available at: http://www. education.gov.mt/ministry/doc/pdf/inclusive_edu.pdf

Sultana, R.G. (1992). *Education and National Development: Historical and Critical Perspectives on Vocational Schooling in Malta*. Msida: Mireva

The Scottish Government (2008). *Curriculum for excellence. Building the curriculum 3. A framework for learning and teaching*. Edinburgh: The Scottish Government. Available at: http://www.ltscotland.org.uk/Images/building_the_curriculum_3_jms3_tcm4-489454.pdf

UNESCO (2006). Vision & Definition of Education for Sustainable Development. Available at: http://portal.unesco.org/education /en/ev.php-URL_ID=27279&URL_DO=DO_TOPIC&URL_SECTION=201.html.

UNESCO Institute of Lifelong Learning (2008). *Family literacy: A global approach to lifelong learning*. Hamburg.

United Nations (2004). *Agenda 21: Chapter 36: Promoting Education, Public Awareness and Training*. Department of Economic and Social Affairs, Division for Sustainable Development. Available at: http://www.un.org/esa/sustdev/documents/agenda21/Ingliż/agenda21chapter36.htm

Vella, M. (1999). Message Director of Curriculum. *Creating the Future Together: National Minimum Curriculum*. Malta: Ministry of Education.

Wain, K. (1991). *The Malti National Curriculmu: a critical evaluation*. Malta: Mireva Educational.

Wain, K. Attard, P., Bezzina, C., Camilleri, R., Darmanin, M., Farrugia, C., Psaila, A., Sammut, J., Sultana, R. & Zammit, L. (1995). *Tomorrow's Schools: developing effective learning cultures.* Floriana: Ministry of Education and Human Resources.

Waller, V. & Wilson, J. (2001). A definition for e-learning. *eLearning Network & The Forum for Technology in Training*, Open and Distance Learning Quality Council Newsletter, October 2001, 1-2. Available at http://www.odlqc.org.uk/odlqc/n19-e.htm

Williams, B., Williams, J. & Ullman, A. (2002). Report RR332: *Parental involvement in education research.* BMRB Social Research, Department for Education and Skills, England and Wales

# Appendiċi I:

## Il-Bżonn ta' Politika Nazzjonali dwar il-Lingwa

### *Il-Kuntest*

Il-Malti u l-Ingliż huma t-tnejn lingwi uffiċjali mniżżlin fil-Kostituzzjoni tagħna, filwaqt li l-Malti hu wkoll il-Lingwa Nazzjonali. It-tnejn jintgħallmu tul il-kors kollu tal-edukazzjoni obbligatorja. Madankollu, fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja perċentwali tal-istudenti kollha għadhom s'issa ma jirnexxilhomx jgħaddu l-eżamijiet tas-SEC f'dawn il-lingwi jew imqar jippruvaw jagħmluhom[19]. Hemm ukoll tħassib fuq il-profiċjenza kemm fil-Malti u kemm fl-Ingliż f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni postsekondarji u ogħla fejn hemm il-perċezzjoni li l-profiċjenza fiż-żewġ lingwi naqset mas-snin.

L-istatus 'inferjuri' li l-Malti kellu għal mijiet ta' snin sas-seklu 19 kellu l-vantaġġ li jippreserva u jipproteġi l-lingwa milli tinqered. Iżda l-prezz ta' din il-preservazzjoni kien li l-lingwa żviluppat f'għadd ristrett ta' reġistri u kuntesti. Dan il-wirt ta' pożizzjonar u limitazzjoni għadu jidher fil-mod kif il-Malti jintuża fl-iskejjel tagħna. Fil-fatt hemm varjetà ta' manjieri kif u meta jintużaw il-Malti u l-Ingliż. Fil-parti l-kbira tal-iskejjel il-Malti ġeneralment jintuża bħala medju ta' tagħlim, komunikazzjoni u interazzjoni soċjali, filwaqt li f'xi skejjel il-medju preferit hu l-Ingliż. Il-kotba tal-iskola, l-assessjar kontinwu u l-eżamijiet fil-parti l-kbira tas-suġġetti tal-kurrikulu huma bl-Ingliż. L-għalliema jħobbu jaqilbu mill-Malti għall-Ingliż b'mod komplementari waqt li jkunu qed jispjegaw fil-klassi. Dan qed iwassal għas-sitwazzjoni li fiha l-parti kbira tat-termini tekniċi huma studjati bl-Ingliż, bir-riżultat li l-Malti la qed ikun żviluppat fi grad għoli u lanqas qed jintuża biex jiżviluppa reġistri ġodda fis-suġġetti jew oqsma differenti tat-tagħlim.

Għalkemm tul is-snin il-Malti twessa' fl-użu għal medda dejjem tikber ta' sitwazzjonijiet formali u informali, l-Ingliż jibqa' l-lingwa dominanti tal-ekonomija u l-passaport tagħna għall-komunikazzjoni mal-biċċa l-kbira tad-dinja. Madankollu, l-espożizzjoni għall-Ingliż u l-użu tiegħu nbidlu wkoll matul is-snin. Il-varjetà ta' Ingliż użat mill-parti l-kbira tal-adulti Maltin ikkristallizzat ruħha f'Malti-Ingliż postkolonjali dejjem aktar lokalizzat. Il-Malti-Ingliż għandu karatteristiċi distinti fir-rigward tal-grammatika, intonazzjoni u vokabularju, iżda ma jinkludix qlib minn kodiċi għal ieħor jew taħlit ta' kodiċijiet.

Fl-istess ħin Malta mhix barranija għall-implikazzjonijiet lingwistiċi tal-globalizzazzjoni. Forom dejjem aktar diversi ta' 'Ingliż' qed jolqtu b'mod sinifikanti l-aspettattivi u mġibiet tal-komunikazzjoni taż-żgħażagħ Maltin, l-aktar permezz tal-midja elettroniċi kemm bħala spettaturi u kemm b'mod interattiv. Apparti mill-kważi-eġemonija tal-Ingliż Amerikan fiċ-ċinema, in-netwerking soċjali bl-SMS u elettroniku qed jiddefinixxu mill-ġdid id-distinzjoni

19 Ir-riċerka turi li dan hu parzjalment dovut għall-istrutturi skolastiċi tagħna li qabel ir-riformi reċenti tat-transizzjoni mill-primarja għas-sekondarja, kienet tifred l-istudenti tagħna kmieni wisq u spiss wisq. Dan irriżulta f'distribuzzjoni mhix ekwa ta' riżorsi u awtostima mħassra li wasslu għal ċikli rigressivi ta' *self-fulfilling prophecy* (Grima & Farrugia, 2006). Iżda tista' tkun ukoll parzjalment ħtija ta' nuqqas ta' bażi bilingwi xierqa fiċ-ċiklu tal-primarja tat-tagħlim fl-iskola.

bejn kodiċi formali u informali, bejn kitba u taħdit, u qed jisfidaw in-nozzjoni nnifisha ta' 'korrettezza' tal-komunikazzjoni. Id-drawwiet ta' qari qed jinbidlu b'mod sinifikanti billi l-qari bl-Ingliż qiegħed dejjem u dejjem aktar isir f'kuntesti elettroniċi bħalma huma logħob, siti u blogs. Din id-demokratizzazzjoni tal-oriġini tal-kontenut fetħet possibilitajiet ġodda u vasti ta' komunikazzjoni, iżda fl-istess ħin tagħmel aktar tqila l-kwistjoni ta' x'jiġifieri tkun 'litterat'.

Il-kwistjoni tal-Malti u l-Ingliż bħala midja ta' struzzjoni kienet indirizzata mill-NMC tal-1999. Dan kien qasam is-suġġetti f'żewġ settijiet u rrakkomanda li: (1) il-Malti, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon u l-PSD jkunu mgħallmin bil-Malti, filwaqt li (2) l-bqija jkunu mgħallmin bl-Ingliż. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien tal-Malti jemmen li din ir-rakkomandazzjoni saħħet bla ma riedet l-idea li l-lingwa ta' prestiġju hija l-Ingliż (Dec 2009)[20]. Barra minn hekk, l-NMC fl-1999 ħalla jsir taqlib ta' kodiċi għal skopijiet pedagoġiċi. L-obbligu mniżżel mill-NMC li l-iskejjel kollha għandhom jifformulaw politika lingwistika u li din għandha tkun suġġett fil-Pjan ta' żvilupp tal-Iskola ma kinitx segwita b'mod konsistenti mill-iskejjel kollha. Lanqas il-programmi kollha ta' konsolidament maħsubin għal studenti b'diffikultajiet fil-Malti u fl-Ingliż mill-NMC ma kienu implimentati fl-iskejjel kollha jew b'effettività ugwali.

20 *Il-Bilingwiżmu fl-Edukazzjoni ta' Pajjiżna: X'inhu l-aħjar għal uliedna?* Seminar organizzat b'mod konġunt mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u d-DQSE. 5 ta' Diċembru 2009.

# Appendiċi II:

## Is-Servizzi ta' Appoġġ u Inklużjoni

### A. Is-Servizzi ta' Appoġġ

Id-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu u jikkoordina l-operazzjoni ta' għadd ta' servizzi li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-istudenti qed ikunu sodisfatti kif ukoll jiżgura aċċess għall-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. L-iżvilupp ta' aspetti psikosoċjali tal-istudenti tul l-edukazzjoni formali kollha tagħhom jaqa' taħt id-dominju tas-servizzi psikosoċjali fi ħdan l-istess dipartiment. L-għoti ta' servizzi jseħħ f'livelli diversi, u l-aktar:

***F'livell ċentrali permezz ta' servizzi miġburin fid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti***

- L-istudenti għandhom aċċess għall-Communication and Technology Unit (ACTU) li permezz tiegħu jingħata appoġġ lil diversi msieħba, fosthom l-istudenti, l-għalliema, l-LSAs , il-ġenituri, il-professjonisti tas-saħħa, l-SMTs u oħrajn biex isibu mod li jkabbar il-komunikazzjoni jew ikun ta' alternattiva għall-istudenti b'diffikultajiet ta' komunikazzjoni serji, kif ukoll aċċess għat- teknoloġija, l-aktar biex ikun hemm aċċess għall-kurrikulu.

- It-tim tal-Autism Spectrum Support jgħin lil studenti b'diżordnijiet tal-*autism spectrum* u wkoll lill-ġenituri jew il-*carers* tagħhom, l-għalliema tal-klassijiet, u l-LSAs. It-tim jipprovdi appoġġ fid-dar u fl-iskola, u jagħti pariri fuq riżorsi skont il-ħtiġijiet individwali.

- L-għalliema peripatetiċi li jagħtu appoġġ b'servizz ta' intervent bikri jaħdmu speċifikament mat- tfal mit-twelid sakemm ikollhom ħames snin li jkollhom diffikultajiet ta' żvilupp, mediċi, psikoloġiċi, fiżiċi, ta' tagħlim u ta' xi xorta oħra. Huma jagħtu appoġġ lill-ġenituri jew il-*carers* fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' programm edukattiv li hu strutturat skont il-ħtiġijiet individwali tat-tifel jew tifla.

- L-għalliema peripatetiċi għal studenti li jbatu minn vista difettuża joffru servizzi fl-iskejjel skont il-ħtiġijiet tal-każ speċifiku u esiġenzi oħrajn. F'kull każ jitqiesu l-ħiliet partikolari u l-ħtiġijiet ta' kull student, l-età tiegħu jew tagħha, l-opinjonijiet ta' professjonisti oħrajn, u x-xewqat u fehmiet kemm tal-ġenituri u kemm tat-tfal.

- L-għalliema peripatetiċi għal studenti li jbatu mis-smigħ joffru servizzi fl-iskejjel. Safejn hu possibbli, dawn is-servizzi jippromwovu u jħeġġu l-inklużjoni sħiħa tal-istudenti li jbatu mis-smigħ, b'xi aġġustmenti skont il-ħtieġa.

- L-għalliema li jgħallmu fid-djar jagħtu appoġġ lill-istudenti ta' bejn il-ħames u s-sittax-il sena li, ħtija ta' mard jew kondizzjonijiet mediċi li jtulu, ma jistgħux jattendu l-iskola.

- Is-Servizzi għas-Sigurtà tat-Tfal (Child Safety Services) jipprovdu servizzi ta' intervent u prevenzjoni lill-istudenti, il-ġenituri u l-iskejjel għal tfal li jkunu ġew abbużati.

- Is-Servizz kontra abbuż minn sustanzi (Anti-Substance Abuse Service) jipprovdi għajnuna lill-iskejjel kull meta jkun hemm każijiet ta' abbuż allegat ta' sustanzi. Barra minn hekk, l-għalliema fis-servizz jagħtu informazzjoni fuq l-użu illegali u mhux addattat ta' sustanzi.

- Is-Servizz favur Imġiba Tajba u kontra l-ibbuljar (Good Behaviour and Anti-Bullying Service) jipprovdi għajnuna lill-iskejjel kull meta jkun hemm każijiet ta' allegazzjonijiet ta' bbuljar. Barra minn hekk, l-għalliema fis-servizz jgħinu biex ikun hemm sistemi ħolistiċi fl-iskejjel li jindirizzaw dawn il-bżonnijiet, u jagħtu wkoll l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġ.

- Is-Servizzi Psikoloġiċi fl-Iskejjel (School Psychological Services) jaħdmu għal ambjent psikoloġiku san li jiffaċilita t-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal, u l-provediment ta' servizz terapewtiku effettiv skont kif u meta jkun meħtieġ.

- It-Taqsima ta' ħidma Soċjali fl-Iskejjel taħdem biex jingħata servizz effettiv ta' ħidma soċjali lill-istudenti kollha li laħqu l-età ta' attendenza obbligatorja fl-iskola ħalli jgħinhom fit-tkabbir edukattiv u personali tagħhom, billi jopera fl-ambjent edukattiv, familjari u soċjali tal-istudenti.

- Il-Unit *Għożża* jagħti servizz ta' appoġġ u programm edukattiv lill-istudenti ta' età tal-iskola li jkun ħarġu tqal biex iwassalhom ħalli jadottaw atteġġjament pożittiv lejn il-maternità filwaqt li jagħtihom il-ħiliet meħtieġa biex ikomplu fil-mogħdija tal-karriera tagħhom.

- Is-Servizzi tal-Mediċini fl-Edukazzjoni jippromwovu stil ta' ħajja u ambjent effiċjenti b'risq is-saħħa fis-sistema edukattiva u jirrispondu għall-ħtiġijiet mediċi tal-istudenti u ta' min jaħdem fl-iskejjel. L-impjegati fis-servizz jiffaċilitaw ukoll il-prevenzjoni primarja u sekondarja tal-mard u d-diżabbiltà.

***F'livell ta' kulleġġ permezz tas-servizzi mogħtija lill-għaxar kulleġġi fil-Gżejjer Maltin.***

- Is-servizzi ta' gwida għall-karrieri jagħtu gwida kurrikulari, inklużi għażliet ta' suġġetti u għażla ta' korsijiet, u jiffaċilitaw it-transizzjoni tal-istudenti mill-istituzzjonijiet edukattivi tal-Primarja għal tas-Sekondarja, minn tas-Sekondarja għal tal-post-sekondarju, u mill-post-sekondarju għal istituzzjonijiet edukattivi oħrajn u/jew għax-xogħol.

- Is-servizzi ta' *counselling* jipprovdu servizz għaddej il-ħin kollu li jwassal għall-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti.

- Il-Koordinaturi tal-Inklużjoni (INCOs) jipparteċipaw fl-iżvilupp u l-provediment ta' politika għal ħtiġijiet Edukattivi Speċjali (SEN) għall-kulleġġ f'kollaborazzjoni mal-SMT u l-Prinċipal tal-Kulleġġ. Huma jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u l-moniteraġġ ta' din il-politika u azzjonijiet relatati magħha biex jiżguraw aċċess ekwu għall-kurrikulu rilevanti fil-każ ta' studenti bi ħtiġijiet Edukattivi Individwali (IENs) kif ukoll billi jissorveljaw l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-IEPs fost oħrajn.

- Twaqqfu *Nurture Groups* u *Learning Support Zones* u ċentri ta' appoġġ għat-tagħlim għal studenti b'diffikultajiet soċjali u emozzjonali, b'iffukar ċar għar-riintegrazzjoni kemm jista' jkun malajr ta' dawk li jużaw is-servizz.

***F'livell tal-klassi tal-iskola***

- Il-*Learning Support Assistants* (LSAs) f'livell ta' klassi jappoġġjaw u jikkollaboraw mal-għalliem tal-klassi u kollegi oħrajn u, taħt il-gwida tal-għalliema, jgħinu fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha fil-klassi, l-aktar dawk bi ħtiġijiet edukattivi individwali biex ikun żgurat li jgawdu d-dritt kurrikulari individwali tagħhom u li l-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom ikunu sodisfatti. L-LSAs ukoll għandhom funzjoni importanti fil-parteċipazzjoni sħiħa, fost ħwejjeġ oħra, fil-pjanijiet tal-MAPs, IEPs u Transizzjoni Individwali.

***Fil-livell individwali***

- L-istudenti li jkunu identifikati li jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet mill-iStatementing Moderating Panel huma eliġibbli għal IEP. Dan hu żviluppat għall-istudent b'diżabbiltà u jiddeskrivi l-modifiki u addattamenti għall-programm edukattiv tal-istudent u għas-servizzi meħtieġa biex ikun żgurat aċċess sħiħ għad-dritt edukattiv. Dan hu skont il-Politika ta' Edukazzjoni Inklużiva fir-rigward ta' studenti b'diżabbiltà (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2000).

- L-arranġamenti speċjali għal eżamijiet għal studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim isiru bl-appoġġ tas-Servizzi Psikoloġiċi għall-Iskejjel u s-Servizz għad-Diffikultajiet Speċifiċi fit-Tagħlim (SpLD) .

## B. L-Inklużjoni u l-NCF

***Il-Filosofija tal-Inklużjoni***

Il-kunċetti ta' diversità u inklużjoni evolvew mas-snin. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (1999) ippreżenta l-inklużjoni bħala waħda mill-karatteristiċi prinċipali tas-sistema skolastika f'Malta. F'dak id-dokument kienet l-aktar mifhuma bħala *mainstreaming*, fejn hu possibbli, tal-istudenti li jkollhom ħtiġijiet speċjali jew xi diżabbiltà, għall-benefiċċju edukattiv ħolistiku tal-istudenti involuti. Min-naħa l-oħra, id-diversità kienet l-aktar mifhuma f'termini ta' rikkezza u aċċettazzjoni ta' sfondi soċjali u kulturali differenti.

Il-paradigma prevalenti ta' inklużjoni wasslet għal enfasi fuq l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet mill-iStatementing Moderating Panel u l-provvista ta' *facilitators*, illum imsejħin *Learning Support Assistants* (LSAs).

Ir-Rapport Spiteri (2005) fetaħ il-problema ta' din iż-żieda drammatika fin-numru ta' LSAs li ma kienx neċessarjament jirriżulta dejjem f'tagħlim aħjar għall-istudenti involuti. Dan esplora kunċett usa' ta' inklużjoni u l-implikazzjonijiet tagħha għall-iżvilupp tal-kurrikulu għal dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu. Fil-każ tal-NCF propost, id-diversità qed tinftiehem bħala karatteristika prinċipali tal-kurrikulu għaliex hija karatteristika prinċipali ta' dawk stess li jkunu qed jitgħallmu.

***Id-Diversità tal-Istudenti***

Bħalissa aħna għandna sistema ta' żewġ binarji fir-rigward tal-politika tal-inklużjoni. Filwaqt li l-parti l-kbira ta' dawk li qed jitgħallmu jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel *mainstream*, numru żgħir tagħhom jattendu Ċentri ta' Riżorsi[21] fejn il-ħtiġijiet edukattivi individwali tagħhom huma sodisfatti bl-aħjar mod f'dawn is-siti mgħammrin apposta.

Minbarra din ir-realtà, illum qed nagħrfu li t-totalità tal-istudenti ta' Malta hija tassew waħda diversa, u qed jiżdiedu l-isforzi biex ikunu esplorati sistemi pedagoġiċi li jirrispondu għad-differenzi, fosthom ta' sfond kulturali, ta' ħiliet, reliġjużi, lingwistiċi u soċjoekonomiċi. Jeħtieġ tinħoloq kultura ta' klassi li bis-saħħa tagħha studenti, huma x'inhuma l-ħiliet, klassi u sfond kulturali jew lingwistiku tagħhom, jappertienu għaliha u huma appoġġjati biex jingħataw l-aħjar opportunitajiet biex jitgħallmu.

Fir-rigward ta' studenti minn sfondi soċjali żvantaġġjati, u f'kollaborazzjoni ma' msieħba importanti lokali u istituzzjonali fil-komunità, l-iskola għandha fuq kollox tfittex li ttejjeb il-ħiliet tal-familji u tappoġġjahom, u komunità lokali għandha tipprovdi ambjent li jkun għani u stabbli kemm jista' jkun mill-aspett edukattiv. Fl-istess ħin, bl-għarfien li sforzi ta' din ix-xorta mhux se jkunu biżżejjed għal uħud mit-tfal, hi għandha tfittex li tiżviluppa strutturi u mekkaniżmi li jikkompensaw bil-għan li jimlew, bl-aħjar mod possibbli, il-vojt kritiku li jinħoloq meta t-tfal ma jkollhomx ambjent edukattiv stimulanti u stabbli fid-dar. Dan jista' jimplika li wieħed jindirizza ħtiġijiet bażiċi bħall-ikel u l-mistrieħ, jipprovdi ambjent li jrawwem u jindirizza l-immaniġġjar tal-imġiba, u juża mekkaniżmi ta' tagħlim alternattivi għal dawk tradizzjonali u li huma bbażati fuq ix-xogħol tad-dar.

Jeħtieġ tingħata attenzjoni ugwali lill-istudenti mogħnija b'talenti. Il-proċess tat-tagħlim jeħtieġ joffri sfida biżżejjed biex jimpenjahom u jgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal massimu tagħhom. F'termini ta' tfassil ta' kurrikulu, dan jista' jsir billi jikkunsidraw prattiki effettivi fi tliet dimensjonijiet:

- **kontenut u padrunanza** li jinvolvu li jkollok studenti jesploraw u jifhmu l-medda sħiħa ta' ideat f'qasam ta' kontenut partikolari;
- **ħsieb f'livell ogħla** li jinvolvi analiżi, sinteżi u evalwazzjoni ta' kontenut u kunċetti f'ċertu fond, u l-applikazzjoni tagħhom b'modi differenti u f'kuntesti differenti; u
- użu ta' **kunċetti u temi usa'** biex wieħed jeżamina l-kontenut tal-kurrikulu minn lentijiet differenti, ngħidu aħna bidla, sistemi, setgħa, mudelli u/jew kawża u effett.

Realtà oħra f'livell lokali tinvolvi studenti li għandhom sfondi soċjali u kulturali diversi, fosthom studenti li huma wlied refuġjati u dawk li jfittxu ażil. Appoġġ lil dan il-grupp ta' studenti jinkludi aċċess għall-edukazzjoni u transizzjoni għad-dħul fl-iskejjel *mainstream*, l-ippjanar ta' programm edukattiv għall-istudenti skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom u

21 Qabel it-tnedija tar-Riforma Speċjali tal-Iskejjel fl-2010, dawk li kienu qed jitgħallmu u kellhom ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) kienu moqdijin minn Skejjel Speċjali li oriġinarjament kienu differenzjati skont il-grad u t-tip ta' appoġġ li dawk li kienu qed jitgħallmu kienu jeħtieġu. Ir-Riforma ttrasformat l-Iskejjel Speċjali f'Ċentri ta' Riżorsi li għandhom jagħtu appoġġ lill-iskejjel *mainstream* u jipprovdu lil dawk li jkunu qed jitgħallmu u għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali bl-esperjenza ta' transizzjoni minn skola għal oħra waqt li qed jikbru, b'mod analogu għal tagħlim fi skola *mainstream*.

skont il-*year group*, l-identifikazzjoni ta' strateġiji biex jingħelbu barrieri lingwistiċi, u wkoll appoġġ emozzjonali u psikoloġiku.

Id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu medda ta' servizzi maħsubin biex ikabbru kemm jista' jkun il-potenzjal fil-livelli kollha ta' ħiliet tal-istudenti. Informazzjoni dettaljata qed tingħata f'Taqsima A ta' dan l-Appendiċi.

### Il-Kollaborazzjoni bejn l-Għalliema u l-*Learning Support Assistants*

Ir-relazzjoni fuq il-post tax-xogħol bejn l-LSAs u l-għalliema tal-klassi tinvolvi li l-LSAs jikkollaboraw ma' u jappoġġaw l-għalliema biex:

- jgħinu fl-edukazzjoni ta' dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu fil-klassi, b'mod partikolari ta' dawk li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali biex id-dritt tagħhom għal kurrikulu individwali jkun żgurat u l-ħtiġijiet tat-tagħlim tagħhom ikunu sodisfatti;
- jiżviluppaw u jimplimentaw Programm Edukattiv Individwali (IEP) billi jadattaw l-iskemi ta' xogħol *mainstream*, pjanijiet ta' lezzjonijiet, u riżorsi;
- jippreparaw u jiktbu d-dokument tal-IEP għal kull student b'dikjarazzjoni fil-klassi;
- jgħinu fil-preparazzjoni ta' materjal edukattiv u jagħtu sehem attiv fil-komponenti kollha tal-proċess edukattiv fil-klassi, taħt id-direzzjoni tal-għalliem tal-klassi; u
- jipparteċipaw fil-proċess ta' osservazzjoni, assessjar u dokumentazzjoni tal-operat u mġiba ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu.

Il-livell ta' kollaborazzjoni bejn LSAs u l-għalliem jiddependi wkoll fuq il-livell ta' appoġġ determinat mill-iStatementing Moderating Panel individwalment għal min ikun qed jitgħallem. Hemm erba' livelli ta' appoġġ:

1. **Appoġġ Sħiħ fuq bażi ta' Attenzjoni Individwali:** L-LSA għandu jiddedika l-ħin kollu tiegħu biex jgħin lil dak li jkun qed jitgħallem.

2. **Appoġġ Sħiħ:** L-istudent jeħtieġ l-appoġġ sħiħ tal-LSA iżda mhux fuq il-bażi ta' attenzjoni individwali. L-LSA ikun preżenti fil-klassi tul il-ġurnata kollha u jista' jgħin aktar minn student wieħed (jew waħda) fl-istess klassi sakemm student wieħed biss ikun jeħtieġ appoġġ *full-time*.

3. **Appoġġ maqsum fl-Istess Klassi:** L-istudent jeħtieġ l-appoġġ maqsum tal-LSA li jkun fil-klassi tul il-ġurnata kollha. Dan ix-xorta ta' appoġġ hu determinat mid-dikjarazzjoni tal-istudenti. Il- *Learning Support Assistant* jista' jagħti appoġġ li massimu ta' żewġ studenti fl-istess klassi.

4. **Appoġġ Maqsum:** (appoġġ għal nofstanhar) Dak li jkun qed jitgħallem ma jkunx jeħtieġ appoġġ tul il-ġurnata kollha. Dan ix-xorta ta' appoġġ hu determinat mid-dikjarazzjoni. L-LSA jista' jkun assenjat jew bir-responsabbiltà ta' sa tliet studenti li jkunu qed jitgħallmu u li jkunu fl-istess klassi u/jew sa żewġ student li jkunu jeħtieġu appoġġ maqsum iżda ma jkunux fl-istess klassi. F'dan l-aħħar każ hi rakkomandata l-ekwità.

Fi tmiem iċ-Ċiklu tal-Primarja r-relazzjoni bejn l-LSA, l-għalliem u l-istudent neċessarjament tgħaddi minn bidla. Dan kemm minħabba l-ħtiġijiet ta' żvilupp u soċjoemozzjonali li jinbidlu tal-istudent, u kemm minħabba r-realtà tat-tagħlim fi skola sekondarja li jinvolvi għadd ta' għalliema. Għaldaqstant, l-istudenti li jkollhom dikjarazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom, u jkunu se jgħaddu għal skola sekondarja, jgħaddu minn programm ta' transizzjoni u IEP li jiddeskrivi fid-dettall il-ħiliet u l-ħtiġijiet tal-istudent. L-iskola sekondarja mbagħad hija responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kif imniżżlin fid-'dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet'.

Is-sistema preżenti ta' appoġġ fi skejjel sekondarji għandha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha.

Il-vantaġġi huma li LSAs:

- jappoġġjaw lill-istudenti identifikati u hekk ikunu jistgħu jagħtuhom l-attenzjoni sħiħa tagħhom;
- jiżviluppaw relazzjoni ta' xogħol tajba mal-istudenti assenjati lilhom, u mal-familji tagħhom;
- jiddedikaw aktar ħin biex jippreparaw programmi individwalizzati, immoniterjati mill-għalliema tas-suġġett partikolari, għall-istudenti li ma jkunux jistgħu jsegwu l-kurrikulu tal-klassi;
- jikkonċentraw fuq il-ħolqien ta' riżorsi meħtieġa minn dak jew dawk l-istudenti li jkunu taħt il-kura tagħhom;
- jippreparaw skedi għal kull ġurnata li juru x-xorta ta' modifiki meħtieġa waqt id-diversi lezzjonijiet; u
- jaġġornaw regolarment il-fajls tal-istudenti.

L-iżvantaġġi huma li:

- meta l-istudenti jiżviluppaw f'adulti żgħażagħ huma ma jħossuhomx komdi li jkunu akkumpanjati l-ħin kollu u megħjuna mil-LSAs rispettivi tagħhom;
- l-istudenti spiss jirritaw ruħhom li jkunu ttimbrati minn sħabhom;
- l-ħiliet indipendenti jistgħu ma jkunux inkoraġġuti;
- jkunu żviluppati ħiliet li jagħmluhom dipendenti u hekk ma jkunux qed jippreparaw lill-istudenti biex jiffaċċjaw l-isfidi li ġġib magħha l-ħajja ta' wara l-edukazzjoni obbligatorja;
- l-istudenti jsibuha diffiċli jfendu għal rashom meta l-LSA ma jkunx l-iskola bil-konsegwenza li ma jipparteċipawx fil-lezzjonijiet;
- f'ċerti klassijiet, ngħidu aħna klassijiet ta' ħiliet Bażiċi, xi skejjel qed jispiċċaw bi tliet jew erba' adulti fi klassi ta' tnax-il student. Dan mhux aċċettabbli billi l-appoġġ ikun qed jiġi duplikat u l-LSAs ma jkunux qed jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibbli;

- l-istudenti ma jkunux qed ikunu offruti l-opportunità li jaħdmu ma' adulti jew LSAs differenti billi jkunu qed jaħdmu dejjem mal-istess persuna (sentejn, ġieli aktar) u mbagħad isibuha iebsa jaħdmu ma' adult jew LSA ieħor;

- l-LSAs qatt m'għandhom ħin jispeċjalizzaw f'suġġett prinċipali wieħed jew aktar (Malti, Ingliż u Matematika) billi jkollhom jappoġġjaw lill-istudenti fis-suġġetti kollha;

- xi drabi jkun hemm żewġ LSAs jew aktar fi klassi (klassijiet ta' Suġġetti b'Għażla jew ħiliet Bażiċi); u

- l-istudenti mhumiex qed ikunu inkoraġġuti jappoġġjaw lil sħabhom li jkunu qed jitgħallmu magħhom.

Biex ikunu indirizzati d-diffikulatjiet identifikati fil-qagħda preżenti jeħtieġ li jkun hemm konsiderazzjoni mill-ġdid tal-appoġġ fl-iskejjel sekondarji. Qed ikun propost li LSAs jkunu 'marbuta' jew ma' għalliema ta' suġġetti jew ma' ambjenti jew klassijiet ta' suġġetti partikolari. M'hemm ebda mudell preskritt billi kull skola sekondarja għandha r-realtajiet tagħha. Hawn taħt qed ikunu ssuġġeriti żewġ mudelli li jagħtu lill-Kapijiet tal-Iskejjel il-libertà li jadottaw il-mudell l-aktar addattat għall-iskola tagħhom

### ***Żewġ mudelli għall-iżvilupp tal-LSAs fl-iskejjel sekondarji***

#### ***Mudell 1***

#### ***L-LSA marbut ma' Settijiet***

Dan il-mudell jista' jintuża f'dawk l-iskejjel sekondarji fejn hemm settijiet ta' suġġett tal-qofol mal-medda kollha tal-*year groups*. Dan ifisser li s-settijiet kollha fejn l-istudenti jkollhom dikjarazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom ikollhom fl-istess ħin suġġett identifikat. Huwa mmaterjali kemm ikun hemm settijiet għaliex l-LSA jista' primarjament ikun marbut mas-sett fejn l-istudenti jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet.

F'settijiet fejn ikun hemm studenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet, l-LSA responsabbli għall-appoġġ fl-ambitu ta' dak is-sett jipprepara r-riżorsi meħtieġa għal dak jew dawk li jkunu qed jitgħallmu, u skeda tal-ġurnata komuni għal dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu. (Wara din tingħata lil-LSA responsabbli mill-ħtiġijiet ta' tagħlim tal-istudenti f'suġġetti oħtajn)

Fil-każ tal-bqija tas-suġġetti, l-LSAs ikunu marbuta ma' studenti 'identifikati', kif inhu l-każ tax-xenarju bħalissa, responsabbli għall-IEPs u għall-aġġornar tal-fajl tal-istudent. L-LSAs għandhom joffru appoġġ sa massimu ta' 18-il lezzjoni, billi ħames lezzjonijiet fil-ġimgħa jkunu identifikati bħala perjodu ta' preparazzjoni għal-LSAs (preferibbilment waqt suġġetti fejn l-istudenti ma jeħtiġux appoġġ).

**Xenarju**

| | |
|---|---|
| **Skeda ta' Lezzjonijiet tal-Iskola** | 37 (35 lezzjoni + 2 Lezzjonijiet ta' Attivitajiet Wara Nofsinhar) |
| **Form** | 1 |
| **Klassijiet** | 5 |
| **Studenti b'dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet** | 14 (2 li minnhom jirċievu appoġġ 1-ma'-1) |
| **Assistenti li jagħtu Appoġġ fit-Tagħlim** | 8 |
| **Settijiet għall-Malti, Ingliż, Matematika** | 6 (is-6 settijiet għal suġġett partikolari jkollhom skeda ta' ħinijiet simultanja) |

***Klassifikazzjoni skont il-mudell preżenti:***

| LSA | Student/i | Lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 1 | A + B + C (Klassi 1.1) | 37 |
| 2 | D (Klassi 1.2) + L (Klassi 1.5) | 37 |
| 3 | E* (Klassi 1.2) | 37 |
| 4 | F + G (Klassi 1.3) | 37 |
| 5 | H (Klassi 1.3) | 37 |
| 6 | I + J (Klassi 1.4) | 37 |
| 7 | K* (Klassi 1.4) | 37 |
| 8 | M + N (Klassi 1.5) | 37 |

** appoġġ individwali*

***Klassifikazzjoni skont mudell 1:***

| LSA | Malti, Ingliż, Matematika | Suġġetti Oħrajn | Ħin għall-Preparazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1 | Sett 1 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' studenti A, B, C | x 5 lezzjonijiet |
| 2 | Sett 2 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' studenti D, L | x 5 lezzjonijiet |
| 4 | Sett 3 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' studenti F, G | x 5 lezzjonijiet |
| 5 | Sett 4 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' student H | x 5 lezzjonijiet |
| 6 | Sett 5 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' studenti I, J | x 5 lezzjonijiet |
| 8 | Sett 6 x 14 lezzjonijiet | x18 lezzjonijiet ma' studenti M, N | x 5 lezzjonijiet |
| 3 | Ġurnata Sħiħa ma' student E | | |
| 7 | Ġurnata Sħiħa ma' student K | | |

***Vantaġġi***

- L-LSAs ikunu qed jaħdmu mal-istess grupp b'ħiliet xorta fit-tliet suġġetti ewlenin, u hekk ikunilhom eħfef biex jippreparaw riżorsi u skedi għal kull ġurnata. Meta jkun possibbli li LSA jkun marbut ma' sett fejn ebda wieħed mill-istudenti ma jkollu 'dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet', l-LSA ma jkunx jeħtieġlu jipprepara skedi għal kull ġurnata.

- L-LSAs qegħdin fil-klassi biex jappoġġjaw lill-istudenti billi jkunu marbuta mas-sett.

- Il-ħiliet indipedenti tal-istudenti huma inkoraġġuti permezz tar-realizzazzjoni li, l-aktar fil-każ tas-suġġetti prinċipali, l-LSA jkun aktar marbut mas-sett milli mal-persuna partikolari li tkun qed titgħallem.

- L-istudenti jidraw jaħdmu ma' adulti differenti. *'Set' LSA ma jkunx l-istess wieħed assenjat mal-istudent.*

Dan il-mudell jista' jkun applikat fuq bażi regolari kull sena u f'kull *year group* fl-iskejjel sekondarji mal-medda tal-forms kollha. Meta n-numru ta' LSAs ma jkunx biżżejjed biex jappoġġja grupp sħiħ, allura l-Kap tal-Iskola jista' jassenja LSAs lill-aktar sett jew settijiet vulnerabbli, jew lil dawk is-settijiet li jattendu għalihom l-istudenti u jkollhom dikjarazzjoni

ta' ħtiġijiet. Dan hu mudell flessibbli ħafna li jagħti ċans lill-Kapijiet tal-Iskejjel biex jużawh skont ir-realtajiet tal-iskola.

### *Mudell 2*

### *L-LSAs marbuta mal-għalliema*

F'dan il-mudell l-LSA jkun assenjat ma' għalliem ta' suġġett prinċipali partikolari. Dan jista' jsir mal-medda kollha tal-iskola jew ma' *year groups* partikolari, skont in-numru ta' LSAs disponibbli (preferibilment Ingliż, Matematika u Malti, u suġġett wieħed ieħor).

L-istess LSAs imbagħad isiru *Key LSAs* għall-istudenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet. Kull LSA jkun responsabbli minn tnejn jew tliet persuni li jkunu qed jitgħallmu, kif inhu l-każ bħalissa.

F'dan ix-xenarju, kull LSA jkun assenjat ma' għalliem ta' suġġett ta' dawk is-suġġetti identifikati.

L-LSAs għandhom jaġixxu wkoll ta' *Key LSAs* meta ma jkunux qed jaħdmu mal-għalliem tas-suġġett, billi jagħtu appoġġ lil tnejn jew tlieta li jkunu qed jitgħallmu meta u skont kif ikun meħtieġ.

L-għalliem tas-suġġett u l-LSA jaħdmu bħala tim u jaqsmu bejniethom it-tagħlim u l-appoġġ ma' dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu fil-klassi. L-LSA jipprepara riżorsi u skedi tal-ġurnata ta' kuljum, li wara jiddaħħlu fil-Fajl tal-Istudent.

*Il-Key LSAs* jeħtiġilhom jiżguraw li l-Faljs tal-Istudenti jkunu aġġornati u li r-rakkomandazzjoni tal-IEP jkunu qed jiġu implimentati u segwiti.

### *Xenarju*

| | |
|---|---|
| **Orarju tal-Iskola** | 37 (35 lezzjonijiet + 2 Lezzjonijiet ta' Attivitajiet waranofsinhar) |
| **Għalliema tal-Ingliż** | 4 |
| **Għalliema tal-Malti** | 4 |
| **Għalliema tal-Matematika** | 4 |
| **Għalliema tal-ICT (Għażla tal-Iskola)** | 2 |
| **Għalliema tad-D&T (Għażla tal-Iskola)** | 4 |
| **Klassijiet** | 15 |
| **Studenti b'dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet** | 36 (1 fuq bażi 1-ma'-1) |
| ***Learning Support Assistants*** | 18 |

***Klassifikazzjoni skont Mudell 2:***

| **L-LSA** | **L-Għalliem** | **Studenti għal suġġetti oħrajn li mhumiex Matematika, Malti, Ingliż, ICT u D&T** | **Ħin għal Preparazzjoni** |
|---|---|---|---|
| 1 | Għalliem tal-Matematika 1 x 20 lezzjoni | A + B x 12 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 2 | Għalliem tal-Matematika 2 x 20 lezzjoni | C + D x 12 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 3 | Għalliem tal-Matematika 3 x 25 lezzjoni | E + F x 7 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 4 | Għalliem tal-Matematika 4 x 25 lezzjoni | G + H x 7 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 5 | Għalliem tal-Malti 1 x 20 lezzjoni | I + J x 12-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 6 | Għalliem tal-Malti 2 x 20 lezzjoni | K + L x 12-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 7 | Għalliem tal-Malti 3 x 20 lezzjoni | M + N x 12-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 8 | Għalliem tal-Malti 4 x 12-il lezzjoni | O + P x 20 lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 9 | Għalliem tal-Ingliż 1 x 25 lezzjoni | Q + R x 7 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 10 | Għalliem tal-Ingliż 2 x 25 lezzjoni | S + T x 7 lezzjonijiet | 5 lezzjonijiet |
| 11 | Għalliem tal-3 x 20 lezzjonijiet | U + V x 12-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 12 | Għalliem tal-Ingliż 4 x 20 lezzjoni | W + X x 12-il lezzjonij | 5 lezzjonijiet |
| 13 | Għalliem tal-ICT 1 x 15-il lezzjoni | Y + Z x 17-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 14 | Għalliem tad-D&T 1 x 16-il lezzjoni | AA + BB x 16-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 15 | Għalliem tad-D&T 2 x 16-il lezzjoni | CC + DD x 16-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 16 | Għalliema tal-D&T 3 x 14-il lezzjoni | EE + FF x 18-il lezzjoni | 5 lezzjonijiet |
| 17 | Għalliema tad-D&T 4 x 12-il | GG + HH x 20 lezzjoni | 5 lezzjonijiet |

In-numru ta' suġġetti li tagħżel kull skola partikolari biex tagħti appoġġ fihom, minbarra l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika, jiddependi min-numru ta' LSAs disponibbli. Is-suġġetti magħżula jiddependu wkoll mill-iskola, li trid tqis il-preferenzi edukattivi ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu.

F'xenarju fejn ikun hemm LSAs żejda, dawn jistgħu jkunu assenjati għall-Klassijiet ta' Litteriżmu u Numeriżmu biex ikunu jistgħu jagħtu appoġġ lill-istudenti li jkollhom ħtieġa ta' appoġġ intensiv fin-numeriżmu u fil-litteriżmu, taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassijiet. Huma jistgħu jsegwu programmi suġġeriti ta' qari u ta' numeriżmu fuq bażi individwali jew ta' tnejn tnejn. Dawn is-sessjonijiet ikunu identifikati waqt il-laqgħa tal-IEP bi ftehim sħiħ mal-ġenituri, billi dan ikun ifisser li t-tfal ma jidħlux għal xi suġġett jew għal ċerti suġġetti.

LSAs żejda jistgħu jkunu wkoll assenjati għal klassijiet ta' appoġġ meta jkun hemm każijiet ta' problemi ta' mġiba jew problemi ta' SEBD, taħt il-gwida tal-għalliema tal-*Learning Support Zone* (jekk ikun hemm LSZ) jew ta' speċjalisti tal-SEBD li jkunu qed jgħinu lill-iskola.

Jistgħu jkunu addetti wkoll ma' għalliema fejn it-tmexxija tal-klassi taf tkun diffiċli jew fil-każ ta' għalliema li jgħallmu suġġetti oħrajn mhux appoġġjati fi klassijiet vulnerabbli.

### *Vantaġġi*

- L-għalliem u l-LSA jaħdmu id f'id biex jiżguraw li dawk kollha li jkunu qed jitgħallmu jingħataw fil-fatt id-dritt edukattiv tagħhom;
- L-għalliema jkollhom bżonn biss li jaqsmu l-iskemi ta' xogħol, tbassir, pjanijiet ta' lezzjonijiet u riżorsi ma' LSA wieħed;
- L-għalliema jingħataw għajnuna meta jaddottaw strateġiji li jtejbu t-tagħlim differenzjat;
- L-għalliema jkollhom l-appoġġ tal-LSA meta jippreparaw ir-riżorsi;
- L-LSA jsaħħaħ l-għerf tiegħu (jew tagħha) tas-suġġett partikolari fil-livelli kollha;
- L-LSA għandu jipprepara skeda għal kull ġurnata għal kull klassi meta jkun meħtieġ (f'dawk il-klassijiet fejn ikun hemm l-istudenti li jkollhom 'dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet');
- L-LSA għandu jipprepara riżorsi li jintużaw, jew li jistgħu jintużaw, f'livelli differenti;
- L-LSA se jkun jgħin fl-edukazzjoni tat-tfal kollha fil-klassi, b'mod partikolari tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali, biex id-dritt kurrikulari individwali jkun żgurat u l-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom ikunu sodisfatti;
- *Key LSA* jappoġġja tnejn jew tliet persuni identifikati li jkunu qed jitgħallmu, preferibbilment fi klassi waħda, iżomm il-fajl tagħhom aġġornat u jiżgura li, jekk ikun meħtieġ, jingħatalhom appoġġ f'suġġetti oħrajn li ma jkunux qed ikunu ttrattati mil-LSAs tas-suġġett;
- Ikunu żviluppati l-ħiliet indipendenti ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu;

- L-istudenti ma jkollhomx l-LSA 'tagħhom' il-ħin kollu, iżda jkun hemm jappoġġjawhom oħrajn differenti; u

- L-istudenti jitgħallmu jaħdmu ma' adulti differenti.

Għall-bqija tal-lezzjonijiet, l-LSA jkun assenjat ma' dawk il-klassijiet fejn ikun hemm l-istudenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet, u jaqdi l-ħtiġijiet kollha tal-IEP tal-istudenti u jżomm aġġornati l-fajls tal-istudent jew studenti. L-LSA jkollu l-istudenti li jrid jaqdi kif stipulat fiċ-ċirkolari HRD/46/2009[22] jew xi ċirkolari oħra li tidħol flokha.

***Vantaġġi***

- L-għalliema jaħdmu ma' LSA wieħed u ma jkollhomx għalfejn jaqsmu l-iskemi tax-xogħol u t-tbassir ma' numru ta' LSAs;

- Il-ħidma f'tim titjieb;

- L-LSAs għandhom isiru aktar profiċjenti fis-suġġett prinċipali li jkunu qed jappoġġjaw;

- L-LSAs għandu jkollhom aktar ħin biex jaħdmu fuq suġġetti oħrajn billi jkollhom jaħdmu fuq suġġett prinċipali wieħed biss;

- L-LSAs għandhom jaġixxu ta' *Key LSAs* waqt suġġetti sussidjarji; u

- L-istudenti jaddattaw lilhom infushom biex jaħdmu ma' adulti differenti, u hekk jevitaw id-dipendenza.

Fil-każ taż-żewġ mudelli hu mill-aktar importanti li:

- qabel l-implimentazzjoni jsiru diskussjonijiet bejn l-għalliema;

- jsiru laqgħat tal-ġenituri biex il-ġenituri tal-istudenti li jkollhom dikjarazzjoni ta' ħtiġijiet jingħataw pariri fuq il-bidliet u r-raġunijiet għaliex ikunu saru;

- l-IEPs għandhom jirriflettu b'attenzjoni l-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu;

- jingħata appoġġ lil-INCOs li jkunu qed jitħarrġu billi huma, meta jkun imisshom, jagħtu l-appoġġ tagħhom fir-riżorsi umani involuti; u

l-SMTs jistgħu jużaw kull mudell jew mudelli skont il-ħtiġijiet tal-iskola tagħhom.

Il-Kapijiet tal-Iskejjel jistgħu jadottaw kull wieħed miż-żewġ mudelli, jadottawhom it-tnejn fl-istess żmien, jew iżommu x-xenarju preżenti għal ċerti *year groups* u jużaw wieħed mill-mudelli proposti mal-*year groups* li jifdal. Alternattivament, il-Kap jista' jiddeċiedi li ebda wieħed minn dawn il-mudelli ma jista' jaħdem f'iskola tiegħu u jagħżel li jżomm is-sistema preżenti.

22 http://www.Edukazzjoni.gov.mt/edu/letter_circulars/lc_2009pdf/hrd/HRD46.pdf